ISSN 1725-5104

Il-Ġurnal Uffiċjali ta' l-Unjoni Ewropea

Ħarġa Speċjali *
25 ta' Novembru 2005

Edizzjoni bil-Malti

Leġiżlazzjoni

Werrej

I *Atti li l-pubblikazzjoni tagħhom hija obbligatorja*

★ **Ir-Regolament (KE) Nru 1888/2005 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-26 ta' Ottubru 2005 li jemenda r-Regolament (KE) Nru 1059/2003 dwar l-istabbiliment ta' klassifikazzjoni komuni ta' unitajiet territorjali għall-istatistika (NUTS) minħabba l-adeżjoni tar-Repubblika Ċeka, l-Estonja, Ċipru, il-Latvja, il-Litwanja, l-Ungerija, Malta, il-Polonja, is-Slovenja u s-Slovakkja ma' l-Unjoni Ewropea** 1

★ **Ir-Regolament (KE) Nru 1889/2005 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-26 ta' Ottubru 2005 dwar kontrolli ta' flus kontanti deħlin fil-Komunità jew ħerġin mill-Komunità** 9

★ **Id-Direttiva 2005/59/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-26 ta' Ottubru 2005 li temenda għat-28 darba d-Direttiva 76/769/KEE tal-Kunsill dwar l-approssimazzjoni tal-liġijiet, ir-regolamenti u d-dispożizzjonijiet amministrattivi ta' l-Istati Membri li għandhom x'jaqsmu mar-restrizzjonijiet fuq il-*marketing* u l-użu ta' ċerti sustanzi u preparazzjonijiet perikolużi (*toluene* u *trichlorobenzene*)** [1] 13

★ **Id-Direttiva 2005/60/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-26 ta' Ottubru 2005 dwar il-prevenzjoni ta' l-użu tas-sistema finanzjarja għall-iskop tal-ħasil tal-flus u l-finanzjament tat-terroriżmu** [1] 15

★ **Id-Direttiva 2005/66/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-26 ta' Ottubru 2005 dwar l-użu ta' sistemi ta' protezzjoni ta' quddiem fuq vetturi bil-mutur u li temenda d-Direttiva tal-Kunsill 70/156/KEE** 37

[1] Test b'rilevanza għaż-ŻEE

* Din il-Ħarġa Speċjali bil-Malti hija ppubblikata bil-lingwi uffiċjali ta' l-istituzzjonijiet ta' l-Unjoni Ewropea fil-ĠU L 309.

I

(Atti li l-pubblikazzjoni tagħhom hija obbligatorja)

IR-REGOLAMENT (KE) Nru 1888/2005 TAL-PARLAMENT EWROPEW U TAL-KUNSILL

tas-26 ta' Ottubru 2005

li jemenda r-Regolament (KE) Nru 1059/2003 dwar l-istabbiliment ta' klassifikazzjoni komuni ta' unitajiet territorjali għall-istatistika (NUTS) minħabba l-adeżjoni tar-Repubblika Ċeka, l-Estonja, Ċipru, il-Latvja, il-Litwanja, l-Ungerija, Malta, il-Polonja, is-Slovenja u s-Slovakkja ma' l-Unjoni Ewropea

IL-PARLAMENT EWROPEW U L-KUNSILL TA' L-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidraw it-Trattat li jistabbilixxi l-Komunità Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikolu 285(1) tiegħu,

Wara li kkunsidraw il-proposta mill-Kummissjoni,

Wara li kkunsidraw l-opinjoni tal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew [1],

Wara li kkonsultaw lill-Kumitat tar-Reġjuni,

Filwaqt li jaġixxu skond il-proċedura stabbilita fl-Artikolu 251 tat-Trattat [2],

Billi:

(1) Ir-Regolament (KE) Nru 1059/2003 [3] jikkostitwixxi l-qafas legali għall-klassifikazzjoni reġjonali sabiex jippermetti l-ġbir, il-kumpilazzjoni u t-tixrid ta' statistiċi reġjonali armonizzati fil-Komunità.

(2) L-istatistiċi ta' l-Istati Membri kollha trasmessi lill-Kummissjoni, li jkunu maqsuma skond unitajiet territorjali, għandhom jużaw il-klassifikazzjoni NUTS, fejn applikabbli.

(3) Jeħtieġ li l-Annessi għar-Regolament (KE) Nru 1059/2003 ikunu adattati biex jittieħed kont ta' l-adeżjoni tar-Repubblika Ċeka, l-Estonja, Ċipru, il-Latvja, il-Litwanja, l-Ungerija, Malta, il-Polonja, is-Slovenja u s-Slovakkja ma' l-Unjoni Ewropea.

(4) Ir-Regolament (KE) Nru 1059/2003 għandu għalhekk jiġi emendat skond dan,

ADOTTAW DAN IR-REGOLAMENT:

Artikolu 1

Ir-Regolament (KE) Nru 1059/2003 huwa emendat kif ġej:

1) L-Anness I huwa emendat skond it-test muri fl-Anness I għal dan ir-Regolament.

2) L-Annessi II u III huma mibdula bit-test li jidher fl-Anness II u fl-Anness III għal dan ir-Regolament.

Artikolu 2

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fil-jum ta' wara dak tal-pubblikazzjoni tiegħu fil-*Ġurnal Uffiċjali ta' l-Unjoni Ewropea*.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Strasburgu, nhar is-26 ta' Ottubru 2005.

Għall-Parlament Ewropew	*Għall-Kunsill*
Il-President	*Il-President*
J. BORRELL FONTELLES	D. ALEXANDER

---

[1] ĠU C 157, tat-28.6.2005, p. 149.
[2] Opinjoni tal-Parlament Ewropew tat-12 ta' April 2005 (għadha mhix pubblikata fil-Ġurnal Uffiċjali), u Deċiżjoni tal-Kunsill tad-19 ta' Settembru 2005.
[3] ĠU L 154, tal-21.6.2003, p. 1.

ANNESS I

L-Anness I għar-Regolament (KE) Nru 1059/2003 huwa emendat kif ġej:

1) It-tabella li ġejja tiddaħħal bejn BE — BELGIQUE/BELGIË u DK — DANMARK:

"Kodiċi	Nuts 1	Nuts 2	Nuts 3
CZ	**ČESKÁ REPUBLIKA**		
CZ0	ČESKÁ REPUBLIKA		
CZ01		Praha	
CZ010			Hlavní město Praha
CZ02		Střední Čechy	
CZ020			Středočeský kraj
CZ03		Jihozápad	
CZ031			Jihočeský kraj
CZ032			Plzeňský kraj
CZ04		Severozápad	
CZ041			Karlovarský kraj
CZ042			Ústecký kraj
CZ05		Severovýchod	
CZ051			Liberecký kraj
CZ052			Královéhradecký kraj
CZ053			Pardubický kraj
CZ06		Jihovýchod	
CZ061			Vysočina
CZ062			Jihomoravský kraj
CZ07		Střední Morava	
CZ071			Olomoucký kraj
CZ072			Zlínský kraj
CZ08		Moravskoslezsko	
CZ080			Moravskoslezský kraj
CZZ	EXTRA-REGIO		
CZZZ		Extra-Regio	
CZZZZ			Extra-Regio"

2) It-tabella li ġejja tiddaħħal bejn DE — DEUTSCHLAND u GR — ΕΛΛΑΔΑ (Ellada):

"Kodiċi	Nuts 1	Nuts 2	Nuts 3
EE	**EESTI**		
EE0	EESTI		
EE00		Eesti	
EE001			Põhja-Eesti
EE004			Lääne-Eesti
EE006			Kesk-Eesti
EE007			Kirde-Eesti
EE008			Lõuna-Eesti
EEZ	EXTRA-REGIO		
EEZZ		Extra-Regio	
EEZZZ			Extra-Regio"

3) It-tabella li ġejja tiddaħħal bejn IT — ITALIA u LU — LUXEMBOURG (GRAND-DUCHÉ):

"Kodiċi	Nuts 1	Nuts 2	Nuts 3
CY	**ΚΥΠΡΟΣ/KIBRIS**		
CY0	ΚΥΠΡΟΣ/KIBRIS		
CY00		Κύπρος/Kıbrıs	
CY000			Κύπρος/Kıbrıs
CYZ	EXTRA-REGIO		
CYZZ		Extra-Regio	
CYZZZ			Extra-Regio
LV	**LATVIJA**		
LV0	LATVIJA		
LV00		Latvija	
LV003			Kurzeme
LV005			Latgale
LV006			Rīga
LV007			Pierīga
LV008			Vidzeme
LV009			Zemgale
LVZ	EXTRA-REGIO		
LVZZ		Extra-Regio	
LVZZZ			Extra-Regio
LT	**LIETUVA**		
LT0	LIETUVA		
LT00		Lietuva	
LT001			Alytaus apskritis
LT002			Kauno apskritis
LT003			Klaipėdos apskritis
LT004			Marijampolės apskritis
LT005			Panevėžio apskritis
LT006			Šiaulių apskritis
LT007			Tauragės apskritis
LT008			Telšių apskritis
LT009			Utenos apskritis
LT00A			Vilniaus apskritis
LTZ	EXTRA-REGIO		
LTZZ		Extra-Regio	
LTZZZ			Extra-Regio"

4) It-tabella li ġejja tiddaħħal bejn LU — LUXEMBOURG (GRAND-DUCHÉ) u NL - NEDERLAND:

"Kodiċi	Nuts 1	Nuts 2	Nuts 3
HU	**MAGYARORSZÁG**		
HU1	KÖZÉP-MAGYARORSZÁG		
HU10		Közép-Magyarország	
HU101			Budapest
HU102			Pest
HU2	DUNÁNTÚL		
HU21		Közép-Dunántúl	
HU211			Fejér
HU212			Komárom-Esztergom
HU213			Veszprém
HU22		Nyugat-Dunántúl	
HU221			Győr-Moson-Sopron
HU222			Vas
HU223			Zala
HU23		Dél-Dunántúl	
HU231			Baranya
HU232			Somogy
HU233			Tolna
HU3	ALFÖLD ÉS ÉSZAK		
HU31		Észak-Magyarország	
HU311			Borsod-Abaúj-Zemplén
HU312			Heves
HU313			Nógrád
HU32		Észak-Alföld	
HU321			Hajdú-Bihar
HU322			Jász-Nagykun-Szolnok
HU323			Szabolcs-Szatmár-Bereg
HU33		Dél-Alföld	
HU331			Bács-Kiskun
HU332			Békés
HU333			Csongrád
HUZ	EXTRA-REGIO		
HUZZ		Extra-Regio	
HUZZZ			Extra-Regio
MT	**MALTA**		
MT0	MALTA		
MT00		Malta	
MT001			Malta
MT002			Gozo and Comino/Għawdex u Kemmuna
MTZ	EXTRA-REGIO		
MTZZ		Extra-Regio	
MTZZZ			Extra-Regio"

5) It-tabella li ġejja tiddahhal bejn AT — ÖSTERREICH u PT — PORTUGAL:

"Kodiċi	Nuts 1	Nuts 2	Nuts 3
PL	POLSKA		
PL1	CENTRALNY		
PL11		Łódzkie	
PL111			Łódzki
PL112			Piotrkowsko-skierniewicki
PL113			Miasto Łódź
PL12		Mazowieckie	
PL121			Ciechanowsko-płocki
PL122			Ostrołęcko-siedlecki
PL124			Radomski
PL126			Warszawski
PL127			Miasto Warszawa
PL2	POŁUDNIOWY		
PL21		Małopolskie	
PL211			Krakowsko-tarnowski
PL212			Nowosądecki
PL213			Miasto Kraków
PL22		Śląskie	
PL224			Częstochowski
PL225			Bielsko-bialski
PL226			Centralny śląski
PL227			Rybnicko-jastrzębski
PL3	WSCHODNI		
PL31		Lubelskie	
PL311			Bialskopodlaski
PL312			Chełmsko-zamojski
PL313			Lubelski
PL32		Podkarpackie	
PL321			Rzeszowsko-tarnobrzeski
PL322			Krośnieńsko-przemyski
PL33		Świętokrzyskie	
PL330			Świętokrzyski
PL34		Podlaskie	
PL341			Białostocko-suwalski
PL342			Łomżyński

"Kodiċi	Nuts 1	Nuts 2	Nuts 3
PL4	PÓŁNOCNO-ZACHODNI		
PL41		Wielkopolskie	
PL411			Pilski
PL412			Poznański
PL413			Kaliski
PL414			Koniński
PL415			Miasto Poznań
PL42		Zachodniopomorskie	
PL421			Szczeciński
PL422			Koszaliński
PL43		Lubuskie	
PL431			Gorzowski
PL432			Zielonogórski
PL5	POŁUDNIOWO-ZACHODNI		
PL51		Dolnośląskie	
PL511			Jeleniogórsko-wałbrzyski
PL512			Legnicki
PL513			Wrocławski
PL514			Miasto Wrocław
PL52		Opolskie	
PL520			Opolski
PL6	PÓŁNOCNY		
PL61		Kujawsko-pomorskie	
PL611			Bydgoski
PL612			Toruńsko-włocławski
PL62		Warmińsko-mazurskie	
PL621			Elbląski
PL622			Olsztyński
PL623			Ełcki
PL63		Pomorskie	
PL631			Słupski
PL632			Gdański
PL633			Gdańsk-Gdynia-Sopot
PLZ	EXTRA-REGIO		
PLZZ		Extra-Regio	
PLZZZ			Extra-Regio"

6) It-tabella li ġejja tiddaħħal bejn PT — PORTUGAL u FI — SUOMI/FINLAND:

"Kodiċi	Nuts 1	Nuts 2	Nuts 3
SI	**SLOVENIJA**		
SI0	SLOVENIJA		
SI00		Slovenija	
SI001			Pomurska
SI002			Podravska
SI003			Koroška
SI004			Savinjska
SI005			Zasavska
SI006			Spodnjeposavska
SI009			Gorenjska
SI00A			Notranjsko-kraška
SI00B			Goriška
SI00C			Obalno-kraška
SI00D			Jugovzhodna Slovenija
SI00E			Osrednjeslovenska
SIZ	EXTRA-REGIO		
SIZZ		Extra-Regio	
SIZZZ			Extra-Regio
SK	**SLOVENSKÁ REPUBLIKA**		
SK0	SLOVENSKÁ REPUBLIKA		
SK01		Bratislavský kraj	
SK010			Bratislavský kraj
SK02		Západné Slovensko	
SK021			Trnavský kraj
SK022			Trenčiansky kraj
SK023			Nitriansky kraj
SK03		Stredné Slovensko	
SK031			Žilinský kraj
SK032			Banskobystrický kraj
SK04		Východné Slovensko	
SK041			Prešovský kraj
SK042			Košický kraj
SKZ	EXTRA-REGIO		
SKZZ		Extra-Regio	
SKZZZ			Extra-Regio"

ANNESS II

"ANNESS II

Unitajiet amministrattivi eżistenti

Fil-livell 1 NUTS għall-Belġju 'Gewesten/Régions', għall-Ġermanja 'Länder', għall-Portugall 'Continente', 'Região dos Açores' u 'Região da Madeira', u għar-Renju Unit: l-Iskozja, Wales, l-Irlanda ta' Fuq u l-*Government Office Regions of England*.

Fil-livell 2 NUTS għall-Belġju 'Provincies/Provinces', għall-Ġermanja 'Regierungsbezirke', għall-Greċja 'periferies', għal Spanja 'comunidades y ciudades autónomas', għal Franza 'régions', għall-Irlanda 'regions', għall-Italja 'regioni', għall-Olanda 'provincies', għall-Awstrija 'Länder' u għall-Polonja 'województwa'.

Fil-livell 3 NUTS għall-Belġju 'arrondissementen/arrondissements', għar-Repubblika Ċeka 'Kraje', għad-Danimarka 'Amtskommuner', għall-Ġermanja 'Kreise/kreisfreie Städte', għall-Greċja 'nomoi', għal Spanja 'provincias', għal Franza 'départements', għall-Irlanda 'regional authority regions', għall-Italja 'provincie', għal-Litwanja 'Apskritis', għall-Ungerija 'megyék', għar-Repubblika Slovakka 'Kraje', għall-Iżvezja 'län' u għall-Finlandja 'maakunnat/landskap'."

ANNESS III

"ANNESS III

Unitajiet amministrattivi iżgħar

Għall-Belġju 'Gemeenten/Communes', għar-Repubblika Ċeka 'Obce', għad-Danimarka 'Kommuner', għall-Ġermanja 'Gemeinden', għall-Estonja 'Vald, Linn', għall-Greċja 'Dimoi/Koinotites', għal Spanja 'Municipios', għal Franza 'Communes', għall-Irlanda 'counties or county boroughs', għall-Italja 'Comuni', għal Ċipru 'Δήμοι/κοινότητες (Dimoi/koinotites)', għall-Latvja 'Pilsētas, novadi, pagasti', għall-Litwanja 'Seniūnija', għall-Lussemburgu 'Communes', għall-Ungerija 'Települések', għal Malta 'Lokalitajiet', għall-Olanda 'Gemeenten', għall-Awstrija 'Gemeinden', għall-Polonja 'Gminy, miasta', għall-Portugall 'Freguesias', għas-Slovenja 'Občina', għar-Repubblika Slovakka 'Obce', għall-Finlandja 'Kunnat/Kommuner', għall-Iżvezja 'Kommuner' u għar-Renju Unit 'Wards'."

IR-REGOLAMENT (KE) NRU 1889/2005 TAL-PARLAMENT EWROPEW U TAL-KUNSILL

tas-26 ta' Ottubru 2005

dwar kontrolli ta' flus kontanti deħlin fil-Komunità jew ħerġin mill-Komunità

IL-PARLAMENT EWROPEW U L-KUNSILL TA' L-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidraw it-Trattat li jistabbilixxi l-Komunità Ewropea, u b'mod partikulari l-Artikoli 95 u 135 tiegħu,

Wara li kkunsidraw il-proposta mill-Kummissjoni ([1]),

Wara li kkunsidraw l-opinjoni tal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew,

Waqt li jaġixxu skond il-proċedura msemmija fl-Artikolu 251 tat-Trattat ([2]),

Billi:

(1) Wieħed mill-kompiti tal-Komunità huwa li tippromwovi l-iżvilupp armonjuż, bilanċjat u sostenibbli ta' l-attivitajiet ekonomiċi fil-Komunità kollha billi tistabbilixxi suq komuni u unjoni ekonomika u monetarja. Għal dak l-għan is-suq intern jinkludi spazju mingħajr fruntieri interni li fih jiġi żgurat il-moviment liberu ta' merkanzija, persuni, servizzi u kapital.

(2) L-introduzzjoni fis-sistema finanzjarja tar-rikavat ta' attivitajiet illegali u l-investiment ta' dan ir-rikavat wara l-"ħasil" (*money laundering*) tiegħu huma dannużi għall-iżvilupp ekonomiku san u sostenibbli. Għaldaqstant, id-Direttiva tal-Kunsill 91/308/KEE ta' l-10 ta' Ġunju 1991 dwar il-prevenzjoni ta' l-użu tas-sistema finanzjarja għall-iskop tal-ħasil tal-flus ([3]) introduċiet mekkaniżmu Komunitarju li jimpedixxi l-ħasil tal-flus billi jissorvelja t-transazzjonijiet li jsiru permezz ta' istituzzjonijiet ta' kreditu u finanzjarji u ċerti tipi ta' professjonijiet. Billi hemm ir-riskju li l-applikazzjoni ta' dak il-mekkaniżmu jwassal għal żieda fil-movimenti ta' flus kontanti għal finijiet illeċiti, id-Direttiva 91/308/KEE għandha tiġi supplimentata b'sistema ta' kontroll fuq il-flus kontanti li jidħlu fil-Komunità jew joħorġu mill-Komunità.

(3) Fil-preżent tali sistemi ta' kontroll huma applikati biss minn ftit Stati Membri, li jaġixxu skond il-liġi nazzjonali. Id-differenzi fil-liġijiet huma dannużi għall-funzjonament tajjeb tas-suq intern. L-elementi bażiċi għandhom għalhekk jiġu armonizzati fuq il-livell Komunitarju sabiex jiġi żgurat livell ekwivalenti ta' kontroll fuq movimenti ta' flus kontanti li jaqsmu l-fruntieri tal-Komunità. Tali armonizzazzjoni ma għandhiex, madankollu, tolqot il-possibbiltà għall-Istati Membri li japplikaw, skond id-dispożizzjonijiet eżistenti tat-Trattat, kontrolli nazzjonali fuq movimenti ta' flus kontanti fi ħdan il-Komunità.

(4) Għandu jittieħed kont ukoll ta' attivitajiet kumplimentari mwettqa f'*fora* internazzjonali oħra, partikolarment tat-*Task Force* ta' Azzjoni Finanzjarja dwar il-Ħasil ta' Flus (*FATF*) li ġiet stabbilita mil-Laqgħa Għolja tal-G-7 li saret f'Pariġi fl-1989. Ir-Rakkomandazzjoni Speċjali IX tat-22 ta' Ottubru 2004 tal-*FATF* issejjaħ lill-gvernijiet sabiex jieħdu miżuri għall-iskoperta ta' movimenti fiżiċi ta' flus kontanti, inkluża xi sistema ta' dikjarazzjoni jew xi obbligu ieħor ta' żvelar ta' informazzjoni.

(5) Għaldaqstant, il-flus kontanti li kwalunkwe persuna fiżika ġġorr meta tkun dieħla fil-Komunità jew ħierġa mill-Komunità għandhom ikunu suġġetti għall-prinċipju ta' dikjarazzjoni obbligatorja. Dan il-prinċipju għandu jippermetti lill-awtoritajiet tad-dwana jiġbru informazzjoni dwar tali movimenti ta' flus kontanti u, fejn xieraq, jittrasmettu tali informazzjoni lil awtoritajiet oħrajn. L-awtoritajiet tad-dwana huma preżenti fil-fruntieri tal-Komunità, fejn il-kontrolli huma l-iktar effettivi, u hemm diversi minnhom li diġà akkwistaw esperjenza prattika f'dan il-qasam. Għandu jsir użu mir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 515/97 tat-13 ta' Marzu 1997 dwar għajnuna reċiproka bejn l-awtoritajiet amministrattivi ta' l-Istati Membri u l-koperazzjoni bejn dawn ta' l-aħħar u l-Kummissjoni sabiex tiġi żgurata l-applikazzjoni korretta tal-liġi dwar materji doganali u agrikoli ([4]). Din l-assistenza reċiproka għandha tiżgura kemm l-applikazzjoni korretta ta' kontrolli tal-flus kontanti kif ukoll it-trasmissjoni ta' informazzjoni li tista' tgħin sabiex jinkisbu l-għanijiet tad-Direttiva 91/308/KEE.

(6) Fid-dawl ta' l-għan preventiv u tal-karattru deterrent tiegħu, l-obbligu ta' dikjarazzjoni għandu jiġi sodisfatt meta persuna tidħol fil-Komunità jew toħroġ mill-Komunità. Madankollu, sabiex l-azzjoni ta' l-awtoritajiet tiġi ffukata fuq movimenti sinifikattivi ta' flus kontanti, biss dawk il-movimenti ta' 10 000 euro jew iżjed għandhom ikunu suġġetti għal tali obbligu. Għandu jiġi speċifikat ukoll li l-obbligu ta' dikjarazzjoni japplika għall-persuna fiżika li ġġorr il-flus kontanti, mingħajr ma jitqies jekk dik il-persuna hijiex jew le l-proprjetarju.

(7) Għandu jsir użu minn standard komuni għall-informazzjoni li għandha tiġi provduta. Dan jippermetti lill-awtoritajiet kompetenti jiskambjaw informazzjoni b'iktar faċilità.

([1]) ĠU C 227 E, ta' l-24.9.2002, p. 574.
([2]) Opinjoni tal-Parlament Ewropew tal-15 ta' Mejju 2003 (ĠU C 67 E, tas-17.3.2004, p. 259) Pożizzjoni Komuni tal-Kunsill tas-17 ta' Frar 2005 (ĠU C 144 E, ta' l-14.6.2005, p. 1) u Pożizzjoni tal-Parlament Europew tat-8 ta' Ġunju 2005. Deċiżjoni tal-Kunsill tat-12 ta' Lulju 2005.
([3]) ĠU L 166, tat-28.6.1991, p. 77. Direttiva kif emendata mid-Direttiva 2001/97/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill (ĠU L 344, tat-28.12.2001, p. 76).
([4]) ĠU L 82, tat-22.3.1997, p. 1. Regolament kif emendat bir-Regolament (KE) Nru 807/2003 (ĠU L 122, tas-16.5.2003, p. 36).

(8) Huwa kunsiljabbli li jiġu stabbiliti d-definizzjonijiet meħtieġa għall-interpretazzjoni uniformi ta' dan ir-Regolament.

(9) L-informazzjoni miġbura mill-awtoritajiet kompetenti taħt dan ir-Regolament għandha tiġi mgħoddija lill-awtoritajiet msemmija fl-Artikolu 6(1) tad-Direttiva 91/308/KEE.

(10) Id-Direttiva 95/46/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ta' l-24 ta' Ottubru 1995 dwar il-protezzjoni ta' individwi fir-rigward ta' l-ipproċessar ta' data personali u dwar il-moviment liberu ta' dik id-data ([1]) u r-Regolament (KE) Nru 45/2001 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-18 ta' Diċembru 2000 dwar il-protezzjoni ta' individwi fir-rigward ta' l-ipproċessar ta' data personali mill-istituzzjonijiet u l-korpi tal-Komunità u dwar il-movement liberu ta' dik id-data ([2]) japplikaw għall-ipproċessar ta' "data" personali mill-awtoritajiet kompetenti ta' l-Istati Membri skond dan ir-Regolament.

(11) Fejn ikun hemm indikazzjonijiet li s-somom ta' flus kontanti huma konnessi ma' xi attività illegali, assoċjata mal-moviment ta' flus kontanti, kif imsemmi fid-Direttiva 91/308/KEE, l-informazzjoni miġbura skond dan ir-Regolament mill-awtoritajiet kompetenti tista' tiġi mgħoddija lill-awtoritajiet kompetenti fi Stati Membri oħra u/jew lill-Kummissjoni. B'mod simili, għandu jsir provvediment sabiex ċerta informazzjoni tiġi trasmessa kull meta jkun hemm indikazzjonijiet ta' movimenti ta' flus kontanti li jinvolvu somom iktar baxxi mil-limitu stabbilit f'dan ir-Regolament.

(12) L-awtoritajiet kompetenti għandhom jingħataw is-setgħat meħtieġa sabiex jeżerċitaw kontroll effettiv fuq il-movimenti ta' flus kontanti.

(13) Is-setgħat ta' l-awtoritajiet kompetenti għandhom jiġu supplimentati bl-obbligu ta' l-Istati Memrbi li jistabbilixxu pieni. Madankollu, il-pieni għandhom jiġu imposti biss fin-nuqqas li ssir dikjarazzjoni skond dan ir-Regolament.

(14) Billi l-għan ta' dan ir-Regolament ma jistax jiġi miksub b'mod suffiċjenti mill-Istati Membri u jista' għalhekk, minħabba l-iskala transnazzjonali tal-ħasil tal-flus fis-suq intern, jinkiseb aħjar fuq livell Komunitarju, il-Komunità tista' tadotta miżuri, skond il-prinċipju ta' sussidjarjetà kif stabbilit fl-Artikolu 5 tat-Trattat. Skond il-prinċipju ta' proporzjonalità, kif stabbilit f'dak l-Artikolu, dan ir-Regolament ma jmurx lil hinn minn dak li huwa meħtieġ sabiex jintlaħaq dak il-għan.

(15) Dan ir-regolament jirrispetta d-drittijiet fundamentali u jikkonforma mal-prinċipji mħaddna fl-Artikolu 6(2) tat-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea u riflessi fil-Karta tad-Drittijiet Fundamentali ta' l-Unjoni Ewropea, b'mod partikolari fl-Artikolu 8 tiegħu,

([1]) ĠU L 281, tat-23.11.1995, p. 31. Direttiva kif emendata bir-Regolament (KE) Nru 1882/2003 (ĠU L 284, tal-31.10.2003, p. 1).

([2]) ĠU L 8, tat-12.1.2001, p. 1.

ADOTTAW DAN IR-REGOLAMENT:

Artikolu 1

L-Għan

1. Dan ir-Regolament għandu jikkumplimenta d-dispożizzjonijiet tad-Direttiva 91/308/KEE dwar transazzjonijiet li jsiru permezz ta' istituzzjonijiet finanzjarji u ta' kreditu u ċerti professjonijiet billi jistabbilixxi regoli armonizzati għall-kontroll, mill-awtoritajiet kompetenti, ta' flus kontanti deħlin fil-Komunità jew ħerġin mill-Komunità.

2. Dan ir-Regolament għandu japplika mingħajr preġudizzju għal miżuri nazzjonali għall-kontroll ta' movimenti ta' flus kontanti fil-Komunità fejn tali miżuri huma meħuda skond l-Artikolu 58 tat-Trattat.

Artikolu 2

Id-Definizzjonijiet

Għall-finijiet ta' dan ir-Regolament:

1) "awtoritajiet kompetenti" tfisser l-awtoritajiet tad-dwana ta' l-Istati Membri, jew kwalunkwe awtorità oħra, mogħtija s-setgħa mill-Istati Membri sabiex japplikaw dan ir-Regolament;

2) "flus kontanti" tfisser:

(a) strumenti negozjabbli għall-portatur inklużi strumenti monetarji f'forma għall-portatur bħal *travellers cheques*, strumenti negozjabbli (inklużi ċekkijiet, *promissory notes* u *money orders*) li huma jew f'forma għall-portatur, imdawra mingħajr restrizzjoni, mogħtija lil prenditur fittizju, jew inkella f'tali forma li t-titoli tagħhom jiġu trasferiti ma' l-għoti tagħhom, u strumenti mhux kompleti (inklużi ċekkijiet, *promissory notes* u *money orders*) iffirmati, iżda mingħajr l-isem tal-prenditur;

(b) munita (biljetti ta' flus u muniti li jkunu fiċ-ċirkolazzjoni bħala mezz ta' skambju).

Artikolu 3

L-Obbligu ta' Dikjarazzjoni

1. Kwalunkwe persuna fiżika dieħla fil-Komunità jew ħierġa mill-Komunità u li ġġorr flus kontanti ta' valur ta' 10 000 euro jew iżjed għandha tiddikjara dik is-somma lill-awtoritajiet kompetenti ta' l-Istat Membru li minnu tidħol fil-Komunità jew toħroġ mill-Komunità skond dan ir-Regolament. L-obbligu ta' dikjarazzjoni ma jkunx ġie sodisfatt jekk l-informazzjoni provduta ma tkunx korretta jew ma tkunx kompleta.

2. Id-dikjarazzjoni msemmija fil-paragrafu 1 għandha tikkontjeni dettalji dwar:

(a) id-dikjarant, inklużi l-isem sħiħ, id-data u l-post tat-twelid u n-nazzjonalità;

(b) il-proprjetarju tal-flus kontanti;

(ċ) il-persuna intiża li tirċievi l-flus kontanti;

(d) l-ammont u n-natura tal-flus kontanti;

(e) il-provenjenza u l-użu intiż tal-flus kontanti;

(f) ir-rotta tat-trasport;

(g) il-mezz tat-trasport.

3. L-informazzjoni għandha tiġi provduta bil-miktub, b'mod orali jew elettroniku, kif determinat mill-Istat Membru msemmi fil-paragrafu 1. Madankollu, fejn id-dikjarant hekk jitlob, għandu jkollu l-jedd li jipprovdi l-informazzjoni bil-miktub. Fejn tkun ġiet preżentata dikjarazzjoni bil-miktub, għandha tiġi mogħtija kopja ċertifikata lid-dikjarant jekk dan jitlobha.

Artikolu 4

Is-Setgħat ta' l-Awtoritajiet Kompetenti

1. Sabiex tiġi vverifikata l-konformità ma' l-obbligu ta' dikjarazzjoni stabbilit fl-Artikolu 3, l-uffiċjali ta' l-awtoritajiet kompetenti għandhom jiġu mogħtija s-setgħa, skond il-kondizzjonijiet stabbiliti fil-liġi nazzjonali, sabiex jikkontrollaw persuni fiżiċi, il-bagalji tagħhom u l-mezzi ta' trasport tagħhom.

2. Fejn ikun hemm nuqqas ta' konformità ma' l-obbligu ta' dikjarazzjoni stabbilit fl-Artikolu 3, jistgħu jiġu miżmuma flus kontanti permezz ta' deċiżjoni amministrattiva skond il-kondizzjonijiet stabbiliti fil-liġi nazzjonali.

Artikolu 5

Ir-Reġistrazzjoni u l-Ipproċessar ta' l-Informazzjoni

1. L-informazzjoni miksuba taħt l-Artikolu 3 u/jew l-Artikolu 4 għandha tiġi reġistrata u proċessata mill-awtoritajiet kompetenti ta' l-Istat Membru msemmi fl-Artikolu 3(1) u għandha tkun disponibbli għall-awtoritajiet imsemmija fl-Artikolu 6(1) tad-Direttiva 91/308/KEE ta' dak l-Istat Membru.

2. Fejn jidher mill-kontrolli previsti fl-Artikolu 4 li persuna fiżika tkun diehla fil-Komunità jew tkun ħierġa mill-Komunità b'somom ta' flus kontanti ta' ammonti anqas mil-limitu stabbilit fl-Artikolu 3 u fejn ikun hemm indikazzjonijiet ta' attivitajiet illegali assoċjati mal-moviment ta' flus kontanti, kif inhu msemmi fid-Direttiva 91/308/KEE, dik l-informazzjoni, l-isem sħiħ, id-data u l-post tat-twelid u ċ-ċittadinanza ta' dik il-persuna u d-dettalji tal-mezz ta' trasport użat jistgħu wkoll jiġu reġistrati u proċessati mill-awtoritajiet kompetenti ta' l-Istat Membru msemmi fl-Artikolu 3(1) u jistgħu jkunu disponibbli għall-awtoritajiet msemmija fl-Artikolu 6(1) tad-Direttiva 91/308/KEE ta' dak l-Istat Membru.

Artikolu 6

L-Iskambju ta' Informazzjoni

1. Fejn ikun hemm indikazzjonijiet li s-somom ta' flus kontanti huma konnessi ma' xi attività illegali assoċjata mal-moviment ta' flus kontanti, kif imsemmi fid-Direttiva 91/308/KEE, l-informazzjoni miġbura permezz tad-dikjarazzjoni prevista fl-Artikolu 3 jew permezz tal-kontrolli previsti fl-Artikolu 4 jistgħu jiġu trasmessi lill-awtoritajiet kompetenti fi Stati Membri oħra.

Ir-Regolament (KE) Nru 515/97 għandu japplika *mutatis mutandis*.

2. Fejn ikun hemm indikazzjonijiet li s-somom ta' flus kontanti jinvolvu r-rikavat ta' frodi jew ta' kwalunkwe attività illegali oħra li jagħmlu ħsara lill-interessi finanzjarji tal-Komunità, l-informazzjoni għandha tiġi trasmessa wkoll lill-Kummissjoni.

Artikolu 7

L-Iskambju ta' Informazzjoni ma' Pajjiżi Terzi

Fil-qafas ta' assistenza amministrattiva reċiproka, l-informazzjoni miksuba skond dan ir-Regolament tista' tiġi komunikata mill-Istati Membri jew mill-Kummissjoni lil pajjiż terz, suġġetta għall-kunsens ta' l-awtoritajiet kompetenti li kisbu l-informazzjoni skond l-Artikolu 3 u/jew l-Artikolu 4 u għall-konformità mad-dispożizzjonijiet pertinenti nazzjonali u Komunitarji dwar it-trasferiment ta' data personali lil pajjiżi terzi. L-Istati Membri għandhom jinnotifikaw lill-Kummissjoni dwar tali skambji ta' informazzjoni fejn dawn ikunu partikolarment pertinenti għall-implementazzjoni ta' dan ir-Regolament.

Artikolu 8

L-Obbligu ta' Segretezza Professjonali

Kull informazzjoni ta' natura kunfidenzjali jew li tkun provduta fuq bażi kunfidenzjali għandha tkun suġġetta għas-segretezza professjonali u ma għandhiex tiġi żvelata mill-awtoritajiet kompetenti mingħajr il-permess espliċitu tal-persuna jew ta' l-awtorità li tipprovdiha. Madankollu, l-komunikazzjoni ta' l-informazzjoni għandha tkun permessa meta l-awtoritajiet kompetenti jkunu obbligati li jagħmlu dan skond id-dispożizzjonijiet fis-seħħ, partikularment dawk konnessi ma' proċeduri legali. L-iżvelar jew il-komunikazzjoni ta' l-informazzjoni għandhom jikkonformaw b'mod sħiħ mad-dispożizzjonijiet fis-seħħ dwar il-protezzjoni tad-data, b'mod partikolari d-Direttiva 95/46/KE u r-Regolament (KE) Nru 45/2001.

Artikolu 9

Il-Pieni

1. Kull Stat Membru għandu jintroduċi l-pieni li għandhom japplikaw fejn ikun hemm nuqqas ta' konformità ma' l-obbligu ta' dikjarazzjoni stabbilit fl-Artikolu 3. Tali pieni għandhom ikunu effettivi, proporzjonati u dissważivi.

2. Sal-15 ta' Ġunju 2007, l-Istati Membri għandhom jinnotifikaw lill-Kummissjoni dwar il-pieni applikabbli fil-każ ta' nuqqas ta' konformità ma' l-obbligu ta' dikjarazzjoni previst fl-Artikolu 3.

Artikolu 10

Il-Valutazzjoni

Il-Kummissjoni għandha tippreżenta lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill rapport dwar l-applikazzjoni ta' dan ir-Regolament erba' snin wara d-dħul fis-seħħ tiegħu.

Artikolu 11

Id-Dħul fis-Seħħ

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fl-għoxrin jum wara dak tal-pubblikazzjoni tiegħu fil-*Ġurnal Uffiċjali ta' l-Unjoni Ewropea*.

Għandu japplika mill-15 ta' Ġunju 2007.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmula fi Strasburgu, nhar is-26 ta' Ottubru 2005.

Għall-Parlament Ewropew
Il-President
J. BORRELL FONTELLES

Għall-Kunsill
Il-President
D. ALEXANDER

ID-DIRETTIVA 2005/59/KE TAL-PARLAMENT EWROPEW U TAL-KUNSILL

tas-26 ta' Ottubru 2005

li temenda għat-28 darba d-Direttiva 76/769/KEE tal-Kunsill dwar l-approssimazzjoni tal-liġijiet, ir-regolamenti u d-dispozizzjonijiet amministrattivi ta' l-Istati Membri li għandhom x'jaqsmu mar-restrizzjonijiet fuq il-*marketing* u l-użu ta' ċerti sustanzi u preparazzjonijiet perikolużi (*toluene* u *trichlorobenzene*)

(Test b'rilevanza għaż-ŻEE)

IL-PARLAMENT EWROPEW U L-KUNSILL TA' L-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidra t-Trattat li jistabbilixxi l-Komunità Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikolu 95 tiegħu,

Wara li kkunsidra l-proposta mill-Kummissjoni,

Wara li kkunsidra l-opinjoni tal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew ([1]),

Filwaqt li jaġixxu skond il-proċedura msemmija fl-Artikolu 251 tat-Trattat ([2]),

Billi:

(1) Ir-riskji għall-bniedem u għall-ambjent li jirriżultaw mit-toluene u trichlorobenzene (TCB) ġew evalwati skond ir-Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 793/93 tat-23 ta' Marzu 1993 dwar il-valutazzjoni u l-kontroll tar-riskji ta' sustanzi eżistenti ([3]). L-valutazzjoni tar-riskji identifikat il-ħtieġa li dawk ir-riskji jiġu limitati, u l-Kumitat Xjentifiku dwar it-Tossiċità, l-Ekotossiċità u l-Ambjent (CSTEE) ikkonferma dik il-konklużjoni.

(2) Ir-Rakkomandazzjoni tal-Kunsill 2004/394/KE tad-29 ta' April 2004 dwar ir-riżultati tal-valutazzjoni tar-riskju u ta' l-istrateġiji ta' tnaqqis tar-riskju għas-sustanzi: Acetonitrile; Acrylamide; Acrylonitrile; Aċidu Akriliku; Butadiene; Fluworidu ta' l-Idroġenu; Perossidu ta' l-Idroġenu; Aċidu metakriliku; Methyl methacrylate; Toluene; Trichlorobenzene ([4]), adottata fi ħdan il-qafas tar-Regolament (KEE) Nru 793/93, fiha strateġija għal-limitazzjoni tar-riskji ta' toluene u ta' TCB, filwaqt li tirrakkomanda li jsiru restrizzjonijiet sabiex jiġu limitati r-riskji li jirriżultaw minn ċerti użi ta' dawn is-sustanzi.

(3) Għalhekk, sabiex jitħarsu s-saħħa u l-ambjent, jidher li hu meħtieġ li t-tqegħid fis-suq u l-użu ta' toluene u ta' TCB jiġu ristretti.

(4) L-għan ta' din id-Direttiva huwa li jiddaħħlu miżuri ta' armonizzazzjoni fir-rigward ta' toluene u ta' trichlorobenzene (TCB), TCB, li jkollhom bħala l-mira tagħhom il-funzjonament tajjeb tas-suq intern filwaqt li jiġi żgurat livell għoli ta' protezzjoni tas-saħħa tal-bniedem u ta' l-ambjent, kif inhu meħtieġ mill-Artikolu 95 tat-Trattat.

(5) Din id-Direttiva tapplika bla ħsara għal-leġislazzjoni Komunitarja li tistipula l-ħtiġiet minimi għall-protezzjoni tal-ħaddiema, li tinsab fid-Direttiva tal-Kunsill 89/391/KEE tat-12 ta' Ġunju 1989 dwar l-introduzzjoni ta' miżuri li jinkoraġġixxu titjib fis-sigurtà u fis-saħħa tal-ħaddiema fuq il-post tax-xogħol ([5]) u direttivi individwali bbażati fuqha, b'mod partikolari d-Direttiva tal-Kunsill 98/24/KE tas-7 ta' April 1998 dwar il-protezzjoni tas-saħħa u s-sigurtà tal-ħaddiema mir-riskji li għandhom relatati ma' aġenti kimiċi fuq il-post tax-xogħol (l-erbatax-il Direttiva individwali fit-tifsira ta' l-Artikolu 16(1) tad-Direttiva 89/391/KEE) ([6]) u, d-Direttiva 2004/37/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tad-29 ta' April 2004 dwar il-protezzjoni tal-ħaddiema mir-riskji relatati ma' l-esposizzjoni għal karċinoġeni jew mutoġeni fuq ix-xogħol (is-sitt Direttiva individwali fit-tifsira ta' l-Artikolu 16(1) tad-Direttiva tal-Kunsill 89/391/KEE) ([7]),

(6) Id-Direttiva 76/769/KEE ([8]) għandha tiġi emendata f'dan is-sens.

ADOTTA DIN ID-DIRETTIVA:

Artikolu 1

L-Anness I tad-Direttiva 76/769/KEE għandu jiġi emendat kif stipulat fl-Anness ta' din id-Direttiva.

([1]) ĠU C 120, tal-20.5.2005, p. 6.
([2]) L-Opinjoni tal-Parlament Ewropew tat-13 ta' April 2005 (għadha mhijiex ippubblikata fil-Ġurnal Uffiċjali) u d-Deċiżjoni tal-Kunsill tad-19 ta' Settembru 2005.
([3]) ĠU L 84, tal-5.4.1993, p. 1. Regolament kif emendat mir-Regolament (KE) Nru 1882/2003 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill (ĠU L 284, tal-31.10.2003, p. 1).
([4]) ĠU L 144, tat-30.4.2004, p. 72. Verżjoni kkorreġuta fil-ĠU L 199, tas-7.6.2004, p. 41.
([5]) ĠU L 183, tad-29.6.1989, p. 1. Direttiva kif emendata mir-Regolament (KE) Nru 1882/2003.
([6]) ĠU L 131, tal-5.5.1998, p. 11.
([7]) ĠU L 158, tat-30.4.2004, p. 50. Verżjoni kkorreġuta fil-ĠU L 229, tad-29.6.2004, p. 23.
([8]) ĠU L 262, tas-27.9.1976, p. 201. Direttiva kif emendata l-aħħar mid-Direttiva tal-Kummissjoni 2004/98/KE (ĠU L 305, l-1.10.2004, p. 63).

Artikolu 2

1. L-Istati Membri għandhom jadottaw u jippubblikaw il-liġijiet, ir-regolamenti u d-disposizzjonijiet amministrattivi meħtieġa sabiex jikkonformaw ma' din id-Direttiva qabel 15 ta' Diċembru 2006 Ghandhom minnufih jinfurmaw lill-Kummissjoni ta' dan.

Dawn il-miżuri minn għandhom japplikaw mill-15 ta' Ġunju 2005.

Meta l-Istati Membri jadottaw dawk il-miżuri, dawn għandhom jinkludu referenza għal din id-Direttiva jew għandhom ikunu akkumpanjati minn referenza ta' dan it-tip fl-okkażjoni tal-pubblikazzjoni uffiċjali tagħhom. Il-metodi kif isiru dawn ir-referenzi għandhom jiġu stabbiliti mill-Istati Membri.

2. L-Istati Membri għandhom jikkomunikaw lill-Kummissjoni t-test tad-disposizzjonijiet ewlenin tal-liġi nazzjonali li huma jadottaw fil-qasam kopert minn din id-Direttiva, flimkien ma' tabella li turi kif id-disposizzjonijiet ta' din id-Direttiva jikkorrispondu għad-disposizzjonijiet nazzjonali adottati.

Artikolu 3

Din id-Direttiva għandha tidħol fis-seħħ fil-jum wara l-pubblikazzjoni tagħha fil-*Ġurnal Uffiċjali ta' l-Unjoni Ewropea*.

Artikolu 4

Din id-Direttiva għandha torbot fl-intier tagħha u tapplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmula fi Strasburgu, nhar is-26 ta' Ottubru 2005.

Għall-Parlament Ewropew	*Għall-Kunsill*
Il-President	*Il-President*
J. BORRELL FONTELLES	D. ALEXANDER

ANNESS

Il-punti li ġejjin għandhom jiżdiedu ma' l-Anness I tad-Direttiva 76/769/KEE:

48. Toluene CAS Nru. 108-88-3	Ma jistax jitqiegħed fis-suq jew jintuża bħala sustanza jew kostitwent ta' preparazzjonijiet f'konċentrazzjoni ekwivalenti għal 0,1 % jew ogħla tal-massa f'kolol u sprejs taż-żebgħa maħsuba għall-bejgħ lill-pubbliku.
49. Trichlorobenzene CAS Nru. 120-82-1	Ma jistax jitqiegħed fis-suq jew jintuża bħala sustanza jew kostitwent ta' preparazzjonijiet f'konċentrazzjoni ekwivalenti għal 0,1 % jew ogħla tal-massa għal kull użu ħlief : — bħala prodott intermedju ta' sintesi, jew — bħala solvent ta' proċess f'applikazzjonijiet kimiċi magħluqa għal reazzjonijiet ta' klorinazzjoni; jew — fil-produzzjoni ta' 1,3,5 - trinitro - 2,4,6 - triaminobenzene (TATB)

ID-DIRETTIVA 2005/60/KE TAL-PARLAMENT EWROPEW U TAL-KUNSILL

tas-26 ta' Ottubru 2005

dwar il-prevenzjoni ta' l-użu tas-sistema finanzjarja għall-iskop tal-ħasil tal-flus u l-finanzjament tat-terroriżmu

(Test b'relevanza għaż-ŻEE)

IL-PARLAMENT EWROPEW U L-KUNSILL TA' L-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidraw it-Trattat li jwaqqaf il-Komunità Ewropea, u b'mod partikolari Artikolu 47(2) tiegħu, l-ewwel u t-tielet sentenzi, u Artikolu 95 tiegħu,

Wara li kkunsidraw il-proposta mill-Kummissjoni,

Wara li kkunsidraw l-opinjoni tal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew ([1]),

Wara li kkunsidraw l-opinjoni tal-Bank Ċentrali Ewropew ([2])

Waqt li jaġixxu skond il-proċedura mwaqqfa f'Artikolu 251 tat-Trattat ([3]),

Billi:

(1) Somom kbar ta' flus maħmuġa jistgħu jagħmlu ħsara lill-istabbiltà u r-reputazzjoni tas-settur finanzjarju u jheddu s-suq komuni, u t-terroriżmu jheżżeż proprju l-pedamenti tas-soċjetà tagħna. Barra l-applikazzjoni tal-liġi kriminali, sforz preventiv permezz tas-sistema finanzjarja jista' jagħti riżultati.

(2) Is-saħħa, l-integrità u l-istabbiltà ta' l-istituzzjonijiet ta' kreditu u finanzjarji u l-kunfidenza fis-sistema finanzjarja kollha jistgħu jkunu perikolati b'mod serju bl-isforzi tal-kriminali u sħabhom sabiex jaħbu l-oriġini tad-dħul kriminali jew jikkanalizzaw flus legali jew illegali għal skopijiet terroristiċi. Sabiex ikun evitat li l-Istati Membri jadottaw miżuri għall-protezzjoni tas-sistemi finanzjarji tagħhom li jistgħu jkunu inkonsistenti mat-tħaddim tas-suq intern u l-preskrizzjonijiet ta' l-istat tad-dritt u l-ordni pubbliku Ewropew, hija meħtieġa azzjoni Komunitarja f'dan il-qasam.

(3) Sabiex jiffaċilitaw l-attivitajiet kriminali tagħhom, dawk li jaħslu l-flus u li jiffinanzjaw lit-terroristi jistgħu jippruvaw jieħdu vantaġġ mil-libertà ta' moviment tal-kapital u mil-libertà tal-provvista ta' servizzi finanzjarji inerenti fis-suq finanzjarju integrat, jekk ma jkunux adottati ċerti miżuri ta' koordinazzjoni fil-livell Komunitarju.

(4) Bħala tweġiba għal dan it-tħassib tal-ħasil tal-flus, kienet ġiet adottata d-Direttiva tal-Kunsill 91/308/KEE ta' l-10 ta' Ġunju 1991 dwar il-prevenzjoni ta' l-użu tas-sistema finanzjarja għall-iskop tal-ħasil tal-flus ([4]). Din kienet tesiġi li l-Istati Membri jipprojbixxu l-ħasil tal-flus u jobbligaw lill-partijiet ikkonċernati fis-settur finanzjarju, li jikkonsisti minn istituzzjonijiet ta' kreditu u firxa wiesgħa ta' istituzzjonijiet finanzjarji oħra, li jidentifikaw il-klijenti tagħhom, iżommu reġistri adegwati, joħolqu taħriġ intern għal persunal kontra l-ħasil tal-flus u jirrapportaw kwalunkwe indikazzjonijiet ta' ħasil tal-flus lill-awtoritajiet kompetenti.

(5) Il-ħasil tal-flus u l-iffinanzjar tat-terroriżmu ta' spiss isiru f'kuntest internazzjonali. Miżuri adottati fuq livell nazzjonali jew Komunitarju, mingħajr ma jittieħed kont tal-koordinazzjoni u l-koperazzjoni internazzjonali, ikollhom effetti limitati ħafna. Il-miżuri adottati mill-Komunità f'dan il-qasam għandhom għaldaqstant ikunu konsistenti ma' azzjonijiet oħra meħuda f'fora internazzjonali. L-azzjoni Komunitarja għandha tkompli tieħu kont partikolari tar-Rakkomandazzjonijiet tat-*Task Force* ta' Azzjoni Finanzjarja (minn hawn 'il quddiem imsejjaħ l-"FATF"), li jikkostitwixxi l-korp internazzjonali ewlieni attiv fil-ġlieda kontra l-ħasil tal-flus u l-iffinanzjar tat-terroriżmu. Billi r-Rakkomandazzjonijiet tal-FATF ġew riveduti u mwessa' b'mod sostanzjali fl-2003, din id-Direttiva għandha tiġi allinjata ma' dak l-istandard internazzjonali ġdid.

(6) Il-Ftehim Ġenerali dwar il-Kummerċ fis-Servizzi (GATS) jippermetti li l-Membri jadottaw miżuri neċessarji sabiex jipproteġu l-morali pubbliċi, jipprevjenu l-frodi u għal skopijiet prudenzjali, anke biex jiżguraw l-istabbiltà u l-integrità tas-sistema finanzjarja.

(7) Għalkemm inizjalment limitata għar-reati tad-drogi, fis-snin riċenti kien hemm it-tendenza lejn definizzjoni iktar wiesgħa ta' ħasil tal-flus imsejsa fuq firxa usa' ta' reati relattivi għall-ħasil tal-flus. Firxa usa' ta' reati relattivi tiffaċilita r-rapportaġġ ta' tranżazzjonijiet suspettużi u l-koperazzjoni internazzjonali f'dan il-qasam. Għalhekk, id-definizzjoni ta' reati serji għandha tqarreb mad-definizzjoni ta' reati serji fid-Deċiżjoni Kwadru tal-Kunsill 2001/500/ĠHA tas-26 ta' Ġunju 2001 dwar il-ħasil tal-flus, l-identifikazzjoni, l-intraċċar, l-iffriżar, il-qbid u l-konfiska tal-mezzi u l-qligħ mill-kriminalità ([5]).

([1]) Opinjoni mogħtija fil-11 ta' Mejju 2005 (għadha mhux ippubblikata fil-Ġurnal Uffiċċjali).
([2]) ĠU C 40, tas-17.2.2005, p. 9.
([3]) Opinjoni tal-Parlament Ewropew tas-26 ta' Mejju 2005 (għadha mhux ippubblikata fil-Ġurnal Uffiċjali), u d-Deċiżjoni tal-Kunsill tad-19 ta' Settembru 2005.
([4]) ĠU L 166, tat-28.6.1991, p. 77. Direttiva kif emendata l-aħħar bid-Direttiva 2001/97/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill (ĠU L 344, tat-28.12.2001, p. 76).
([5]) ĠU L 182, tal-5.7.2001, p. 1.

(8) Minbarra dan, l-użu ħażin tas-sistema finanzjarja sabiex flejjes kriminali kif ukoll flejjes nodfa jiġu kanalizzati għal skopijiet terroristiċi huwa ta' riskju ċar għall-integrità, il-funzjonament korrett, ir-reputazzjoni u l-istabbiltà tas-sistema finanzjarja. Għaldaqstant, il-miżuri preventivi ta' din id-Direttiva għandhom ikopru mhux biss il-manipulazzjoni ta' flus li jiġu mill-kriminalità iżda l-ġbir ukoll ta' flus jew proprjetà għal skopijiet terroristiċi.

(9) Għalkemm id-Direttiva 91/308/KEE timponi l-obbligu ta' l-identifikazzjoni tal-klijent, fiha relattivament ftit dettall dwar il-proċeduri rilevanti. Minħabba l-importanza kruċjali ta' dan l-aspett tal-prevenzjoni tal-ħasil tal-flus u ta' l-iffinanzjar tat-terroriżmu, jixraq, skond l-istandards internazzjonali l-ġodda, li jiġu introdotti dispożizzjonijiet aktar speċifiċi u dettaljati dwar l-identifikazzjoni tal-klijent u ta' kwalunkwe sid benefiċjarju, u l-verifika ta' l-identità tagħhom. Għal dik ir-raġuni hija essenzjali definizzjoni preċiża ta' "sid benefiċjarju". Fejn il-benefiċjarji individwali ta' xi entità legali jew ta' xi arranġament bħal fondazzjoni jew *trust* għad iridu jiġu stabbiliti, u għaldaqstant ikun impossibbli li jiġi identifikat individwu bħala s-sid benefiċjarju, ikun biżżejjed li tiġi identifikata l-klassi ta' persuni intiżi li jkunu l-benefiċjarji tal-fondazzjoni jew tat-*trust*. Din ma għandhiex tinkludi l-identifikazzjoni ta' l-individwi f'dik il-klassi ta' persuni.

(10) L-istituzzjonijiet u l-persuni koperti minn din id-Direttiva għandhom, konformement ma' din id-Direttiva, jidentifikaw u jivverifikaw l-identità tas-sid benefiċjarju. Sabiex jissodisfaw dan ir-rekwiżit għandu jitħalla f'idejn dawk l-istituzzjonijiet u persuni jekk jagħmlux użu mir-rekords pubbliċi tas-sidien benfiċjarji, jekk jistaqsux lill-klijenti tagħhom għad-*data* rilevanti jew jakkwistawx l-informazzjoni b'xi mod ieħor, b'kont meħud tal-fatt li l-firxa ta' dawn il-miżuri ta' "diliġenza dovuta mal-klijent" hija relatata mar-riskju ta' ħasil tal-flus u l-iffinanzjar tat-terroriżmu, li jiddependi fuq it-tip ta' klijent, ir-relazzjoni ta' negozju, il-prodott jew it-tranżazzjoni.

(11) Dawk il-ftehimiet ta' għoti ta' kreditu li bihom il-kont ta' kreditu jservi esklussivament sabiex jitħallas is-self, u l-ħlas lura tas-self isir minn kont li kien miftuħ f'isem il-klijent ma' istituzzjoni ta' kreditu koperta minn din id-Direttiva skond Artikolu 8(1)(a) sa (ċ), għandhom ġeneralment jitqiesu bħala eżempji ta' tipi ta' tranżazzjonijiet inqas riskjużi.

(12) Sa fejn dawk li jipprovdu l-proprjetà ta' entità ġuridika jew arranġament ġuridiku jkollhom kontroll fuq l-użu tal-proprjetà, għandhom jiġu identifikati bħala sidien benefiċjarji.

(13) Ir-relazzjonijiet ta' fiduċja jintużaw ħafna fir-rigward ta' prodotti kummerċjali bħala aspett rikonoxxut internazzjonalment tas-swieq finanzjarji għall-ingrossa li huma sorveljati b'mod komprensiv. L-obbligu li jkun identifikat is-sid benefiċjarju ma jiġix mill-fatt biss li hemm relazzjoni ta' fiduċja f'dan il-każ partikolari.

(14) Din id-Direttiva għandha tapplika wkoll għal dawk l-attivitajiet ta' l-istituzzjonijiet u l-persuni koperti minnha li jitwettqu fuq l-internet.

(15) Billi l-issikkar tal-kontrolli fis-settur finanzjarju wassal lil dawk li jipprattikaw il-ħasil tal-flus u lil dawk li jiffinanzjaw it-terroristi jfittxu metodi alternattivi sabiex jaħbu l-oriġini tad-dħul mill-kriminalità, l-obbligi ta' kontra l-ħasil tal-flus u l-iffinanzjar tat-terroriżmu għandhom ikopru l-intermedjarji fl-assigurazzjoni tal-ħajja u l-fornituri ta' servizzi fir-rigward ta' *trusts* u kumpanniji.

(16) Dawk l-entitajiet li diġà jaqgħu taħt ir-responsabbiltà legali ta' impriża ta' l-assigurazzjoni, u li b'hekk jaqgħu fil-kamp ta' applikazzjoni ta' din id-Direttiva, ma għandhomx ikunu inklużi fil-kategorija ta' intermedjarji ta' l-assigurazzjoni.

(17) Il-qadi ta' dmirijiet f'kariga ta' direttur jew segretarju ta' kumpannija fih innifsu ma jagħmilx lil xi ħadd fornitur ta' servizzi ta' *trust* u ta' servizzi ta' kumpanniji. Għaldaqstant, id-definizzjoni tkopri biss lil dawk il-persuni li jaġixxu bħala direttur jew segretarju ta' kumpannija għal terzi u bħala negozju.

(18) L-użu tal-ħlas permezz ta' ammonti kbar ta' flus kontanti wera ripetutament kemm dan huwa suxxettibbli għall-ħasil tal-flus u l-iffinanzjar tat-terroriżmu. Għaldaqstant f'dawk l-Istati Membri li jippermettu ħlas fi flus kontanti 'l fuq mil-limitu stabbilit, il-persuni fiżiċi u ġuridiċi kollha li jikkummerċjalizzaw kummerċ bħala negozju meta jaċċettaw ħlasijiet bħal dawn fi flus kontanti għandhom ikunu koperti minn din id-Direttiva. Negozjanti ta' oġġetti ta' valur għoli, bħall-ħaġar jew metalli prezzjużi, jew xogħlijiet ta' l-arti, u irkantaturi huma fi kwalunkwe każ koperti mid-Direttiva sa fejn il-ħlasijiet lilhom isiru fi flus kontanti f'ammont ta' EUR 15 000 jew aktar. Sabiex tiġi żgurata sorveljanza effikaċi tal-konformità ma' din id-Direttiva minn dak il-grupp potenzjalment kbir ta' istituzzjonijiet u persuni, l-Istati Membri jistgħu jiffukkaw l-attivitajiet ta' sorveljanza tagħhom b'mod partikulari fuq dawk il-persuni fiżiċi u legali li jinnegozjaw f'negozji li huma esposti għal riskju relattivament għoli ta' ħasil tal-flus u finanzjament tat-terroriżmu, skond il-prinċipju tas-sorveljanza bbażata fuq ir-riskju. Minħabba s-sitwazzjonijiet differenti fl-Istati Membri, huma jistgħu jiddeċiedu li jadottaw dispożizzjonijiet aktar stretti sabiex jindirizzaw tajjeb ir-riskju involut fl-użu tal-ħlas permezz ta' ammonti kbar ta' flus kontanti.

(19) Id-Direttiva 91/308/KEE ġabet lin-nutara u l-professjonisti legali indipendenti oħra fil-kamp ta' applikazzjoni tar-reġim Komunitarju kontra l-ħasil tal-flus; din il-kopertura għandha tinżamm kif inhi f'din id-Direttiva; dawn il-professjonisti legali, kif definiti mill-Istati Membri, huma suġġetti għad-dispożizzjonijiet ta' din id-Direttiva meta jieħdu sehem fi tranżazzjonijiet finanzjarji u korporattivi, inkluż l-għoti ta' pariri dwar it-taxxa, fejn hemm l-akbar riskju li s-servizzi ta' dawk il-professjonisti legali jintużaw ħażin għall-iskop tal-ħasil tar-rikavat ta' attività kriminali jew għall-iskop ta' finanzjar tat-terroriżmu.

(20) Fejn il-membri indipendenti tal-professjonijiet li jagħtu pariri legali u li huma legalment rikonoxxuti u kontrollati, bħall-avukati, ikunu qegħdin jaċċertaw il-pożizzjoni legali ta' klijent jew jirrappreżentaw klijent fi proċedimenti legali ma jkunx jixraq taħt din id-Direttiva li dawk il-professjonisti legali jitpoġġew, fir-rigward ta' dawn l-attivitajiet, taħt obbligu li jirrappurtaw suspetti ta' ħasil tal-flus jew ta' finanzjament tat-terroriżmu. Għandhom jeżistu eżenzjonijiet minn kull obbligu ta' rapportaġġ ta' informazzjoni miksuba qabel, matul jew wara proċedimenti ġudizzjarji, jew waqt li tkun qiegħda tiġi aċċertata l-pożizzjoni legali ta' klijent. Għaldaqstant, il-pariri legali għandhom jibqgħu suġġett għall-obbligu tas-sigriet professjonali għajr jekk il-konsulent legali jkun qiegħed jieħu sehem fil-ħasil tal-flus jew fl-iffinanzjar tat-terroriżmu, jekk il-parir legali jingħata għall-iskopijiet tal-ħasil tal-flus jew ta' l-iffinanzjar tat-terroriżmu jew jekk l-avukat ikun jaf li l-klijent qiegħed ifittex parir legali għal skopijiet ta' ħasil tal-flus jew ta' l-iffinanzjar tat-terroriżmu.

(21) Dawk is-servizzi li huma direttament komparabbli għandhom ikunu trattati bl-istess manjiera meta mogħtija minn kwalunkwe wieħed mill-professjonisti koperti b'din id-Direttiva. Sabiex jiġi żgurat ir-rispett lejn id-drittijiet stabbiliti fil-Konvenzjoni Ewropea għall-Protezzjoni tad-Drittijiet tal-Bniedem u l-Libertajiet Fundamentali u fit-Trattat ta' l-Unjoni Ewropea, fil-każ ta' awdituri, *accountants* esterni u konsulenti tat-taxxa li, f'xi Stati Membri, jistgħu jiddefendu jew jirrappreżentaw klijent fil-kuntest ta' proċedimenti ġuridiċi jew jaċċertaw il-pożizzjoni legali tal-klijent, l-informazzjoni li huma jiksbu fit-twettiq ta' dawk il-kompiti ma għandhiex tkun suġġetta għall-obbligi ta' rapportaġġ skond din id-Direttiva.

(22) Għandu jkun rikonoxxut li r-riskju ta' ħasil tal-flus u ta' l-iffinanzjar tat-terroriżmu mhumiex l-istess f'kull każ. Konformement ma' metodu bbażat fuq ir-riskju, għandu jkun introdott il-prinċipju fil-liġi Komunitarja li f'każijiet xierqa tiġi aċċettata forma simplifikata tad-diliġenza dovuta mal-klijent.

(23) Id-deroga dwar l-identifikazzjoni tas-sidien benefiċjarji ta' kontijiet akkomunati miżmuma min-nutara jew professjonisti legali indipendenti oħra għandha tkun mingħajr preġudizzju għall-obbligi li dawk in-nutara jew professjonisti legali indipendenti oħra għandhom skond din id-Direttiva. Dawk l-obbligi jinkludu l-ħtieġa li dawn in-nutara jew professjonisti legali indipendenti oħra jidentifikaw huma stess is-sidien benefiċjarji ta' kontijiet akkomunati miżmuma minnhom.

(24) Bl-istess mod, il-liġi Komunitarja għandha tirrikonoxxi li ċerti sitwazzjonijiet jippreżentaw riskju ikbar ta' ħasil tal-flus jew ta' finanzjament tat-terroriżmu. Għalkemm għandhom jiġu stabbiliti l-identità u l-profil tan-negozju tal-klijenti kollha, ikun hemm każijiet fejn ikunu meħtieġa proċeduri partikolarment rigorużi ta' l-identifikazzjoni tal-klijent u ta' verifika.

(25) Dan japplika b'mod partikolari għar-relazzjonijiet ta' negozju ma' individwi li għandhom, jew li kellhom, karigi pubbliċi importanti, b'mod partikulari dawk minn pajjiżi fejn il-korruzzjoni hija mifruxa. Dawn ir-relazzjonijiet jistgħu jesponu lis-settur finanzjarju b'mod partikulari għal riskji reputazzjonali u/jew legali sinifikanti. Il-ġlieda, fuq skala internazzjonali, kontra l-korruzzjoni tiġġustifika wkoll skrutinju speċjali ta' każijiet bħal dawn u l-applikazzjoni tal-miżuri normali kollha ta' diliġenza dovuta mal-klijent fir-rigward ta' persuni esposti politikament fuq livell domestiku jew l-applikazzjoni ta' miżuri msaħħa ta' diliġenza dovuta mal-klijent fir-rigward ta' persuni esposti politikament li jkunu residenti fi Stat Membru ieħor jew f'pajjiż terz.

(26) Il-kisba ta' l-approvazzjoni mil-livelli superjuri tat-tmexxija sabiex jinholqu relazzjonijiet ta' negozju ma jimplikax il-kisba ta' l-approvazzjoni mill-bord tad-diretturi iżda jfisser approvazzjoni mill-livell ġerarkiku immedjatament fuq il-persuna li tfittex tali approvazzjoni.

(27) Sabiex jiġu evitati proċeduri ripetuti ta' identifikazzjoni tal-klijent, li jwasslu għal dewmien u ineffiċjenza fin-negozju, huwa xieraq, suġġett għas-salvagwardji adatti, li tiġi permessa l-introduzzjoni ta' klijenti li l-identifikazzjoni tagħhom tkun saret x'imkien ieħor. F'dawk il-każijiet fejn istituzzjoni jew persuna koperti minn din id-Direttiva jafdaw terzi, ir-responsabbiltà finali għall-proċedura ta' diliġenza dovuta mal-klijent tibqa' ta' l-istituzzjoni jew persuna li lilha tkun saret l-introduzzjoni tal-klijent. Il-parti terza, jew dik li tintroduċi, tibqa' responsabbli fir-rigward tar-rekwiżiti kollha stabbiliti f'din id-Direttiva, inkluż ir-rekwiżit li tirrapporta tranżazzjonijiet suspettużi u żżomm ir-rekords, sa fejn iwasslu r-relazzjonijiet tagħha mal-klijent koperti minn din id-Direttiva.

(28) Fil-każ ta' relazzjonijiet ta' aġenzija jew ta' *outsourcing* fuq bażi kontrattwali bejn istituzzjonijiet jew persuni koperti minn din id-Direttiva u persuni fiżiċi jew ġuridiċi esterni mhux koperti minnha, kwalunkwe obbligu kontra l-ħasil tal-flus u l-iffinanzjar tat-terroriżmu għal dawk l-aġenti jew fornituri ta' *outsourcing*, bħala parti mill-istituzzjonijiet jew bħala persuni koperti minn din id-Direttiva, jista' jiġi biss minn kuntratt u mhux minn din id-Direttiva. Ir-responsabbiltà għall-konformità ma' din id-Direttiva għandha tibqa' ta' l-istituzzjoni u l-persuna koperti minnha.

(29) Tranżazzjonijiet suspettużi għandhom jiġu rapportati lill-unità ta' l-intelliġenza finanzjarja (*FIU*), li sservi bħala ċentru nazzjonali sabiex tirċievi, tanalizza, u tqassam lill-awtoritajiet kompetenti rapporti dwar tranżazzjonijiet suspettużi u informazzjoni oħra dwar ħasil ta' flus jew finanzjament potenzjalment terroristiku. Dan m'għandux iġiegħel lill-Istati Membri jibdlu s-sistemi attwali tagħhom ta' rapportaġġ meta r-rapportaġġ isehh permezz ta' prosekutur pubbliku jew awtoritajiet oħra għall-infurzar tal-liġi, kemm-il darba l-informazzjoni tiġi kkomunikata minnufih u mingħajr ċensura lill-*FIUs* u dan jippermettilhom li jwettqu xogħolhom adegwatament, inkluża l-koperazzjoni internazzjonali ma' *FIUs* oħra.

(30) Bħala deroga mill-projbizzjoni ġenerali kontra t-twettiq ta' tranżazzjonijiet suspettużi, l-istituzzjonijiet u persuni koperti minn din id-Direttiva jistgħu jwettqu tali tranżazzjonijiet qabel ma javżaw lill-awtoritajiet kompetenti, meta jkun impossibbli li ma dawn jitwettqux jew fejn, jekk ma titwettaqx tali tranżazzjoni, jistgħu jixxekklu l-isforzi sabiex jinqabdu l-benefiċjarji ta' operazzjoni ta' ħasil tal-flus jew finanzjament tat-terroriżmu. Dan, madankollu, għandu jkun mingħajr preġudizzju għall-obbligi internazzjonali aċċettati mill-Istati Membri li jiffriżaw mingħajr dewmien fondi jew assi oħra ta' terroristi, ta' organizzazzjonijiet terroristiċi jew ta' dawk li jiffinanzjaw it-terroriżmu, skond ir-riżoluzzjonijiet rilevanti tal-Kunsill tas-Sigurtà tal-Ġnus Magħquda.

(31) Fejn Stat Membru jiddeċiedi li juża l-eżenzjonijiet previsti f'Artikolu 23(2), huwa jista' jippermetti jew jitlob lill-korp awto-regolatorju li jirrappreżenta lill-persuni li huma msemmija f'dak Artikolu sabiex ma jittrażmettix lill-*FIU* kwalunkwe informazzjoni miksuba mingħand dawk il-persuni fiċ-ċirkostanzi msemmija f'dak Artikolu.

(32) Kien hemm numru ta' każijiet ta' impjegati li rrapportaw is-suspetti tagħhom dwar ħasil tal-flus u li kienu suġġetti għal theddid jew xi azzjoni ostili. Għalkemm din id-Direttiva ma tistax tindaħal fil-proċeduri ġudizzjarji ta' l-Istati Membri, din hija kwistjoni kruċjali għall-effikaċja tas-sistema kontra l-ħasil tal-flus u kontra l-iffinanzjar tat-terroriżmu. L-Istati Membri għandhom ikunu konxji ta' din il-problema u għandhom jagħmlu kull ma jistgħu sabiex iħarsu lill-impjegati minn tali theddid jew azzjoni ostili.

(33) L-iżvelar ta' informazzjoni kif imsemmi f'Artikolu 28 għandu jkun skond ir-regoli dwar it-trasferiment ta' *data* personali lill-pajjiżi terzi kif stabbilit fid-Direttiva 95/46/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ta' l-24 ta' Ottubru 1995 dwar il-protezzjoni ta' individwi fir-rigward ta' l-ipproċessar ta' *data* personali u dwar il-moviment liberu ta' dik id-*data* [1]. Minbarra dan, id-dispożizzjonijiet ta' Artikolu 28 ma jistgħux jinterferixxu mal-liġijiet nazzjonali tal-protezzjoni tad-*data* u tas-sigriet professjonali.

(34) Il-persuni li sempliċiment ibiddlu dokumenti tal-karta f'*data* elettronika u jkunu qegħdin jaġixxu taħt kuntratt ma' istituzzjoni ta' kreditu jew istituzzjoni finanzjarja ma jaqgħux fil-kamp ta' din id-Direttiva, u lanqas taqa' fil-kamp tagħha kwalunkwe persuna fiżika jew ġuridika li tipprovdi lill-istituzzjonijiet ta' kreditu jew finanzjarji biss b'messaġġ jew b'sistemi ta' appoġġ oħra għad-dispaċċ ta' fondi jew b'sistema ta' *clearance* u ta' ħlas.

(35) Il-ħasil tal-flus u l-iffinanzjar tat-terroriżmu huma problemi internazzjonali u l-isforz sabiex jiġu kombattuti għandu jkun globali. Fejn istituzzjonijiet ta' kreditu u finanzjarji Komunitarji ikollhom fergħat u sussidjarji li jinsabu f'pajjiżi terzi fejn il-liġi li tirregola dan il-qasam tkun defiċjenti, dawn għandhom, sabiex jevitaw l-applikazzjoni ta' standards differenti ħafna fi ħdan istituzzjoni jew grupp ta' istituzzjonijiet, japplikaw l-istandard Komunitarju jew, jekk din l-applikazzjoni tkun impossibbli, jgħarrfu lill-awtoritajiet kompetenti ta' l-Istat Membru tagħhom.

(36) Huwa importanti li l-istituzzjonijiet ta' kreditu u finanzjarji jkunu jistgħu jwieġbu malajr għat-talbiet għal informazzjoni dwar jekk għandhomx relazzjonijiet ta' negozju ma' persuni indikati b'isimhom. Għall-iskop ta' l-identifikazzjoni ta' dawn ir-relazzjonijiet ta' negozju sabiex ikunu jistgħu jagħtu dik l-informazzjoni malajr, l-istituzzjonijiet ta' kreditu u finanzjarji għandu jinħolqu sistemi effettivi li jkunu adegwatament proporzjonati għad-daqs u n-natura tan-negozju. B'mod partikolari ikun kunsiljabbli għal istituzzjonijiet ta' kreditu u istituzzjonijiet finanzjarji kbar li jkollhom sistemi elettroniċi għad-dispożizzjoni tagħhom. Din id-dispożizzjoni hija ta' importanza partikolari fil-kuntest tal-proċeduri li jwasslu għal miżuri bħall-iffriżar jew il-qbid ta' assi (inklużi assi ta' terroristi), skond il-liġi nazzjonali jew il-liġi Komunitarja applikabbli bl-iskop li jiġi miġġieled it-terroriżmu.

---

[1] ĠU L 281, tat-23.11.1995, p. 31. Direttiva kif emendata bir-Regolament (KE) Nru 1882/2003 (ĠU L 284, tal-31.10.2003, p. 1).

(37) Din id-Direttiva tistabbilixxi regoli dettaljati għad-diliġenza dovuta mal-klijent, inkluża diliġenza msaħħa dovuta mal-klijenti għal dawk il-klijenti jew relazzjonijiet ta’ negozju ta’ riskju għoli, bħal proċeduri adatti sabiex jiġi stabbilit jekk persuna hix esposta politikament, u ċerti rekwiżiti addizzjonali, aktar dettaljati, bħall-eżistenza ta’ proċeduri u linji ta’ kondotta fl-immaniġġar tal-konformità. Dawn ir-rekwiżiti kollha għandhom jintlaħqu minn kull waħda mill-istituzzjonijiet u persuni koperti minn din id-Direttiva, filwaqt li l-Istati Membri huma mistennija li jfasslu l-implementazzjoni dettaljata ta’ dawk id-dispożizzjonijiet għall-partikolaritajiet tad-diversi professjonijiet u għad-differenzi fl-iskala u d-daqs ta’ l-istituzzjonijiet u l-persuni koperti minn din id-Direttiva.

(38) Sabiex jiġi żgurat l-impenn kontinwu ta’ l-istituzzjonijiet u ta’ oħrajn suġġetti għal-liġi Komunitarja f’dan il-qasam, fejn ikun prattiku, għandu jingħatalhom *feedback* dwar l-utilità, u s-segwitu tar-rapporti li jippreżentaw. Sabiex dan isir possibbli, u jkunu jistgħu jagħmlu reviżjoni ta’ l-effiċenza tas-sistemi tagħhom għall-ġlieda kontra l-ħasil tal-flus u l-iffinanzjar tat-terroriżmu, l-Istati Membri għandhom iżommu u jtejbu l-istatistiċi rilevanti.

(39) Meta jirreġistraw jew jagħtu liċenzja, fuq bażi nazzjonali, lil xi uffiċċju tal-kambju tal-flus, fornitur ta’ servizzi ta’ *trust* u ta’ kumpanniji jew każinò, l-awtoritajiet kompetenti għandhom jiżguraw li l-persuni li effettivament imexxu jew li ser imexxu n-negozju ta’ dawn l-entitajiet u s-sidien benefiċjarji ta’ dawn l-entitajiet ikunu persuni adatti u xierqa. Il-kriterji sabiex jiġi stabbilit jekk persuna hijiex adatta u xierqa jew le għandhom ikunu stabbiliti f’konformità mal-liġi nazzjonali. Bħala minimu dawn il-kriterji għandhom jirriflettu l-bżonn li jitħarsu dawn l-entitajiet milli jintużaw ħażin mid-diretturi jew mis-sidien benefiċjarji tagħhom għal skopijiet kriminali.

(40) Filwaqt li jittieħed kont tal-karattru internazzjonali tal-ħasil tal-flus u ta’ l-iffinanzjar tat-terroriżmu, il-koordinazzjoni u l-koperazzjoni bejn l-unitajiet ta’ l-intelliġenza finanzjarja kif imsemmija fid-Deċiżjoni tal-Kunsill 2000/642/JHA tas-17 ta’ Ottubru 2000 dwar l-arranġamenti għall-koperazzjoni bejn l-*FIUs* ta’ l-Istati Membri fir-rigward ta’ l-iskambju ta’ l-informazzjoni ([1]), inkluż it-twaqqif ta’ *FIU*-net ta’ l-UE, għandhom kemm jista’ jkun jiġu mħeġġa f’medda mill-aktar wiesgħa. Għal dan il-għan, il-Kummissjoni għandha tagħti dik l-għajnuna li tista’ tkun meħtieġa sabiex tiffaċilita l-koordinazzjoni, inkluża l-għajnuna finanzjarja.

(41) L-importanza tal-ġlieda kontra l-ħasil tal-flus u l-iffinanzjar tat-terroriżmu għandha twassal lill-Istati Membri sabiex iwaqqfu pieni effettivi, proporzjonati u dissważivi fil-liġi nazzjonali kontra n-nuqqas ta’ osservanza tad-dispożizzjonijiet nazzjonali adottati skond din id-Direttiva. Għandhom jinħolqu dispożizzjonijiet li jipprevedu pieni fir-rigward ta’ persuni fiżiċi u ġuridiċi. Billi persuni ġuridiċi ta’ spiss ikunu involuti f’operazzjonijiet kumplessi ta’ ħasil tal-flus u ta’ finanzjament tat-terroriżmu, is-sanzjonijiet għandhom ikunu aġġustati skond l-attività mwettqa mill-persuni ġuridiċi.

(42) Persuni fiżiċi li jwettqu kwalunkwe waħda mill-attivitajiet imsemmija f’Artikolu 2(1)(3)(a) u (b) fi ħdan l-istruttura ta’ persuna ġuridika, iżda fuq bażi indipendenti, għandhom ikunu indipendentement responsabbli għall-konformità mad-dispożizzjonijiet ta’ din id-Direttiva, bl-eċċezzjoni ta’ Artikolu 35.

(43) Tista’ tkun meħtieġa il-kjarifika ta’ l-aspetti tekniċi tar-regoli stipulati f’din id-Direttiva sabiex ikun żgurat li din id-Direttiva tiġi implementata b’mod effettiv u konsistenti biżżejjed, b’kont meħud ta’ l-istrumenti finanzjarji, tal-professjonijiet u tar-riskji differenti fl-Istati Membri differenti u ta’ l-iżviluppi tekniċi fil-ġlieda kontra l-ħasil tal-flus u l-iffinanzjar tat-terroriżmu. Għaldaqstant il-Kummissjoni għandha tingħata s-setgħat sabiex tadotta miżuri ta’ implementazzjoni, bħal ċerti kriterji sabiex jiġu identifikati sitwazzjonijiet ta’ riskju baxx jew għoli li fihom tista’ tkun biżżejjed forma simplifikata ta’ diliġenza dovuta jew forma msaħħa ta’ diliġenza dovuta, skond il-każ, sakemm dawn il-miżuri ma jimmodifikawx l-elementi essenzjali ta’ din id-Direttiva u sakemm il-Kummissjoni timxi skond il-prinċipji stabbiliti fiha, wara konsultazzjoni mal-Kumitat għall-Prevenzjoni tal-Ħasil tal-Flus u ta’ l-Iffinanzjar tat-Terroriżmu.

(44) Il-miżuri neċessarji għall-implementazzjoni ta’ din id-Direttiva għandhom jiġu adottati b’mod konformi mad-Deċiżjoni tal-Kunsill 1999/468/KE tat-28 ta’ Ġunju 1999 li tipprovdi l-proċeduri għall-eżerċizzju tas-setgħat ta’ l-implementazzjoni konferiti lill-Kummissjoni ([2]). Għal dak il-għan għandu jitwaqqaf kumitat ġdid għall-prevenzjoni tal-ħasil tal-flus u ta’ l-iffinanzjar tat-terroriżmu, li jieħu post il-Kumitat ta’ Kuntatt dwar il-Ħasil tal-Flus imwaqqaf bid-Direttiva 91/308/KEE.

(45) Fid-dawl ta’ l-emendi sostanzjali ħafna li hemm bżonn li jsiru lid-Direttiva 91/308/KEE, din għandha titħassar għal raġunijiet ta’ ċarezza.

(46) Billi l-għan ta’ din id-Direttiva, jiġifieri l-prevenzjoni ta’ l-użu tas-sistema finanzjarja għall-iskop tal-ħasil tal-flus u l-iffinanzjar tat-terroriżmu, ma jistax jintlaħaq biżżejjed mill-Istati Membri u għalhekk jista’, minħabba l-iskala u l-effetti ta’ l-azzjoni, jintlaħaq aħjar fil-livell tal-Komunità, il-Komunità tista’ tadotta miżuri, konformement mal-prinċipju ta’ sussidjarjetà kif stabbilit f’Artikolu 5 tat-Trattat. B’mod konformi mal-prinċipju ta’ proporzjonalità, kif stabbilit f’dak Artikolu, din id-Direttiva ma tmurx lil hinn minn dak li huwa meħtieġ sabiex jintlaħaq dak l-għan.

([1]) ĠU L 271, ta’ l-24.10.2000, p. 4.

([2]) ĠU L 184, tas-17.7.1999, p. 23.

(47) Fl-eżerċizzju tas-setgħat ta' implementazzjoni tagħha skond din id-Direttiva, il-Kummissjoni għandha tirrispetta l-prinċipji li ġejjin: il-bżonn ta' livelli għolja ta' trasparenza u ta' konsultazzjoni ma' istituzzjonijiet u persuni koperti minn din id-Direttiva u mal-Parlament Ewropew u l-Kunsill; il-bżonn li l-awtoritajiet kompetenti ikunu kapaċi jiżguraw konformità mar-regoli b'mod konsistenti; il-bilanċ bejn l-ispejjeż u l-benefiċċji għall-istituzzjonijiet u l-persuni koperti minn din id-Direttiva tul perjodu twil ta' żmien fi kwalunkwe miżuri ta' implementazzjoni; il-bżonn li tiġi rispettata l-flessibbiltà meħtieġa fl-applikazzjoni tal-miżuri ta' implementazzjoni abbażi ta' konoxxenza tar-riskji; il-bżonn li tiġi żgurata koerenza ma' liġijiet oħra Komunitarji f'dan il-qasam; il-bżonn li l-Komunità, l-Istati Membri tagħha u ċ-ċittadini tagħhom ikunu mħarsa mill-konsegwenzi tal-ħasil tal-flus u ta' l-iffinanzjar tat-terroriżmu.

(48) Din id-Direttiva tirrispetta d-drittijiet fundamentali u tosserva l-prinċipji rikonoxxuti b'mod partikolari mill-Karta tad-Drittijiet Fundamentali ta' l-Unjoni Ewropea. Xejn f'din id-Direttiva m'għandu jiġi interpretat jew implementat b'mod li ma jkunx konsistenti mal-Konvenzjoni Ewropea dwar id-Drittijiet tal-Bniedem,

ADOTTAW DIN ID-DIRETTIVA:

KAPITOLU I

SUĠĠETT, KAMP TA' APPLIKAZZJONI U DEFINIZZJONIJIET

Artikolu 1

1. L-Istati Membri għandhom jiżguraw li l-ħasil tal-flus u l-iffinanzjar tat-terroriżmu jkunu pprojbiti.

2. Għall-finijiet ta' din id-Direttiva, dawn li ġejjin, meta jitwettqu bi ħsieb, għandhom jitqiesu bħala ħasil tal-flus:

(a) il-konverżjoni jew it-trasferiment ta' proprjetà, bil-konoxxenza li tali proprjetà ġejja minn attività kriminali jew minn kompliċità f'tali attività, għall-iskop ta' ħabi jew travestiment ta' l-oriġini illeċita tal-proprjetà jew sabiex tingħata għajnuna lil kwalunkwe persuna li tkun involuta fit-twettiq ta' tali attività sabiex tevadi l-konsegwenzi legali ta' l-azzjoni tagħha;

(b) il-ħabi jew it-travestiment tan-natura, is-sors, il-lokalità, id-dispożizzjoni, il-moviment, jew is-sidien veri tal-proprjetà jew tad-drittijiet veri fir-rigward tagħha, bil-konoxxenza li tali proprjetà ġejja minn attività kriminali jew minn kompliċità f'tali attività;

(ċ) l-akkwist, il-pussess jew l-użu ta' proprjetà, bil-konoxxenza, fiż-żmien tar-riċezzjoni tagħha, li tali proprjetà ġiet minn attività kriminali jew minn kompliċità f'tali attività;

(d) il-kompliċità, l-assoċjazzjoni, it-tentattiv, u l-għoti ta' għajnuna, l-istigazzjoni, l-aġevolazzjoni u l-għoti ta' pariri fit-twettiq jew għat-twettiq ta' xi waħda mill-azzjonijiet imsemmija fil-punti hawn fuq.

3. Il-ħasil tal-flus għandu jitqies bħala tali anke fejn l-attivitajiet li ġġeneraw il-proprjetà destinata għal-ħasil twettqu fit-territorju ta' Stat Membru ieħor jew f'dak ta' pajjiż terz.

4. Għall-finijiet ta' din id-Direttiva, "finanzjament tat-terroriżmu" tfisser il-provvista jew il-ġbir ta' fondi, bi kwalunkwe mezz, b'mod dirett jew indirett, bil-ħsieb li jintużaw jew bil-konoxxenza li ser jintużaw, kollha jew parzjalment, sabiex jitwettaq kwalunkwe wieħed mir-reati fis-sens ta' l-Artikoli 1 sa 4 tad-Deċiżjoni Kwadru tal-Kunsill 2002/475/JHA tat-13 ta' Ġunju 2002 dwar il-ġlieda kontra t-terroriżmu [1].

5. Il-konoxxenza, il-ħsieb jew l-iskop meħtieġ bħala element ta' l-attivitajiet imsemmija fil-paragrafi 2 u 4 jistgħu jiġu dedotti minn ċirkostanzi fattwali oġġettivi.

Artikolu 2

1. Din id-Direttiva għandha tapplika għal:

(1) istituzzjonijiet ta' kreditu;

(2) istituzzjonijiet finanzjarji;

(3) il-persuni ġuridiċi jew fiżiċi, li ġejjin, meta jaġixxu fl-eżerċizzju ta' l-attivitajiet professjonali tagħhom:

(a) awdituri, *accountants* esterni u konsulenti tat-taxxa;

(b) nutara u professjonisti legali indipendenti oħra, meta dawn jieħdu sehem, kemm jekk jaġixxu f'isem jew għan-nom tal-klijent tagħhom fi kwalunkwe tranżazzjoni finanzjarja jew immobbiljarja, kif ukoll jekk jgħinu fl-ippjanar jew fl-eżekuzzjoni tat-tranżazzjonijiet għall-klijent tagħhom dwar:

(i) ix-xiri u l-bejgħ ta' proprjetà immobbli jew ta' entitajiet kummerċjali;

(ii) l-amministrazzjoni ta' flus, titoli jew assi oħra tal-klijent;

[1] ĠU L 164, tat-22.6.2002, p. 3.

(iii) il-ftuħ jew l-amministrazzjoni ta' kontijiet bankarji ta' tfaddil jew ta' titoli;

(iv) l-organizzazzjoni tal-kontributi neċessarji għall-kostituzzjoni, jew għall-operat jew għall-ġestjoni ta' kumpanniji;

(v) il-kostituzzjoni, l-operat jew il-ġestjoni ta' *trusts*, ta' kumpanniji jew ta' strutturi simili;

(ċ) fornituri ta' servizzi ta' trust jew ta' kumpanniji li mhumiex diġà koperti mill-punti (a) jew (b);

(d) aġenti immobbiljarji;

(e) persuni fiżiċi jew ġuridiċi oħra li jinnegozjaw f'merċi, biss safejn il-ħlasijiet isiru fi flus kontanti f'ammont ta' EUR 15 000 jew iżjed, kemm jekk it-tranżazzjoni tit-wettaq f'operazzjoni waħda kif ukoll jekk f'diversi operazzjonijiet li jidhru marbuta ma' xulxin;

(f) każinoijiet.

2. L-Istati Membri jistgħu jiddeċiedu li dawk il-persuni ġuridiċi u fiżiċi li jeżerċitaw xi attività finanzjarja fuq bażi okkażjonali jew limitata ħafna u fejn ftit hemm riskju ta' ħasil tal-flus jew ta' finanzjament tat-terroriżmu ma jaqgħux fl-ambitu ta' applikazzjoni ta' l-Artikolu 3(1) jew (2).

Artikolu 3

Għall-finijiet ta' din id-Direttiva id-definizzjonijiet li ġejjin għandhom japplikaw:

(1) "istituzzjoni ta' kreditu" tfisser istituzzjoni ta' kreditu, kif definita fl-ewwel sub-paragrafu ta' Artikolu 1(1) tad-Direttiva 2000/12/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ta' l-20 ta' Marzu 2000 rigward il-bidu u l-eżerċizzju tan-negozju ta' l-istituzzjonijiet ta' kreditu ([1]), inklużi l-fergħat, fis-sens ta' Artikolu 1(3) ta' dik id-Direttiva, li jinsabu fil-Komunità ta' istituzzjonijiet ta' kreditu li jkollhom l-uffiċċji ewlieni tagħhom ġewwa jew barra l-Komunità;

(2) "istituzzjonijiet finanzjarji" tfisser:

(a) impriża għajr istituzzjoni ta' kreditu li twettaq waħda jew iżjed mill-operazzjonijiet inklużi fil-punti 2 sa 12 u l-punt 14 ta' l-Anness I mad-Direttiva 2000/12/KE, inklużi l-attivitajiet ta' uffiċċji tal-kambju u uffiċċji tat-trażmissjoni jew tad-dispaċċ ta' flus;

(b) kumpannija ta' l-assigurazzjoni kif awtorizzata konformement mad-Direttiva 2002/83/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-5 ta' Novembru 2002 li tikkonċerna l-assigurazzjoni fuq il-ħajja ([2]), sakemm din twettaq attivitajiet koperti minn dik id-Direttiva;

(ċ) impriża ta' l-investiment kif definita f'Artikolu 4(1)(i) tad-Direttiva 2004/39/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-21 ta' April 2004 dwar is-swieq ta' strumenti finanzjarji ([3]);

(d) impriża ta' investiment kollettiv li tikkummerċjalizza l-unitajiet jew l-ishma tagħha;

(e) intermedjarju ta' l-assigurazzjoni kif definit f'Artikolu 2(5) tad-Direttiva 2002/92/KE tad-9 ta' Diċembru 2002 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar il-medjazzjoni fl-assigurazzjoni ([4]), bl-eċċezzjoni ta' intermedjarji kif imsemmija f'Artikolu 2(7) ta' dik id-Direttiva, meta jaġixxu fir-rigward ta' assigurazzjoni fuq il-ħajja u servizzi oħra konnessi ma' l-investiment;

(f) fergħat, meta jinsabu fil-Komunità, ta' istituzzjonijiet finanzjarji msemmija fil-punti (a) sa (e) li l-uffiċċji ewlieni tagħhom ikunu ġewwa jew barra l-Komunità;

(3) "proprjetà" tfisser assi ta' kull tip, sew korporali jew inkorporali, mobbli jew immobbli, tanġibbli jew intanġibbli, u dokumenti jew strumenti legali fi kwalunkwe forma inkluża dik elettronika jew diġitali, li tixhed it-titolu ta' tali assi jew l-interess fihom.

(4) "attività kriminali" tfisser kwalunkwe tip ta' involviment kriminali fit-twettiq ta' reati serji.

(5) "reati serji" tfisser, għall-inqas:

(a) atti kif definiti fl-Artikoli 1 sa 4 tad-Deċiżjoni Kwadru 2002/475/JHA;

(b) kwalunkwe reat minn fost dawk definiti f'Artikolu 3(1)(a) tal-Konvenzjoni ta' l-1988 tal-Ġnus Magħquda kontra t-Traffiku Illeċitu fi Drogi Narkotiċi u Sustanzi Psikotropiċi;

(ċ) l-attivitajiet ta' organizzazzjonijiet kriminali kif definiti f'Artikolu 1 ta' l-Azzjoni Konġunta tal-Kunsill 98/733/JHA tal-21 ta' Diċembru 1998 dwar il-kriminalizzazzjoni tal-parteċipazzjoni f'organizzazzjoni kriminali fl-Istati Membri ta' l-Unjoni Ewropea ([5]);

(d) frodi, għall-inqas serja, kif definita f'Artikolu 1(1) u Artikolu 2 tal-Konvenzjoni dwar il-protezzjoni ta' l-interessi finanzjarji tal-Komunitajiet Ewropej ([6]);

(e) korruzzjoni;

(f) ir-reati kollha punibbli bid-deprivazzjoni tal-libertà jew b'ordni ta' detenzjoni għal massimu ta' aktar minn sena jew, fir-rigward ta' dawk l-Istati li għandhom livell minimu indikattiv għar-reati fis-sistema legali tagħhom, ir-reati kollha punibbli bid-deprivazzjoni tal-libertà jew b'ordni ta' detenzjoni għal minimu ta' iżjed minn sitt xhur.

([1]) ĠU L 126, tas-26.5.2000, p. 1. Direttiva kif emendata l-aħħar bid-Direttiva 2005/1/KE (ĠU L 79, ta' l-24.3.2005, p. 9).

([2]) ĠU L 345, tad-19.12.2002, p. 1. Direttiva kif emendata l-aħħar bid-Direttiva 2005/1/KE.

([3]) ĠU L 145, tat-30.4.2004, p. 1.

([4]) ĠU L 9, tal-15.1.2003, p. 3.

([5]) ĠU L 351, tad-29.12.1998, p. 1.

([6]) ĠU C 316, tas-27.11.1995, p. 49.

(6) "sid benefiċjarju" tfisser il-persuna jew persuni fiżiċi li fl-aħħar mill-aħħar ikunu s-sidien tal-klijent jew jikkontrollaw il-klijent u/jew il-persuna fiżika li f'isimha titwettaq xi tranżazzjoni jew attività; is-sid benefiċjarju għandu mill-inqas jinkludi:

(a) għal entitajiet korporati:

(i) il-persuna jew persuni fiżiċi li fl-aħħar mill-aħħar ikunu s-sidien ta' entità ġuridika jew jikkontrollaw entità ġuridika permezz ta' titolu ta' proprjetà jew ta' kontroll dirett jew indirett ta' perċentwali biżżejjed ta' l-ishma jew tad-drittijiet tal-vot f'dik l-entità legali, anke permezz ta' ishma f'isem ħaddieħor, minbarra kumpannija reġistrata f'suq regolat li tkun suġġetta għal rekwiżiti ta' żvelar konformi mal-liġi Komunitarja jew suġġetta għal standards internazzjonali ekwivalenti; perċentwali ta' 25 % u sehem wieħed għandhom jitqiesu bħala biżżejjed sabiex jiġi sodisfatt dan il-kriterju;

(ii) il-persuna jew persuni fiżiċi li bi kwalunkwe mod ieħor jeżerċitaw kontroll fuq it-tmexxija ta' l-entità ġuridika;

(b) fil-każ ta' entitajiet ġuridiċi, bħal fondazzjonijiet, u ta' arranġamenti ġuridiċi, bħal *trusts*, li jamministraw u jqassmu fondi:

(i) fejn il-benefiċjarji futuri diġà ġew determinati, il-persuna jew persuni fiżiċi li jkunu l-benefiċjarji ta' 25 % jew aktar tal-proprjetà ta' l-arranġament ġuridiku jew entità ġuridika;

(ii) fejn l-individwi li jibbenefikaw mill-arranġament jew entità ġuridiċi għad iridu jiġu determinati, il-klassi tal-persuni li fl-interess ewlieni tagħhom l-arranġament ġuridiku jew l-entità ġuridika huma mwaqqfa jew joperaw;

(iii) il-persuna jew persuni fiżiċi li jeżerċitaw kontroll fuq 25 % jew aktar tal-proprjetà ta' l-arranġament ġuridiku jew entità ġuridika;

(7) "fornituri ta' servizzi ta' *trust* jew ta' kumpanniji" tfisser kwalunkwe persuna fiżika jew ġuridika li bħala eżerċizzju ta' negozju tipprovdi lil terzi kwalunkwe wieħed mis-servizzi li ġejjin:

(a) il-formazzjoni ta' kumpanniji jew ta' persuni ġuridiċi oħrajn;

(b) il-qadi ta' dmirijiet, jew l-arranġament sabiex persuna oħra isservi, bħala direttur jew segretarju ta' kumpannija, jew bħala soċju f'soċjetà, jew f'xi pożizzjoni simili marbuta ma' persuni ġuridiċi oħra;

(ċ) il-fornitura ta' uffiċċju reġistrat, jew ta' indirizz kummerċjali, jew ta' indirizz ta' korrispondenza jew amministrattiv u servizzi oħra relatati, lil xi kumpannija, soċjetà jew kwalunkwe persuna ġuridika jew arranġament ġuridiku ieħor;

(d) il-qadi ta' dmirijiet, jew l-arranġament sabiex persuna oħra isservi, bħala *trustee* ta' *express trust* jew ta' arranġament ġuridiku simili ieħor;

(e) il-qadi ta' dmirijiet, jew l-arranġament sabiex persuna oħra isservi, bħala azzjonista nominat għal persuna oħra li ma tkunx kumpannija reġistrata fuq suq regolat suġġetta għal rekwiżiti ta' żvelar konformi mal-liġi Komunitarja jew suġġetta għal standards internazzjonali ekwivalenti;

(8) "persuni esposti politikament" tfisser persuni fiżiċi li jkunu jew li kienu fdati b'funzjonijiet pubbliċi prominenti u membri tal-familja jew persuni magħrufa bħala assoċjati stretti ta' dawn il-persuni;

(9) "relazzjoni ta' negozju" tfisser relazzjoni ta' negozju, professjonali jew kummerċjali li tkun marbuta ma' l-attivitajiet professjonali ta' l-istituzzjonijiet u l-persuni suġġetti għal din id-Direttiva u li tkun mistennija, fiż-żmien meta jsir il-kuntratt, li jkollha element dewwiemi;

(10) "*shell bank*" tfisser istituzzjoni ta' kreditu, jew istituzzjoni li tieħu sehem f'attivitajiet ekwivalenti, inkorporata f'ġurisdizzjoni fejn ma għandhiex preżenza fiżika, li tinvolvi ħsieb u amministrazzjoni sinifikanti, u li ma tkunx affiljata f'xi grupp finanzjarju regolat.

Artikolu 4

1. L-Istati Membri għandhom jiżguraw li d-dispożizzjonijiet ta' din id-Direttiva ikunu estiżi kompletament jew parzjalment għal professjonijiet u għal kategoriji ta' impriżi, għajr istituzzjonijiet u persuni msemmija f'Artikolu 2(1), li jeżerċitaw attivitajiet li partikolarment x'aktarx jintużaw għal skopijiet ta' ħasil tal-flus jew ta' finanzjament tat-terroriżmu.

2. Fejn Stat Membru jiddeċiedi li jestendi d-dispożizzjonijiet ta' din id-Direttiva għal professjonijiet u kategoriji ta' impriżi minbarra dawk imsemmija f'Artikolu 2(1), għandu jinforma lill-Kummissjoni b'dan.

Artikolu 5

L-Istati Membri jistgħu jadottaw jew iżommu fis-seħħ dispożizzjonijiet aktar stretti fil-qasam kopert minn din id-Direttiva sabiex jipprevjenu l-ħasil tal-flus u l-iffinanzjar tat-terroriżmu.

KAPITOLU II

DILIĠENZA DOVUTA MAL-KLIJENT

TAQSIMA 1

Dispożizzjonijiet Ġenerali

Artikolu 6

L-Istati Membri għandhom jipprojbixxu l-istituzzjonijiet ta' kreditu u finanzjarji milli jżommu kontijiet jew kotba anonimi ta' depożiti bankarji. B'deroga mill-Artikolu 9(6), l-Istati Membri għandhom fil-każijiet kollha jesiġu li s-sidien u l-benefiċjarji ta' kontijiet anonimi eżistenti jew kotba anonimi ta' depożiti bankarji jsiru suġġetti għal miżuri ta' diliġenza dovuta mal-klijent mill-aktar fis possibbli u fi kwalunkwe każ qabel ma l-kontijiet jew il-kotba ta' depożiti bankarji jintużaw fi kwalunkwe mod.

Artikolu 7

L-istituzzjonijiet u l-persuni koperti minn din id-Direttiva għandhom japplikaw miżuri ta' diliġenza dovuta mal-klijent fil-każijiet li ġejjin:

(a) meta jistabbilixxu relazzjoni ta' negozju;

(b) meta jagħmlu tranżazzjonijiet okkażjonali li jammontaw għal EUR 15 000 jew iżjed, sew jekk it-tranżazzjoni ssir f'operazzjoni waħda jew jekk issir f'diversi operazzjonijiet li jidhru li marbuta ma xulxin;

(ċ) fejn ikun hemm suspett ta' ħasil tal-flus jew finanzjament tat-terroriżmu, tkun xi tkun id-deroga, l-eżenzjoni jew l-ammont operattiv;

(d) meta jkun hemm dubbji dwar il-veraċità jew l-adegwatezza ta' *data* ta' identifikazzjoni tal-klijent miksuba qabel.

Artikolu 8

1. Il-miżuri ta' diliġenza dovuta mal-klijent għandhom jinkludu:

(a) l-identifikazzjoni tal-klijent u l-verifika ta' l-identità tal-klijent fuq il-bażi ta' dokumenti, *data* jew informazzjoni li jinkisbu minn sors affidabbli u indipendenti;

(b) l-identifikazzjoni, fejn ikun applikabbli, tas-sid benefiċjarju u t-teħid ta' miżuri li jieħdu kont tar-riskji u li jkunu adegwati sabiex tiġi verifikata l-identità tiegħu b'tali mod li l-istituzzjoni jew il-persuna jkunu sodisfatti li jafu min ikun is-sid benefiċjarju, inkluż, fir-rigward ta' persuni ġuridiċi, *trusts* u arranġamenti ġuridiċi simili, it-teħid ta' miżuri li jieħdu kont tar-riskji u li jkunu adegwati sabiex tinftiehem l-istruttura ta' proprjetà u ta' kontroll tal-klijent;

(ċ) il-ksib ta' informazzjoni dwar l-iskop u n-natura prevista tar-relazzjoni ta' negozju;

(d) l-eżerċizzju ta' sorveljanza kontinwa tar-relazzjoni ta' negozju inkluż skrutinju tat-tranżazzjonijiet matul il-kors ta' dik ir-relazzjoni sabiex ikun żgurat li t-tranżazzjonijiet li jkunu qegħdin jitwettqu jkunu konsistenti mal-konoxxenza ta' l-istituzzjoni jew tal-persuna dwar il-klijent, in-negozju u l-profil tar-riskju, kif ukoll, fejn ikun neċessarju, dwar is-sors tal-fondi u jiġi żgurat li d-dokumenti, id-*data* jew l-informazzjoni miżmuma ikunu dejjem aġġornati.

2. L-istituzzjonijiet u l-persuni koperti minn din id-Direttiva għandhom japplikaw kull waħda mir-rekwiżiti tad-diliġenza dovuta mal-klijent stabbiliti fil-paragrafu 1, iżda jistgħu jistabbilixxu l-firxa ta' dawn il-miżuri fuq bażi tal-konoxxenza tar-riskju skond it-tip ta' klijent, relazzjoni ta' negozju, prodott jew tranżazzjoni. L-istituzzjonijiet u l-persuni koperti minn din id-Direttiva għandhom ikunu jistgħu juru lill-awtoritajiet kompetenti imsemmija f'Artikolu 37, inklużi korpi awto-regolatorji, li l-entità tal-miżuri hija adattata fid-dawl tar-riskji tal-ħasil tal-flus u ta' l-iffinanzjar tat-terroriżmu.

Artikolu 9

1. L-Istati Membri għandhom jesiġu li l-identità tal-klijent u tas-sid benefiċjarju jiġu verifikati qabel ma tiġi stabbilita r-relazzjoni ta' negozju jew it-twettiq tat-tranżazzjoni.

2. B'deroga mill-paragrafu 1, l-Istati Membri jistgħu jippermettu li l-identitajiet tal-klijent u tas-sid benefiċjarju jiġu verifikati waqt li tiġi stabbilita relazzjoni ta' negozju jekk dan ikun neċessarju sabiex ma tiġix interrotta t-tmexxija normali tan-negozju u fejn hemm ftit riskju li jkun hemm ħasil tal-flus jew finanzjament tat-terroriżmu. F'sitwazzjonijiet bħal dawn, dawn il-proċeduri għandhom jitlestew hekk kif ikun prattiku wara l-kuntatt tal-bidu.

3. B'deroga mill-paragrafi 1 u 2, l-Istati Membri jistgħu, fir-rigward tan-negozju ta' l-assigurazzjoni fuq il-ħajja, jippermettu li l-verifika ta' l-identità tal-benefiċjarju tal-polza ssir wara li tiġi stabbilita r-relazzjoni ta' negozju. F'dak il-każ, il-verifika għandha ssir fil-waqt jew qabel il-waqt tal-ħlas jew fil-waqt jew qabel il-waqt li l-benefiċjarju ikollu l-ħsieb li juża d-drittijiet mogħtija mill-polza.

4. Bħala deroga mill-paragrafi 1 u 2, l-Istati Membri jistgħu jippermettu l-ftuħ ta' kont bankarju kemm-il darba ikun hemm salvagwardji adegwati fis-seħħ sabiex jiżguraw li ma jitwettqux tranżazzjonijiet mill-klijent jew f'ismu sakemm ma tiġix żgurata l-konformità kompleta mad-dispożizzjonijiet imsemmija hawn fuq.

5. L-Istati Membri għandhom jesiġu li, fejn l-istituzzjoni jew il-persuna konċernata ma jistgħux jikkonformaw mal-punti (a), (b) u (ċ) ta' Artikolu 8(1), dawn ma jistgħux iwettqu tranżazzjonijiet permezz ta' kont bankarju, jew jistabbilixxu relazzjoni ta' negozju jew iwettqu t-tranżazzjoni, jew ikollhom itemmu r-relazzjoni ta' negozju, u jikkonsidraw li jagħmlu rapport lill-unità ta' l-intelliġenza finanzjarja (*FIU*) skond Artikolu 22 fir-rigward tal-klijent.

L-Istati Membri mhumiex obbligati japplikaw din id-dispożizzjoni f'sitwazzjonijiet fejn nutara, professjonisti legali indipendenti, awdituri, *accountants* u konsulenti tat-taxxa esterni ikunu qegħdin jaċċertaw il-pożizzjoni legali għall-klijent tagħhom jew jaqdu dmirijiethom billi jiddefendu jew jirrappreżentaw dak il-klijent fi proċedimenti ġudizzjarji, jew in konnessjoni magħhom, anke billi jagħtu pariri dwar il-ftuħ jew l-evitar ta' proċedimenti legali.

6. L-Istati Membri għandhom jesiġu li l-istituzzjonjiet u l-persuni koperti b'din id-Direttiva japplikaw proċeduri ta' diliġenza dovuta mhux biss mal-klijenti ġodda iżda wkoll fi żminijiet xierqa ma' klijenti eżistenti fuq il-bażi tal-konoxxenza tar-riskji.

Artikolu 10

1. L-Istati Membri għandhom jesiġu li l-klijenti kollha tal-każinojiet jiġu identifikati u li l-identità tagħhom tiġi verifikata jekk jixtru jew jibdlu ċippi tal-logħob b'valur ta' EUR 2 000 jew aktar.

2. Il-każinojiet suġġetti għas-superviżjoni ta' l-Istat għandhom jitqiesu fi kwalunkwe każ li jissodisfaw ir-rekwiżiti tad-diliġenza dovuta jekk huma jirreġistraw u jidentifikaw il-klijenti, u jivverifikaw l-identità tagħhom, immedjatament mad-dħul jew qabel, immaterjalment mill-ammont ta' ċippi tal-logħob mixtrija.

TAQSIMA 2

Diliġenza Dovuta Simplifikata mal-Klijent

Artikolu 11

1. B'deroga mill-Artikoli 7(a), (b) u (d), 8 u 9(1), l-istituzzjonijiet u l-persuni koperti minn din id-Direttiva ma għandhomx ikunu suġġetti għar-rekwiżiti msemmija f'dawk l-Artikoli fejn il-klijent ikun istituzzjoni ta' kreditu jew finanzjarja koperta minn din id-Direttiva, jew istituzzjoni ta' kreditu jew istituzzjoni finanzjarja li tkun tinsab f'pajjiż terz li jimponi rekwiżiti ekwivalenti għal dawk stabbiliti f'din id-Direttiva u li tkun sorveljata għall-konformità ma' dawk ir-rekwiżiti.

2. B'deroga mill-Artikoli 7(a), (b) u (d), 8 u 9(1) l-Istati Membri jistgħu jippermettu lill-istituzzjonijiet u l-persuni koperti minn din id-Direttiva li ma japplikawx id-diliġenza dovuta mal-klijent fir-rigward ta':

(a) kumpanniji kkwotati li t-titoli tagħhom ikunu aċċettati għan-negozju f'suq regolat fis-sens tad-Direttiva 2004/39/KE fi Stat Membru wieħed jew aktar u kumpanniji kkwotati ta' pajjiżi terzi li jkunu suġġetti għal rekwiżiti ta' żvelar konsistenti mal-liġi Komunitarja;

(b) sidien benefiċjarji ta' kontijiet akkomunati miżmuma minnutara u professjonisti legali indipendenti oħra mill-Istati Membri, jew minn pajjiżi terzi sakemm ikunu suġġetti għal rekwiżiti li jikkombattu l-ħasil tal-flus jew il-iffinanzjar tat-terroriżmu konsistenti ma' l-istandards internazzjonali u jkunu sorveljati għall-konformità ma' dawk ir-rekwiżiti u sakemm l-informazzjoni dwar l-identità tas-sid benefiċjarju tkun disponibili, meta mitluba, għall-istituzzjonijiet li jaġixxu bħala istituzzjonijiet depożitarji għall-kontijiet akkomunati;

(ċ) awtoritajiet pubbliċi domestiċi,

jew fir-rigward ta' kwalunkwe klijent ieħor li jirrappreżenta riskju baxx ta' ħasil tal-flus jew ta' finanzjament tat-terroriżmu li jissodisfa l-kriterji tekniċi stabbiliti skond Artikolu 40(1)(b).

3. Fil-każijiet msemmija fil-paragrafi 1 u 2, l-istituzzjonijiet u l-persuni koperti minn din id-Direttiva għandhom fi kwalunkwe każ jiġbru informazzjoni biżżejjed sabiex jistabbilixxu jekk il-klijent jikkwalifikax għall-eżenzjoni kif imsemmi f'dawk il-paragrafi.

4. L-Istati Membri għandhom jinformaw lil xulxin u lill-Kummissjoni dwar każijiet fejn huma jqisu li pajjiż terz jissodisfa l-kondizzjonijiet stabbiliti fil-paragrafi 1 jew 2 jew f'sitwazzjonijiet oħra li jissodisfaw il-kriterji tekniċi stabbiliti skond Artikolu 40(1)(b).

5. B'deroga mill-Artikoli 7(a), (b) u (d), 8 u 9(1), l-Istati Membri jistgħu jippermettu l-istituzzjonijiet u l-persuni koperti minn din id-Direttiva li ma japplikawx id-diliġenza dovuta mal-klijent fir-rigward ta':

(a) poloz ta' l-assigurazzjoni fuq il-ħajja fejn il-primjum annwali ma jkunx iżjed minn EUR 1 000 jew il-primjum uniku ma jkunx iżjed minn EUR 2 500;

(b) poloz ta' l-assigurazzjoni għal skemi ta' pensjonijiet jekk ma jkunx hemm applikabbli klawsola ta' ċediment u l-polza ma tistaz tintuża bħala garanzija;

(ċ) skema ta' pensjoni, jew ta' *superannuation* jew skema simili li tipprovdi benefiċċji ta' l-irtirar għall-impjegati, fejn il-kontribuzzjonijiet isiru permezz tat-tnaqqis mill-pagi u r-regoli ta' l-iskema ma jippermettux it-trasferiment ta' l-imgħax ta' membru taħt l-iskema;

(d) flus elettroniċi, kif definiti f'Artikolu 1(3)(b) tad-Direttiva 2000/46/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-18 ta' Settembru 2000 dwar il-bidu, l-eżerċizzju u s-supervizjoni prudenti tal-kummerċ ta' istituzzjoni ta' flus elettroniċi ([1]), fejn, jekk l-istrument ma jistax jiġi rikarigat, l-ammont massimu miżmum fl-istrument ma jkunx aktar minn EUR 150, jew fejn, jekk l-istrument jista' jiġi rikarigat, ikun impost limitu ta' EUR 2 500 fuq l-ammont totali tat-tranżazzjoni f'sena kalendarja, għajr meta ammont ta' EUR 1 000 jew aktar jinfeda f'dik l-istess sena kalendarja mid-detentur kif imsemmi Artikolu 3 tad-Direttiva 2000/46/KE,

jew fir-rigward ta' kwalunkwe prodott ieħor jew tranżazzjoni li jirrappreżentaw riskju baxx ta' ħasil ta' flus jew finanzjament ta' terroriżmu u li jkunu jissodisfaw il-kriterji tekniċi stabbiliti skond Artikolu 40(1)(b).

Artikolu 12

F'każ li l-Kummissjoni tadotta deċiżjoni skond Artikolu 40(4), l-Istati Membri għandhom jipprojbixxu l-istituzzjonijiet u l-persuni koperti b'din id-Direttiva milli japplikaw il-forma simplifikata tad-diliġenza dovuta fil-konfront ta' istituzzjonijiet ta' kreditu u istituzzjonijiet finanzjarji jew kumpanniji reġistrati tal-pajjiż terz konċernat jew entitajiet oħra sussegwenti għal sitwazzjonijet li jissodisfaw il-kriterji tekniċi stabbiliti skond Artikolu 40(1)(b).

TAQSIMA 3

Diliġenza Dovuta Msaħħa mal-Klijent

Artikolu 13

1. L-Istati Membri għandhom jesiġu mill-istituzzjonijiet u mill-persuni koperti minn din id-Direttiva, li japplikaw, fuq il-bażi tal-konoxxenza tar-riskju, miżuri msaħħa ta' diliġenza dovuta mal-klijent, flimkien mal-miżuri msemmija fl-Artikoli 7, 8 u 9(6), f'sitwazzjonijiet li min-natura tagħhom jistgħu joħolqu riskju ikbar ta' ħasil tal-flus jew ta' l-iffinanzjar tat-terroriżmu, u għallinqas fis-sitwazzjonijiet previsti fil-paragrafi 2, 3, u 4 u f'sitwazzjonijiet oħra li jirrappreżentaw riskju kbir ta' ħasil tal-flus jew ta' finanzjament tat-terroriżmu li jissodisfaw il-kriterji tekniċi stabbiliti skond Artikolu 40(1)(ċ).

2. Fejn il-klijent ma kienx preżenti fiżikament għall-finijiet ta' identifikazzjoni, l-Istati Membri għandhom jesiġu li dawk l-istituzzjonijiet u persuni japplikaw miżuri speċifiċi u adatti sabiex jikkumpensaw għar-riskju ikbar, per eżempju billi japplikaw waħda, jew aktar, minn dawn il-miżuri li ġejjin:

(a) jiżguraw li l-identità tal-klijent tiġi stabbilita b'dokumenti, *data* jew informazzjoni addizzjonali;

(b) jieħdu miżuri supplimentari li jivverifikaw jew jiċċertifikaw id-dokumenti provduti, jew jesiġu ċertifikazzjoni konfermanti minn istituzzjoni ta' kreditu jew finanzjarja koperta minn din id-Direttiva;

(ċ) jiżguraw li l-ewwel pagament ta' l-operazzjonijijiet isir permezz ta' kont miftuħ fl-isem tal-klijent ma' istituzzjoni ta' kreditu.

3. Fir-rigward ta' relazzjoni ta' korrispondenza bankarja transkonfinali ma' istituzzjonijiet rispondenti minn pajjiżi terzi, l-Istati Membri għandhom jesiġu mill-istituzzjonijiet ta' kreditu tagħhom li:

(a) jiġbru informazzjoni biżżejjed dwar istituzzjoni rispondenti sabiex jifhmu interament in-natura tan-negozju ta' l-istituzzjoni rispondenti u jiddeterminaw minn informazzjoni pubblika disponibbli r-reputazzjoni ta' l-istituzzjoni u l-kwalità ta' superviżjoni;

(b) jagħmlu stima tal-kontrolli kontra l-ħasil tal-flus u kontra l-iffinanzjar tat-terroriżmu ta' l-istituzzjoni rispondenti;

(ċ) jiksbu l-approvazzjoni tal-livelli għolja ta' ġestjoni qabel jistabbilixxu relazzjonijiet korrispondenti ġodda;

(d) jiddokumentaw ir-responsabbiltajiet rispettivi ta' kull istituzzjoni;

(e) fir-rigward ta' pagamenti permezz ta' trasferimenti minn kontijiet, ikunu sodisfatti li l-istituzzjoni ta' kreditu rispondenti ivverifikat l-identità tal-klijenti u prattikat id-diliġenza dovuta fuq bażi kontinwa mal-klijenti li jkollhom aċċess dirett għall-kontijiet tal-korrispondent u li tkun kapaċi tipprovdi *data* rilevanti għall-finijiet tad-diliġenza dovuta fuq talba ta' l-istituzzjoni korrispondenti.

4. Fir-rigward ta' tranżazzjonijiet jew relazzjonijiet ta' negozju ma' persuni esposti politikament li jkunu residenti fi Stat Membru ieħor jew f'pajjiż terz, l-Istati Membri għandhom jesiġu mill-istituzzjonijiet u l-persuni koperti minn din id-Direttiva li:

(a) jkollhom proċeduri bbażati fuq ir-riskju sabiex jistabbilixxu jekk il-klijent huwiex persuna esposta politikament;

(b) jkollhom l-approvazzjoni tal-livelli għolja ta' ġestjoni qabel jistabbilixxu relazzjonijiet ta' negozju ma' klijenti bħal dawn;

(ċ) jieħdu miżuri adegwati sabiex jistabbilixxu s-sors tal-beni u s-sors tal-fondi li jkunu involuti fir-relazzjoni ta' negozju jew fit-tranżazzjoni;

(d) iwettqu sorveljanza kontinwa aktar stretta tar-relazzjoni ta' negozju.

([1]) ĠU L 275, tas-27.10.2000, p. 39.

5. L-Istati Membri għandhom jipprojbixxu lill-istituzzjonijiet ta' kreditu milli jidħlu jew ikomplu relazzjoni bankarja korrispondenti ma' *shell bank* u jesiġu li l-istituzzjonijiet ta' kreditu jieħdu l-miżuri neċessarji sabiex jiżguraw li la jibdew u lanqas ikomplu relazzjonijiet bankarji korrispondenti ma' bank li jkun magħruf li jippermetti li l-kontijiet tiegħu jintużaw minn *shell bank*.

6. L-Istati Membri għandhom jiżguraw li l-istituzzjonijiet u l-persuni koperti minn din id-Direttiva jagħtu attenzjoni speċjali lil kwalunkwe theddida ta' ħasil tal-flus jew finanzjament tat-terroriżmu li tista' tiġi minn prodotti jew tranżazzjonijiet li jistgħu jiffavorixxu l-anonimità, u jieħdu miżuri, jekk ikun meħtieġ, sabiex jevitaw l-użu tagħhom fi skemi ta' ħasil ta' flus jew finanzjament tat-terroriżmu.

TAQSIMA 4

Implementazzjoni minn Terzi

Artikolu 14

L-Istati Membri jistgħu jippermettu li l-istituzzjonijiet u l-persuni koperti minn din id-Direttiva jafdaw terzi sabiex jiġu sodisfatti r-rekwiżiti stabbiliti f'Artikolu 8(1)(a) sa (ċ). Madankollu, ir-responsabbilità finali għall-osservanza ta' dawk ir-rekwiżiti għandha tibqa' ta' l-istituzzjoni jew il-persuna koperta minn din id-Direttiva li tafda t-terz.

Artikolu 15

1. Fejn Stat Membru jippermetti li l-istituzzjonijiet ta' kreditu jew finanzjarji msemmija f'Artikolu 2(1)(1) jew (2), li jinsabu fit-territorju tiegħu, jintużaw domestikament bħala terzi, dak l-Istat Membru għandu fi kwalunkwe każ jippermetti l-istituzzjonijiet u l-persuni tiegħu msemmija f'Artikolu 2(1) jirrikonoxxu u jaċċettaw, skond id-dispożizzjonijiet stabbiliti f'Artikolu 14, ir-riżultat tar-rekwiżiti ta' diliġenza dovuta mal-klijent stabbiliti f'Artikolu 8(1)(a) sa (ċ), li jitwettqu skond din id-Direttiva minn istituzzjoni msemmija f'Artikolu 2(1)(1) jew (2) fi Stat Membru ieħor (bl-eċċezzjoni ta' uffiċċji tal-kambju u uffiċċji tat-trażmissjoni jew tad-dispaċċ tal-flus) u li jissodisfaw ir-rekwiżiti stabbiliti fl-Artikoli 16 u 18, anke jekk id-dokumenti jew id-*data* li fuqhom dawk r-rekwiżiti kienu bbażati huma differenti minn dawk meħtieġa fl-Istat Membru li lilu l-klijent jiġi riferut.

2. Fejn Stat Membru jippermetti li l-uffiċċji tal-kambju u l-uffiċċji tat-trażmissjoni jew tad-dispaċċ tal-flus, imsemmija f'Artikolu 3(2)(a), li jinsabu fit-territorju tiegħu, jintużaw domestikament bħala terzi, dak l-Istat Membru għandu fi kwalunkwe eventwalità jippermettilhom li jirrikonoxxu u jaċċettaw, skond Artikolu 14, ir-riżultat tar-rekwiżiti ta' diliġenza dovuta stabbiliti f'Artikolu 8(1)(a) sa (ċ), li jitwettqu skond din id-Direttiva mill-istess kategorija ta' istituzzjoni fi Stat Membru ieħor u li jissodisfaw ir-rekwiżiti stabbiliti fl-Artikoli 16 u 18, anke jekk id-dokumenti jew id-*data* li fuqhom dawk ir-rekwiżiti kienu bbażati huma differenti minn dawk meħtieġa fl-Istat Membru li lilu l-klijent jiġi riferut.

3. Fejn Stat Membru jippermetti li l-persuni msemmija f'Artikolu 2(1)(3)(a) sa (ċ), li jinsabu fit-territorju tiegħu, jintużaw domestikament bħala terzi, dak l-Istat Membru għandu fi kwalunkwe eventwalità jippermettilhom li jirrikonoxxu u jaċċettaw, skond Artikolu 14, ir-riżultat tar-rekwiżiti ta' diliġenza dovuta mal-klijent stabbiliti f'Artikolu 8(1)(a) sa (ċ), li jitwettqu skond din id-Direttiva minn persuna msemmija f'Artikolu 2(1)(3)(a) sa (ċ)fi Stat Membru ieħor u li jissodisfaw ir-rekwiżiti stabbiliti fl-Artikoli 16 u 18, anke jekk id-dokumenti jew id-*data* li fuqhom dawk ir-rekwiżiti kienu bbażati huma differenti minn dawk meħtieġa fl-Istat Membru li lilu l-klijent jiġi riferut.

Artikolu 16

1. Għall-finijiet ta' din it-Taqsima, "terzi" għandha tfisser l-istituzzjonijiet u l-persuni li huma elenkati f'Artikolu 2, jew istituzzjonijiet u persuni ekwivalenti li jkunu jinsabu f'pajjiż terz, li jissodisfaw ir-rekwiżiti li ġejjin:

(a) ikunu suġġetti għal reġistrazzjoni professjonali obbligatorja, rikonoxxuta mil-liġi;

(b) japplikaw ir-rekwiżiti ta' diliġenza dovuta mal-klijent u r-rekwiżiti taż-żamma ta' reġistri kif stabbiliti jew ekwivalenti għal dawk stabbiliti f'din id-Direttiva u l-konformità tagħhom mar-rekwiżiti ta' din id-Direttiva tkun sorveljata skond it-Taqsima 2 tal-Kapitolu V, jew ikunu jinsabu f'pajjiż terz li jimponi rekwiżiti ekwivalenti għal dawk stabbiliti f'din id-Direttiva.

2. L-Istati Membri għandhom jinformaw lil xulxin u lill-Kummissjoni bil-każijiet fejn iqisu li pajjiż terz jissodisfa l-kondizzjonijiet stabbiliti fil-paragrafu 1(b).

Artikolu 17

Fejn il-Kummissjoni tadotta deċiżjoni skond Artikolu 40(4), l-Istati Membri għandhom jipprojbixxu l-istituzzjonijiet u l-persuni koperti minn din id-Direttiva milli jafdaw terzi mill-pajjiż terz konċernat sabiex iwettqu r-rekwiżiti stabbiliti f'Artikolu 8(1)(a) sa (ċ).

Artikolu 18

1. It-terzi għandhom jagħmlu l-informazzjoni mitluba skond ir-rekwiżiti stabbiliti f'Artikolu 8(1)(a) sa (ċ) immedjatament disponibbli lill-istituzzjoni jew persuna li lilha jiġi riferut il-klijent.

2. Fejn issir talba għalihom, il-kopji rilevanti tad-*data* ta' identifikazzjoni u ta' verifikazzjoni u dokumentazzjoni rilevanti oħra dwar l-identità tal-klijent jew tas-sid benefiċjarju għandhom jintbagħtu minnufih mit-terz lill-istituzzjoni jew persuna li lilha jiġi riferut il-klijent.

Artikolu 19

Din it-Taqsima ma għandhiex tapplika għar-relazzjonijiet ta' *outsourcing* jew ta' aġenzija fejn, abbażi ta' ftehim kontrattwali, il-fornitur tas-servizz ta' *outsourcing* jew l-aġent għandu jitqies bħala parti mill-istituzzjoni jew persuna koperta minn din id-Direttiva.

KAPITOLU III

OBBLIGAZZJONIJIET TA' RAPPORTAĠĠ

TAQSIMA 1

Dispożizzjoniet ġenerali

Artikolu 20

L-Istati Membri għandhom jesiġu li l-istituzzjonijiet u l-persuni koperti minn din id-Direttiva jagħtu attenzjoni speċjali lil kwalunkwe attività li huma jqisu, min-natura tagħha, b'mod partikolari x'aktarx relatata ma' ħasil tal-flus jew finanzjament tat-terroriżmu u b'mod partikolari, lil tranżazzjonijiet kumplessi jew insolitament kbar u lill-forom kollha ta' tranżazzjonijiet li ma jkollhomx skop ekonomiku apparenti jew skop legali viżibbli.

Artikolu 21

1. Kull Stat Membru għandu jwaqqaf *FIU* sabiex jiġġieled b'mod effettiv il-ħasil tal-flus u l-iffinanzjar tat-terroriżmu.

2. Dik l-*FIU* għandha titwaqqaf bħala unità nazzjonali ċentrali u tkun responsabbli sabiex tirċievi (u safejn ikun permess), titlob, tanalizza u tqassam lill-awtoritajiet kompetenti informazzjoni żvelata dwar ħasil ta' flus jew finanzjament terroristiku potenzjali jew li tkun meħtieġa mil-liġi nazzjonali jew minn regolamenti nazzjonali. Din għandha tingħata r-riżorsi adegwati sabiex twettaq il-funzjonijiet tagħha.

3. L-Istati Membri għandhom jiżguraw li l-*FIU* ikollha aċċess, dirett jew indirett, tempestivament, għall-informazzjoni finanzjarja, amministrattiva u konnessa ma' l-infurzar tal-liġi li hija tkun teħtieġ sabiex twettaq adegwatament il-funzjonijiet tagħha.

Artikolu 22

1. L-Istati Membri għandhom jesiġu li l-istituzzjonijiet u l-persuni koperti b'din id-Direttiva, u fejn applikabbli d-diretturi u l-impjegati tagħhom, jikkoperaw b'mod sħiħ:

(a) billi minnufih jinformaw lill-*FIU*, minn rajhom, fejn l-istituzzjoni jew il-persuna koperta minn din id-Direttiva taf, tissuspetta jew għandha motivi raġonevoli sabiex tissuspetta li qiegħed jitwettaq jew ġie mwettaq attentat ta' ħasil ta' flus jew finanzjar tat-terroriżmu;

(b) billi jipprovdu fil-pront lill-*FIU* fuq talba tagħha, l-informazzjoni neċessarja kollha, skond il-proċeduri stabbiliti mil-liġi applikabbli.

2. L-informazzjoni msemmija fil-paragrafu 1 għandha tintbagħat lill-*FIU* ta' l-Istat Membru li fit-territorju tiegħu tinsab l-istituzzjoni jew il-persuna li tibgħat l-informazzjoni. Il-persuna jew persuni nominati skond il-proċeduri stabbiliti f'Artikolu 34 għandhom normalment jibagħtu l-informazzjoni.

Artikolu 23

1. B'deroga mill-Artikolu 22(1), l-Istati Membri jistgħu, fil-każ tal-persuni msemmija f'Artikolu 2(1)(3)(a) u (b), jinnominaw korp awto-regolatorju adatt tal-professjoni konċernata bħala l-awtorità li tiġi informata fl-ewwel istanza minflok l-*FIU*. Mingħajr preġudizzju għall-paragrafu 2, il-korp awto-regolatorju nominat għandu f'dawn il-każijiet jibgħat l-informazzjoni lill-*FIU* fil-pront u mingħajr ma tkun ġiet filtrata.

2. L-Istati Membri mhumiex obbligati japplikaw l-obbligi ta' Artikolu 22(1) fil-konfront ta' nutara, professjonisti legali indipendenti, awdituri, *accountants* esterni u konsulenti tat-taxxa firrigward ta' informazzjoni li huma jirċievu minn xi wieħed millklijenti tagħhom jew li jiksbu dwaru, matul l-aċċertament talpożizzjoni legali tal-klijent tagħhom jew matul il-qadi ta' dmirijiethom permezz tad-difiża jew rappreżentanza ta' dak il-klijent fi proċedimenti ġudizzjarji, jew in konnessjoni magħhom, anke billi jagħtu pariri dwar il-ftuħ jew l-evitar ta' proċedimenti legali, kemm jekk tali informazzjoni tiġi riċevuta jew miksuba qabel kif ukoll jekk wara tali proċedimenti.

Artikolu 24

1. L-Istati Membri għandhom jesiġu li l-istituzzjonijiet u l-persuni koperti minn din id-Direttiva ma jwettqux tranżazzjonijiet li huma jafu jew jissuspettaw li huma marbuta mal-ħasil tal-flus jew mal-iffinanzjar tat-terroriżmu sakemm ma jkunux wettqu kompletament l-azzjoni neċessarja skond Artikolu 22(1)(a). Konformement mal-liġijiet ta' l-Istati Membri, jistgħu jingħataw istruzzjonijiet sabiex ma titwettaqx it-tranżazzjoni.

2. Fejn ikun hemm suspett li tali tranżazzjoni tagħti lok għal ħasil tal-flus jew għal finanzjament tat-terroriżmu u fejn ikun impossibbli li ma titwettaqx tali tranżazzjoni jew fejn, jekk ma titwettaqx tali tranżazzjoni, jistgħu jixxekklu l-isforzi sabiex jiġu segwiti l-benefiċjarji ta' xi operazzjoni suspettata ta' ħasil talflus jew ta' finanzjament tat-terroriżmu, l-istituzzjonijiet u l-persuni konċernati għandhom jinformaw lill-*FIU* immedjatament wara.

Artikolu 25

1. L-Istati Membri għandhom jiżguraw li jekk, fil-kors ta' l-ispezzjonijiet li jsiru fl-istituzzjonijiet u l-persuni koperti minn din id-Direttiva mill-awtoritajiet kompetenti imsemmija f'Artikolu 37, jew bi kwalunkwe mod ieħor, dawk l-awtoritajiet jiskopru fatti li jistgħu jkunu relatati mal-ħasil tal-flus jew mal-iffinanzjar tat-terroriżmu, għandhom javżaw minnufih lill-*FIU*.

2. L-Istati Membri għandhom jiżguraw li l-korpi ta' sorveljanza li għandhom is-setgħa bil-liġi jew b'regolament li jikkontrollaw il-Borża, is-swieq tal-kambju u s-swieq finanzjarji javżaw lill-*FIU* jekk jiskopru fatti li jistgħu jkunu relatati mal-ħasil tal-flus jew mal-iffinanzjar tat-terroriżmu.

Artikolu 26

L-iżvelar in bona fede, kif previst fl-Artikoli 22(1) u 23, mill-istituzzjoni jew persuna koperta minn din id-Direttiva jew minn impjegat jew direttur ta' tali istituzzjoni jew persuna ta' l-informazzjoni msemmija fl-Artikoli 22 u 23 ma għandux jikkostitwixxi ksur ta' kwalunkwe restrizzjoni fuq l-iżvelar ta' informazzjoni imposta b'kuntratt jew bi kwalunkwe dispożizzjoni leġiżlattiva, regolatorja jew amministrattiva, u ma għandux jinvolvi xi responsabbiltà, ta' kwalunwke tip, ta' l-istituzzjoni jew persuna jew tad-diretturi jew impjegati tagħha.

Artikolu 27

L-Istati Membri għandhom jieħdu l-miżuri adatti kollha sabiex jipproteġu, milli jkunu esposti għat-theddid jew għal xi azzjoni ostili, lill-impjegati ta' l-istituzzjonijiet jew persuni koperti minn din id-Direttiva li jirrapportaw suspetti ta' ħasil tal-flus jew ta' finanzjament tat-terroriżmu kemm meta jagħmlu dan internament kif ukoll meta jagħmlu dan lill-*FIU*.

TAQSIMA 2

Projbizzjoni ta' Żvelar

Artikolu 28

1. L-istituzzjonijiet u l-persuni koperti minn din id-Direttiva, id-diretturi u l-impjegati tagħhom ma għandhomx jiżvelaw, lill-klijent ikkonċernat u lanqas lil terzi, il-fatt li intbagħtet informazzjoni lill-*FIU* skond l-Artikoli 22 u 23 jew li tkun qiegħda, jew li tista', issir investigazzjoni dwar il-ħasil tal-flus jew finanzjament tat-terroriżmu.

2. Il-projbizzjoni stabbilita fil-paragrafu 1 ma għandhiex tinkludi l-iżvelar lill-awtoritajiet kompetenti msemmija f'Artikolu 37, inklużi l-korpi awto-regolatorji, jew l-iżvelar għall-finijiet ta' l-infurzar tal-liġi.

3. Il-projbizzjoni stabbilita fil-paragrafu 1 ma għandhiex tipprekludi l-iżvelar bejn l-istituzzjonijiet ta' l-Istati Membri, jew minn pajjiżi terzi sakemm dawn jissodisfaw il-kondizzjonijiet stabbiliti f'Artikolu 11(1), li jappartjenu lill-istess grupp kif definit f'Artikolu 2(12) tad-Direttiva 2002/87/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-16 ta' Diċembru 2002 dwar is-superviżjoni supplimentari ta' istituzzjonijiet ta' kreditu dwar impriżi ta' assigurazzjoni u ditti ta' l-investiment f'konglomerat finanzjarju ([1]).

4. Il-projbizzjoni stabbilita fil-paragrafu 1 ma għandhiex tipprekludi l-iżvelar bejn persuni msemmija f'Artikolu 2(1)(3)(a) u (b) mill-Istati Membri, jew minn pajjiżi terzi li jimponu rekwiżiti ekwivalenti għal dawk stabbiliti f'din id-Direttiva, li jwettqu l-attivitajiet professjonali tagħhom, kemm bħala impjegati jew le, fl-istess persuna ġuridika jew sistema retikolata. Għall-finijiet ta' dan Artikolu, "sistema retikolata" tfisser struttura akbar li għaliha tappartjeni l-persuna u li taqsam b'komunanza magħha kontroll komuni fir-rigward taddritt ta' proprjetà, jew it-tmexxija jew il-kontroll tal-konformità.

5. Għall-istituzzjonijiet jew il-persuni msemmija f'Artikolu 2(1)(1), (2) u (3)(a) u (b) fil-każijiet relatati ma' l-istess klijent u ma' l-istess tranżazzjoni li tinvolvi żewġ istituzzjonijiet jew persuni jew aktar, il-projbizzjoni stabbilita fil-paragrafu 1 ma għandhiex tipprekludi l-iżvelar bejn l-istituzzjonijiet jew persuni rilevanti sakemm dawn jinsabu fi Stat Membru, jew f'pajjiż terz li jimponi rekwiżiti ekwivalenti għal dawk stabbiliti f'din id-Direttiva, u li huma mill-istess kategorija professjonali u huma suġġetti għal obbligi ekwivalenti fir-rigward tas-sigriet professjonali u l-protezzjoni tad-*data* personali. L-informazzjoni skambjata għandha tintuża b'mod esklussiv għall-finijiet tal-prevenzjoni tal-ħasil tal-flus u ta' l-iffinanzjar tat-terroriżmu.

6. Fejn il-persuni msemmija f'Artikolu 2(1)(3)(a) u (b) ifittxu li jiddisswadu klijent milli jieħu sehem f'attività llegali, dan ma għandux jikkostitwixxi żvelar fis-sens tal-paragrafu 1.

7. L-Istati Membri għandhom jinformaw lil xulxin u lill-Kummissjoni bil-każijiet fejn huma jqisu li pajjiż terz jissodisfa l-kondizzjonijiet stabbiliti fil-paragrafi 3, 4 jew 5.

Artikolu 29

Fejn il-Kummissjoni tadotta deċiżjoni skond Artikolu 40(4), l-Istati Membri għandhom jipprojbixxu l-iżvelar bejn l-istituzzjonijiet u persuni koperti minn din id-Direttiva u l-istituzzjonijiet u persuni mill-pajjiż terz konċernat.

([1]) ĠU L 35, tal-11.2.2003, p. 1.

KAPITOLU IV

IŻ-ŻAMMA TA' REĠISTRI U DATA STATISTIKA

Artikolu 30

L-Istati Membri għandhom jesiġu li l-istituzzjonijiet u l-persuni koperti minn din id-Direttiva jżommu d-dokumenti u l-informazzjoni, li ġejjin, għall-użu fi kwalunkwe investigazzjoni dwar, jew l-analiżi ta', ħasil tal-flus jew finanzjament tat-terroriżmu, li jkunu eventwalment possibbli, mill-*FIU* jew minn awtoritajiet kompetenti oħra skond il-liġi nazzjonali:

(a) fil-każ tad-diliġenza dovuta mal-klijent, kopja jew ir-referenzi tal-prova meħtieġa, għal perjodu ta' għall-inqas ħames snin wara li r-relazzjoni ta' negozju mal-klijent tagħhom tkun intemmet;

(b) fil-każ ta' relazzjonijiet ta' negozju u tranżazzjonijiet, il-prova ta' sostenn u l-informazzjoni dokumentata, li jikkonsistu f'dokumenti oriġinali jew kopji ammissibbli fi proċedimenti tal-qorti taħt il-liġi applikabbli nazzjonali għal perjodu ta' għall-inqas ħames snin wara t-twettiq tat-tranżazzjonijiet jew wara t-tmiem tar-relazzjoni ta' negozju.

Artikolu 31

1. L-Istati Membri għandhom jesiġu li l-istituzzjonijiet ta' kreditu u finanzjarji koperti minn din id-Direttiva japplikaw, fejn ikunu applikabbli, fil-fergħat tagħhom u s-sussidjarji li jkunu tagħhom permezz ta' maġġoranza ta' ishma li jkunu jinsabu f'pajjiżi terzi, miżuri ta' l-inqas ekwivalenti għal dawk stabbiliti f'din id-Direttiva fir-rigward tad-diliġenza dovuta mal-klijent u taż-żamma tar-reġistri.

Fejn il-liġi ta' pajjiż terz ma tippermettix l-applikazzjoni ta' tali miżuri ekwivalenti, l-Istati Membri għandhom jesiġu li l-istituzzjonijiet ta' kreditu u finanzjarji konċernati javżaw lill-awtoritajiet kompetenti ta' l-Istat Membru rilevanti dwar dan.

2. L-Istati Membri u l-Kummissjoni għandhom javżaw lil xulxin dwar il-każijiet fejn il-liġi tal-pajjiż terz ma tippermettix l-applikazzjoni tal-miżuri meħtieġa taħt l-ewwel subparagrafu tal-paragrafu 1 u fejn tkun tista' tittieħed azzjoni koordinata sabiex tinstab soluzzjoni.

3. L-Istati Membri għandhom jesiġu li fejn il-liġi tal-pajjiż terz ma tippermettix l-applikazzjoni tal-miżuri mitluba taħt l-ewwel subparagrafu tal-paragrafu 1, l-istituzzjonijiet ta' kreditu jew finanzjarji jieħdu miżuri supplimentari sabiex jittrattaw b'mod effettiv ir-riskju ta' ħasil tal-flus jew ta' l-iffinanzjar tat-terroriżmu.

Artikolu 32

L-Istati Membri għandhom jesiġu li l-istituzzjonijiet ta' kreditu u finanzjarji tagħhom ikollhom sistemi stabbiliti li jgħinuhom jirrispondu bis-sħiħ u malajr għal talbiet mill-*FIU*, jew minn awtoritajiet oħra skond il-liġi nazzjonali tagħhom, għal informazzjoni dwar jekk huma għandhomx jew kellhomx matul il-ħames snin preċedenti relazzjoni ta' negozju ma' persuna ġuridika jew fiżika speċifikata u dwar in-natura ta' dik ir-relazzjoni.

Artikolu 33

1. L-Istati Membri għandhom jiżguraw li jkunu jistgħu jirrevedu l-effikaċja tas-sistemi tagħhom kontra l-ħasil tal-flus jew l-iffinanzjar tat-terroriżmu billi jżommu statistika komprensiva dwar materji li jkunu rilevanti għall-effikaċja ta' tali sistemi.

2. Dawn l-istatistiċi għandhom bħala minimu jkopru n-numru ta' rapporti dwar tranżazzjonijiet suspettużi lill-*FIU*, il-miżuri sussegwentement meħuda abbażi ta' dawn ir-rapporti u jindikaw fuq bażi annwali n-numru ta' każijiet investigati, in-numru ta' persuni li ġew mħarrka, in-numru ta' persuni li nstabu ħatja ta' ħasil tal-flus jew ta' l-iffinanzjar tat-terroriżmu, u kemm proprjetà ġiet iffriżata, maqbuda jew konfiskata.

3. L-Istati Membri għandhom jiżguraw li tiġi ppubblikata reviżjoni konsolidata ta' dawn ir-rapporti statistiċi.

KAPITOLU V

MIŻURI TA' INFURZAR

TAQSIMA 1

Proċeduri Interni, Taħriġ u Feedback

Artikolu 34

1. L-Istati Membri għandhom jesiġu li l-istituzzjonijiet u l-persuni koperti minn din id-Direttiva jistabbilixxu linji ta' kondotta u proċeduri adegwati u adatti rigward id-diliġenza dovuta mal-klijent, ir-rapportaġġ, l-immaniġġar tar-riskju, l-immaniġġar tal-konformità, u l-komunikazzjoni sabiex jiġu antiċipati u prevenuti operazzjonijiet konnessi mal-ħasil tal-flus jew mal-iffinanzjar tat-terroriżmu.

2. L-Istati Membri għandhom jesiġu li l-istituzzjonijiet ta' kreditu u finanzjarji koperti minn din id-Direttiva jikkomunikaw il-linji ta' kondotta u l-proċeduri rilevanti, fejn japplikaw, lill-fergħat u lis-sussidjarji li jkunu tagħhom permezz ta' maġġoranza ta' ishma f'pajjiżi terzi.

Artikolu 35

1. L-Istati Membri għandhom jesiġu li l-istituzzjonijiet u l-persuni koperti minn din id-Direttiva jieħdu l-miżuri adatti sabiex l-impjegati rilevanti tagħhom ikunu jafu dwar id-dispożizzjonijiet fis-seħħ abbażi ta' din id-Direttiva.

Dawn il-miżuri għandhom jinkludu l-parteċipazzjoni ta' l-impjegati rilevanti tagħhom fi programmi ta' taħriġ speċjali kontinwu li jgħinuhom jagħrfu dawk l-operazzjonijiet li jistgħu jkunu relatati mal-ħasil tal-flus jew ma' l-iffinanzjar tat-terroriżmu u li jagħtuhom istruzzjonijiet dwar kif għandhom jipproċedu f'każijiet bħal dawn.

Fejn persuna fiżika li taqa' f'waħda mill-kategoriji elenkati f'Artikolu 2(1)(3) teżegwixxi l-attivitajiet professjonali tagħha bħala impjegat ta' persuna ġuridika, l-obbligi stabbiliti f'din it-Taqsima għandhom japplikaw għal dik il-persuna ġuridika minflok għall-persuna fiżika.

2. L-Istati Membri għandhom jiżguraw li l-istituzzjonijiet u l-persuni koperti minn din id-Direttiva jkollhom aċċess għal informazzjoni aġġornata dwar il-prattika tal-ħasil tal-flus u ta' dawk li jiffinanzjaw it-terroriżmu u dwar l-indikazzjonijiet li jwasslu għall-għarfien ta' tranżazzjonijiet suspettużi.

3. L-Istati Membri għandhom jiżguraw li, kull meta jkun prattiku, jingħata *feedback* tempestiv dwar l-effikaċja, u dwar il-miżuri sussegwentement meħuda abbażi, tar-rapporti ta' ħasil tal-flus jew finanzjament tat-terroriżmu li jkunu suspettati.

TAQSIMA 2

Superviżjoni

Artikolu 36

1. L-Istati Membri għandhom jipprovdu sabiex l-uffiċċji tal-kambju u l-fornituri tas-servizzi ta' *trusts* ikunu liċenzjati jew reġistrati sabiex ikunu jistgħu joperaw legalment. Mingħajr preġudizzju għal leġiżlazzjoni futura tal-Komunità, l-Istati Membri għandhom jesiġu li l-uffiċċji tat-trażmissjoni jew tad-dispaċċ tal-flus ikunu liċenzjati jew reġistrati sabiex ikunu jistgħu joperaw legalment.

2. L-Istati Membri għandhom jesiġu li l-awtoritajiet kompetenti jirrifjutaw li jilliċenzjaw jew jirreġistraw l-entitajiet imsemmija fil-paragrafu 1 jekk ma jkunux sodisfatti li l-persuni li effettivament imexxu jew sejrin imexxu n-negozju ta' entitajiet bħal dawn jew is-sidien benefiċjarji ta' entitajiet bħal dawn huma persuni adatti u xierqa.

Artikolu 37

1. L-Istati Membri għandhom jesiġu li l-awtoritajiet kompetenti ta' l-inqas jissorveljaw effikaċement u jieħdu l-miżuri neċessarji bl-iskop li jiżguraw konformità mar-rekwiżiti ta' din id-Direttiva mill-istituzzjonijiet u l-persuni koperti minn din id-Direttiva.

2. L-Istati Membri għandhom jiżguraw li l-awtoritajiet kompetenti jkollhom setgħat adegwati, inklużi s-setgħat li jesiġu l-produzzjoni ta' kwalunkwe informazzjoni li tkun rilevanti għas-sorveljanza tal-konformità u li jagħmlu verifiki, u jkollhom riżorsi adegwati sabiex iwettqu l-funzjonijiet tagħhom.

3. Fil-każ ta' istituzzjonijiet ta' kreditu finanzjarju u każinojiet, l-awtoritajiet kompetenti irid ikollhom setgħat imsaħħa ta' sorveljanza, b'mod partikolari li jagħmlu spezzjonijiet fuq il-post.

4. Fil-każ tal-persuni fiżiċi u ġuridiċi msemmija f'Artikolu 2(1)(3)(a) sa (e), l-Istati Membri jistgħu jippermettu li l-funzjonijiet imsemmija fil-paragrafu 1 jitwettqu abbażi tal-konoxxenza tar-riskju.

5. Fil-każ tal-persuni msemmija f'Artikolu 2(1)(3)(a) u (b), l-Istati Membri jistgħu jippermettu li l-funzjonijiet imsemmija fil-paragrafu 1 jitwettqu minn korpi awto-regolatorji, sakemm dawn jikkonformaw mal-paragrafu 2.

TAQSIMA 3

Koperazzjoni

Artikolu 38

Il-Kummissjoni għandha tagħti dik l-għajnuna li tista' tkun meħtieġa sabiex taġevola l-koordinazzjoni, inkluż l-iskambju ta' l-informazzjoni bejn l-*FIUs* fil-Komunità.

TAQSIMA 4

Pieni

Artikolu 39

1. L-Istati Membri għandhom jiżguraw li l-persuni fiżiċi u ġuridiċi koperti minn din id-Direttiva jistgħu jinżammu responsabbli għall-ksur tad-dispożizzjonijiet nazzjonali adottati skond din id-Direttiva. Il-pieni għandhom ikunu effettivi, proporzjonati u dissważivi.

2. Mingħajr preġudizzju għad-dritt ta' l-Istati Membri li jimponu pieni kriminali, l-Istati Membri għandhom jiżguraw, f'konformità mal-liġi nazzjonali tagħhom, li jkunu jistgħu jittieħdu miżuri amministrattivi adatti jew li jistgħu jiġu mposti sanzjonijiet amministrattivi kontra l-istituzzjonijiet ta' kreditu jew finanzjarji għall-ksur tad-dispożizzjonijiet nazzjonali adottati skond din id-Direttiva. L-Istati Membri għandhom jiżguraw li dawn il-miżuri jew sanzjonijiet ikunu effettivi, proporzjonati u dissważivi.

3. Fil-każ ta' persuni ġuridiċi, l-Istati Membri għandhom jiżguraw li dawn ta' l-inqas ikunu jistgħu jinżammu responsabbli għall-ksur, kif imsemmi fil-paragrafu 1, kommess għall-benefiċċju tagħhom minn kwalunkwe persuna, li taġixxi jew waħedha jew bħala parti ta' organu tal-persuna ġuridika, li tkun tokkupa pożizzjoni diriġenzjali fil-persuna ġuridika, ibbażata fuq:

(a) is-setgħa ta' rappreżentanza tal-persuna ġuridika, jew

(b) l-awtorità li tieħu deċiżjonijiet għan-nom tal-persuna ġuridika, jew

(ċ) l-awtorità li teżerċita kontroll fi ħdan il-persuna ġuridika.

4. Flimkien mal-każijiet diġà previsti fil-paragrafu 3, l-Istati Membri għandhom jiżguraw li persuni ġuridiċi jistgħu jinżammu responsabbli fejn in-nuqqas ta' sorveljanza jew kontroll minn persuna msemmija fil-paragrafu 3 għamel possibbli l-ksur imsemmi fil-paragrafu 1 għall-benefiċċju tal-persuna ġuridika minn persuna taħt l-awtorità tagħha.

KAPITOLU VI

MIŻURI IMPLEMENTATTIVI

Artikolu 40

1. Sabiex jittieħed kont ta' l-iżviluppi tekniċi fil-ġlieda kontra l-ħasil tal-flus jew kontra l-iffinanzjar tat-terroriżmu u sabiex tkun żgurata l-implementazzjoni uniformi ta' din id-Direttiva, il-Kummissjoni tista', skond il-proċedura msemmija f'Artikolu 41(2), tadotta l-miżuri implementattivi li ġejjin:

(a) miżuri ta' kjarifika ta' l-aspetti tekniċi tad-definizzjonijiet f'Artikolu 3(2)(a) u (d), (6), (7), (8), (9) u (10);

(b) miżuri li jistabbilixxu kriterji tekniċi sabiex jiġi eżaminat jekk sitwazzjonijiet partikolari jirrappreżentawx riskju baxx ta' ħasil tal-flus jew ta' finanzjament tat-terroriżmu kif imsemmi f'Artikolu 11(2) u (5);

(ċ) miżuri li jistabbilixxu kriterji tekniċi sabiex jiġi eżaminat jekk sitwazzjonijiet partikolari jirrappreżentawx riskju għoli ta' ħasil tal-flus jew ta' finanzjament tat-terroriżmu kif imsemmi f'Artikolu 13;

(d) miżuri li jistabbilixxu kriterji tekniċi sabiex jiġi eżaminat jekk, skond Artikolu 2(2), ikunx ġustifikat li ma tiġix applikata din id-Direttiva għal ċerti persuni ġuridiċi jew fiżiċi li jwettqu attività finanzjarja fuq bażi okkażjonali jew limitata ħafna.

2. Fi kwalunkwe każ, il-Kummissjoni għandha tadotta l-ewwel miżuri implementattivi sabiex tagħti effett lill-paragrafi 1(b) u 1(d) sal-15 ta' Ġunju 2006.

3. Il-Kummissjoni għandha, skond il-proċedura msemmija f'Artikolu 41(2), tadatta l-ammonti msemmija fl-Artikoli 2(1)(3)(e), 7(b), 10(1) u 11(5)(a) u (d) filwaqt li tieħu kont tal-leġiżlazzjoni Komunitarja, ta' żviluppi ekonomiċi u tat-tibdil fl-istandards internazzjonali.

4. Fejn il-Kummissjoni ssib li pajjiż terz ma jissodisfax il-kondizzjonijiet stipulati f'Artikolu 11(1)jew 2, f'Artikolu 28(3), (4) jew (5), jew fil-miżuri stabbiliti skond il-paragrafu 1(b) ta' dan Artikolu jew f'Artikolu 16(1)(b), jew li l-liġi ta' dak il-pajjiż terz ma tippermettix l-applikazzjoni tal-miżuri meħtieġa skond l-ewwel subparagrafu ta' Artikolu 31(1), hija għandha tadotta deċiżjoni li tiddikjara dan konformement mal-proċedura msemmija f'Artikolu 41(2).

Artikolu 41

1. Il-Kummissjoni għandha tkun assistita minn Kumitat għall-Prevenzjoni tal-Ħasil tal-flus u ta' l-iffinanzjar tat-terroriżmu, minn hawn 'il quddiem 'il-Kumitat'.

2. Fejn issir referenza għal dan il-paragrafu, għandhom japplikaw l-Artikoli 5 u 7 tad-Deċiżjoni 1999/468/KE, b'kont meħud tad-dispożizzjonijiet ta' Artikolu 8 tagħha u bil-kondizzjoni li l-miżuri implementattivi adottati skond din il-proċedura ma jimmodifikawx id-dispożizzjonijiet essenzjali ta' din id-Direttiva.

Il-perjodu ta' żmien stipulat f'Artikolu 5(6) tad-Deċiżjoni 1999/468/KE għandu jkun ta' tliet xhur.

3. Il-Kumitat għandu jadotta r-Regoli ta' Proċedura tiegħu.

4. Bla preġudizzju għall-miżuri implementattivi li jkunu diġà adottati, l-implementazzjoni tad-dispożizzjonijiet ta' din id-Direttiva dwar l-adozzjoni ta' regoli u deċiżjonijiet tekniċi skond il-proċedura msemmija fil-paragrafu 2 għandha tiġi sospiża erba' snin wara d-dħul fis-seħħ ta' din id-Direttiva. Fuq proposta mill-Kummissjoni, il-Parlament Ewropew u l-Kunsill jistgħu jġeddu d-dispożizzjonijiet konċernati skond il-proċedura stipulata f'Artikolu 251 tat-Trattat u, għal dak l-għan, għandhom jirriveduhom qabel ma jiskadi l-perjodu ta' erba' snin.

KAPITOLU VII

DISPOŻIZZJONIJIET FINALI

Artikolu 42

Sal-15 ta' Diċembru 2009, u mill-inqas kull tliet snin minn hemm 'il quddiem, il-Kummissjoni għandha tħejji rapport dwar l-implementazzjoni ta' din id-Direttiva u għandha tippreżentah lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill. Għall-ewwel rapport bħal dan, il-Kummissjoni għandha tinkludi eżami speċifiku tat-trattament ta' l-avukati u ta' professjonisti legali indipendenti oħra.

Artikolu 43

Sal-15 ta' Diċembru 2010, il-Kummissjoni għandha tippreżenta rapport lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill dwar il-perċentwali operattivi f'Artikolu 3(6), u tagħti attenzjoni partikolari lill-konvenjenza u lill-konsegwenzi li jkunu eventwalment possibbli tat-tnaqqis tal-perċentwali fil-punti (a)(i), (b)(i) u (b)(iii) ta' Artikolu 3(6) minn 25 % sa 20 %. Abbażi tar-rapport il-Kummissjoni tista' tippreżenta proposta għall-emendament ta' din id-Direttiva.

Artikolu 44

Id-Direttiva 91/308/KEE hija b'dan imħassra.

Ir-referenzi li jsiru għad-Direttiva mħassra għandhom jitqiesu bħala referenzi magħmula għal din id-Diretttiva u għandhom jinqraw konformement mat-tabella ta' korrelazzjoni disposta fl-Anness.

Artikolu 45

1. L-Istati Membri għandhom iġibu fis-seħħ il-liġijiet, regolamenti, u dispożizzjonijiet amministrattivi neċessarji sabiex jikkonformaw ma' din id-Direttiva sal-15 ta' Diċembru 2007. Huma għandhom jikkomunikaw minnufih lill-Kummissjoni t-test ta' dawn id-dispożizzjonijiet flimkien ma' tabella li tindika kif id-dispożizzjonijiet ta' din id-Direttiva jikkorrispondu għad-dispożizzjonijiet nazzjonali adottati.

Meta l-Istati Membri jadottaw dawk il-miżuri, dawn għandhom jinkludu referenza għal din id-Direttiva jew ikunu akkumpanjati minn tali referenza fil-pubblikazjoni uffiċjali tagħhom. Il-metodi kif issir tali referenza għandhom jiġu determinati mill-Istati Membri.

2. L-Istati Membri għandhom jikkomunikaw lill-Kummissjoni t-testijiet tad-dispożizzjonijiet ewlieni tal-liġi nazzjonali li huma jadottaw fil-qasam kopert minn din id-Direttiva.

Artikolu 46

Din id-Direttiva għandha tidħol fis-seħħ fl-għoxrin jum mill-pubblikazzjoni tagħha fil-*Ġurnal Uffiċjali ta' l-Unjoni Ewropea*.

Artikolu 47

Din id-Direttiva hija indirizzata lill-Istati Membri.

Magħmula fiStrasburgu, nhar 1s-26 ta' Ottubru 2005.

Għall-Parlament Ewropew	*Għall-Kunsill*
Il-President	*Il-President*
J. BORRELL FONTELLES	D. ALEXANDER

L-ANNESS

TABELLA TA' KORRELAZZJONI

Din id-Direttiva:	Id-Direttiva 91/308/KEE
Artikolu 1(1)	Artikolu 2
Artikolu 1(2)	Artikolu 1(Ċ)
Artikolu 1(2)(a)	Artikolu 1(Ċ), punt 1
Artikolu 1(2)(b)	Artikolu 1(Ċ), punt 2
Artikolu 1(2)(ċ)	Artikolu 1(Ċ), punt 3
Artikolu 1(2)(d)	Artikolu 1(Ċ), punt 4
Artikolu 1(3)	Artikolu 1(Ċ), paragrafu 3
Artikolu 1(4)	
Artikolu 1(5)	Artikolu 1(Ċ), paragrafu 2
Artikolu 2(1)(1)	Artikolu 2a(1)
Artikolu 2(1)(2)	Artikolu 2a(2)
Artikolu 2(1)(3)(a), (b) u (d) sa (f)	Artikolu 2a(3) sa (7)
Artikolu 2(1)(3)(ċ)	
Artikolu 2(2)	
Artikolu 3(1)	Artikolu 1(A)
Artikolu 3(2)(a)	Artikolu 1(B)(1)
Artikolu 3(2)(b)	Artikolu 1(B)(2)
Artikolu 3(2)(ċ)	Artikolu 1(B)(3)
Artikolu 3(2)(d)	Artikolu 1(B)(4)
Artikolu 3(2)(e)	
Artikolu 3(2)(f)	Artikolu 1(B), paragrafu 2
Artikolu 3(3)	Artikolu 1(D)
Artikolu 3(4)	Artikolu 1(E), paragrafu 1
Artikolu 3(5)	Artikolu 1(E), paragrafu 2
Artikolu 3(5)(a)	
Artikolu 3(5)(b)	Artikolu 1(E), l-ewwel inċiż

Din id-Direttiva:	Id-Direttiva 91/308/KEE
Artikolu 3(5)(ċ)	Artikolu 1(E), it-tieni inċiż
Artikolu 3(5)(d)	Artikolu 1(E), it-tielet inċiż
Artikolu 3(5)(e)	Artikolu 1(E), ir-raba inċiż
Artikolu 3(5)(f)	Artikolu 1(E), il-ħames inċiż u t-tielet subparagrafu
Artikolu 3(6)	
Artikolu 3(7)	
Artikolu 3(8)	
Artikolu 3(9)	
Artikolu 3(10)	
Artikolu 4	Artikolu 12
Artikolu 5	Artikolu 15
Artikolu 6	
Artikolu 7(a)	Artikolu 3(1)
Artikolu 7(b)	Artikolu 3(2)
Artikolu 7(ċ)	Artikolu 3(8)
Artikolu 7(d)	Artikolu 3(7)
Artikolu 8(1)(a)	Artikolu 3(1)
Artikolu 8(1)(b) sa (d)	
Artikolu 8(2)	
Artikolu 9(1)	Artikolu 3(1)
Artikolu 9(2) sa (6)	
Artikolu 10	Artikolu 3(5) u (6)
Artikolu 11(1)	Artikolu 3(9)
Artikolu 11(2)	
Artikolu 11(3) u (4)	
Artikolu 11(5)(a)	Artikolu 3(3)
Artikolu 11(5)(b)	Artikolu 3(4)
Artikolu 11(5)(ċ)	Artikolu 3(4)
Artikolu 11(5)(d)	

Din id-Direttiva:	Id-Direttiva 91/308/KEE
Artikolu 12	
Artikolu 13(1) u (2)	Artikolu 3(10) u (11)
Artikolu 13(3) sa (5)	
Artikolu 13(6)	Artikolu 5
Artikolu 14	
Artikolu 15	
Artikolu 16	
Artikolu 17	
Artikolu 18	
Artikolu 19	
Artikolu 20	Artikolu 5
Artikolu 21	
Artikolu 22	Artikolu 6(1) u (2)
Artikolu 23	Artikolu 6(3)
Artikolu 24	Artikolu 7
Artikolu 25	Artikolu 10
Artikolu 26	Artikolu 9
Artikolu 27	
Artikolu 28(1)	Artikolu 8(1)
Artikolu 28(2) sa (7)	
Artikolu 29	
Artikolu 30(a)	Artikolu 4, l-ewwel inċiż
Artikolu 30(b)	Artikolu 4, it-tieni inċiż
Artikolu 31	
Artikolu 32	
Artikolu 33	
Artikolu 34	Artikolu 11(1) (a)
Artikolu 35(1), paragrafu 1	Artikolu 11(1)(b), l-ewwel sentenza
Artikolu 35(1), paragrafu 2	Artikolu 11(1)(b) it-tieni sentenza
Artikolu 35(1), paragrafu 3	Artikolu 11(1), paragrafu 2

Din id-Direttiva:	Id-Direttiva 91/308/KEE
Artikolu 35(2)	Artikolu 11(2)
Artikolu 35(3)	
Artikolu 36	
Artikolu 37	
Artikolu 38	
Artikolu 39	Artikolu 14
Artikolu 40	
Artikolu 41	
Artikolu 42	Artikolu 17
Artikolu 43	
Artikolu 44	
Artikolu 45	Artikolu 16
Artikolu 46	Artikolu 16

ID-DIRETTIVA 2005/66/KE TAL-PARLAMENT EWROPEW U TAL-KUNSILL

tas-26 ta' Ottubru 2005

dwar l-użu ta' sistemi ta' protezzjoni ta' quddiem fuq vetturi bil-mutur u li temenda d-Direttiva tal-Kunsill 70/156/KEE

IL-PARLAMENT EWROPEW U L-KUNSILL TA' L-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidraw t-Trattat li jistabbilixxi l-Komunità Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikolu 95 tiegħu,

Wara li kkunsidraw il-proposta mill-Kummissjoni,

Wara li kkunsidraw l-Opinjoni tal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew ([1]),

Filwaqt li jaġixxu skond il-proċedura stabbilita fl-Artikolu 251 tat-Trattat ([2]),

Billi:

(1) Is-sistemi li jipprovdu protezzjoni addizzjonali ta' quddiem għal vetturi bil-mutur ġew użati dejjem aktar f'dawn l-aħħar snin. Xi wħud minn dawn is-sistemi huma ta' periklu għas-sigurtà ta' min ikun miexi fit-triq u ta' utenti oħra tat-triq f'każ ta' kolliżjoni. Hemm bżonn għalhekk ta' miżuri biex il-pubbliku jitħares minn dawn ir-riskji.

(2) Is-sistemi ta' protezzjoni ta' quddiem jistgħu jiġu provduti bħala tagħmir oriġinali inkluż fil-vettura jew kummerċjalizzati bħala partijiet tekniċi separati. Il-ħtiġijiet tekniċi għall-approvazzjoni tat-tip ta' vetturi bil-mutur fir-rigward ta' kull sistema ta' protezzjoni ta' quddiem li tista' titwaħħal fuq il-vettura jridu jiġu armonizzati sabiex ma jkunx hemm l-adozzjoni ta' ħtiġijiet li jvarjaw minn Stat Membru għal ieħor u biex ikun żgurat li s-suq intern jaħdem kif suppost. Għall-istess raġunijiet, hu meħtieġ li jkunu armonizzati l-ħtiġijiet tekniċi għall-approvazzjoni tat-tip ta' sistemi ta' protezzjoni ta' quddiem bħala partijiet tekniċi separati fi ħdan it-tifsira tad-Direttiva tal-Kunsill 70/156/KEE tas-6 ta' Frar 1970 dwar l-approssimazzjoni tal-liġijiet ta' l-Istati Membri fir-rigward ta' l-approvazzjoni tat-tip ta' vetturi bil-mutur u tal-karrijiet tagħhom ([3]).

(3) Hemm bżonn li jiġi kkontrollat l-użu ta' sistemi ta' protezzjoni ta' quddiem u li jiġu stabbiliti r-rekwiżiti tat-testijiet, tal-kostruzzjoni u ta' l-installazzjoni li jridu jiġu osservati fil-każ ta' kull sistema ta' protezzjoni ta' quddiem, kemm jekk provduta bħala tagħmir oriġinali imwaħħal fuq vettura kif ukoll jekk imqiegħda fuq is-suq bħala parti teknika separata. It-testijiet għandhom jirrikjedu li s-sistemi ta' protezzjoni ta' quddiem jiġu proġettati b'mod li jtejjeb is-sigurtà ta' min ikun miexi u li jnaqqas l-ammont ta' korrimenti.

(4) Dawn ir-rekwiżiti għandhom ukoll jitqiesu fil-kuntest tal-protezzjoni ta' min ikun miexi u ta' utenti vulnerabbli oħra tat-triq u b'referenza għad-Direttiva 2003/102/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-17 ta' Novembru 2003 dwar il-protezzjoni ta' min ikun miexi u ta' utenti vulnerabbli oħra tat-triq qabel u fil-każ ta' ħabta ma' vettura bil-mutur ([4]). Din id-Direttiva għandha tiġi riveduta fid-dawl ta' riċerka u ta' esperjenza ulterjuri miksuba matul l-ewwel erba' snin ta' applikazzjoni tagħha.

(5) Din id-Direttiva hi waħda mid-Direttivi separati fi ħdan il-qafas tal-proċedura ta' l-approvazzjoni tat-tip tal-KE stabbilita permezz tad-Direttiva 70/156/KEE.

(6) Il-Kummissjoni għandha timmonitorja l-impatt ta' din id-Direttiva u għandha tirraporta lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill. Jekk jitqies li hemm il-bżonn biex ikun hemm aktar titjib fil-protezzjoni ta' min ikun miexi, il-Kummissjoni għandha tagħmel proposti biex tiġi emendata din id-Direttiva skond il-progress tekniku.

(7) Madankollu huwa rikonoxxut li ċerti vetturi inklużi fil-kamp ta' applikazzjoni ta' din id-Direttiva, u li fuqhom jistgħu jitwaħħlu sistemi ta' protezzjoni ta' quddiem, ma jkunux suġġetti għad-Direttiva 2003/102/KE. Għal vetturi bħal dawn jitqies li r-rekwiżiti ta' din id-Direttiva għat-testijiet tan-naħa ta' fuq tar-riġel jistgħu ma jkunux teknikament fattibbli. Biex jiġi faċilitat titjib fis-sigurtà ta' min ikun miexi, għal dak li għandu x'jaqsam ma' korriment fir-ras, jista' jkun meħtieġ li jiġu permessi rekwiżiti alternattivi għat-test tan-naħa ta' fuq tar-riġel, biex jiġu applikati għal dawn il-vetturi biss, filwaqt li jiżguraw li l-istallazzjoni ta' kwalunkwe sistema ta' protezzjoni ta' quddiem ma żżidx ir-riskju ta' korriment tar-riġel għal min ikun miexi fit-triq jew utenti vulnerabbli oħra tat-triq.

(8) Il-miżuri meħtieġa għall-implimentazzjoni ta' din id-Direttiva u għall-adattament tagħha għall-progress xjentifiku u tekniku għandhom jiġu adottati bi qbil mad-Deċiżjoni tal-Kunsill 1999/468/KE tat-28 ta' Ġunju 1999 li tipprovdi l-proċeduri għall-eżerċizzju tas-setgħat ta'implimentazzjoni konferiti fuq il-Kummissjoni ([5]).

([1]) ĠU C 112, tat-30.4.2004, p. 18.

([2]) Opinjoni tal-Parlament Ewropew tas-26 ta' Mejju 2005 (għadha mhix pubblikata fil-Ġurnal Uffiċjali) u Deċiżjoni tal-Kunsill tal-11 ta' Ottubru 2005.

([3]) ĠU L 42, tat-23.2.1970, p. 1. Direttiva kif emendata l-aħħar mid-Direttiva tal-Kummissjoni 2005/49/KE (ĠU L 194, tas-26.7.2005, p. 12).

([4]) ĠU L 321, tas-6.12.2003, p. 15.

([5]) ĠU L 184, tas-17.7.1999, p. 23.

(9) Billi l-għan ta' din id-Direttiva, jiġifieri il-promozzjoni tas-sigurtà ta' min ikun miexi u ta' utenti vulnerabbli oħra tat-triq permezz ta' l-istabbiliment ta' rekwiżiti tekniċi għall-approvazzjoni tat-tip ta' vetturi bil-mutur f'dak li għandu x'jaqsam ma' sistemi ta' protezzjoni ta' quddiem, ma jistax jintlaħaq biżżejjed mill-Istati Membri u jista' għalhekk jintlaħaq aħjar fuq livell Komunitarju, il-Komunità tista' tadotta miżuri skond il-prinċipju tas-sussidjarjetà stabbilit fl-Artikolu 5 tat-Trattat. Skond il-prinċipju tal-proporzjonalità, kif stabbilit f'dak l-Artikolu, din id-Direttiva ma tmurx lil hinn minn dak li hu meħtieġ biex jintlaħaq dan il-għan.

(10) Din id-Direttiva hija parti mill-programm ta' azzjoni Ewropew għas-sigurtà fit-toroq u tista' tiġi supplimentata b'miżuri nazzjonali li jipprojbixxu jew jirrestrinġu l-użu ta' sistemi ta' protezzjoni ta' quddiem diġa fuq is-suq qabel ma din tidħol fis-seħħ.

(11) Id-Direttiva 70/156/KEE għalhekk għandha tiġi emendata skond dan,

ADOTTAW DIN ID-DIRETTIVA:

Artikolu 1

Is-Suġġett

L-għan ta' din id-Direttiva huwa li jtejjeb is-sigurtà ta' min ikun miexi u tal-vetturi permezz ta' miżuri passivi. Hija tistabbilixxi rekwiżiti tekniċi għall-approvazzjoni tat-tip ta' vetturi fir-rigward ta' sistemi ta' protezzjoni ta' quddiem provduti bħala apparat oriġinali imwaħħal fuq vetturi jew bħala partijiet tekniċi separati.

Artikolu 2

Id-Definizzjonijiet

Għall-finijiet ta' din id-Direttiva għandhom japplikaw id-definizzjonijiet li ġejjin u d-definizzjonijiet fil-paragrafu 1 tal-Anness I:

1) "vettura" tfisser kull vettura bil-mutur tal-klassi M_1 kif definita fl-Artikolu 2 tad-Direttiva 70/156/KEE u fl-Anness II tiegħu, li jkollha massa totali permissibbli li ma taqbiżx 3,5 tunnellati u kull vettura bil-mutur tal-klassi N_1 kif definita fl-Artikolu 2 tad-Direttiva 70/156/KEE u fl-Anness II tagħha.

2) "unità teknika separata" tfisser kull unità teknika separata fit-tifsira ta' l-Artikolu 2 tad-Direttiva 70/156/KEE li hija maħsuba biex tkun imwaħħla u wżata fuq tip wieħed jew aktar ta' vetturi.

Artikolu 3

Id-Dispożizzjonijiet dwar l-approvazzjoni tat-tip

1. B' effett mill-25 ta' Awwissu 2006, fir-rigward ta' tip ġdid ta' vettura mgħammra b'sistema ta' protezzjoni ta' quddiem li tikkonforma mar-rekwiżiti stabbiliti fl-Anness I u fl-Anness II, l-Istati Membri m' għandhomx, għal raġunijiet marbuta ma' sistemi ta' protezzjoni ta' quddiem:

(a) jirrifjutaw li jagħtu approvazzjoni tat-tip tal-KE jew approvazzjoni tat-tip nazzjonali;

(b) jipprojbixxu r-reġistrazzjoni, il-bejgħ jew il-bidu ta' l-użu.

2. B' effett mill-25 ta' Awwissu 2006, fir-rigward ta' tip ġdid ta' sistema ta' protezzjoni ta' quddiem li tkun provduta bħala unità teknika separata, u li tikkonforma mar-rekwiżiti stabbiliti fl-Anness I u fl-Anness II, l-Istati Membri m' għandhomx:

(a) jirrifjutaw li jagħtu approvazzjoni tat-tip tal-KE jew approvazzjoni tat-tip nazzjonali;

(b) jipprojbixxu l-bejgħ jew il-bidu ta' l-użu.

3. B' effett mill-25 ta' Novembru 2006, fir-rigward ta' tip ġdid ta' vettura ġdida mgħammra b'sistema ta' protezzjoni ta' quddiem, jew b'tip ġdid ta' sistema ta' protezzjoni ta' quddiem ġdida provduta bħala unità teknika separata, li ma tikkonformax mar-rekwiżiti stabbiliti fl-Anness I u fl-Anness II, l-Istati Membri għandhom jirrifjutaw li jagħtu approvazzjoni tat-tip tal-KE jew approvazzjoni tat-tip nazzjonali.

4. B' effett mill-25 ta' Mejju 2007 fir-rigward ta' vetturi li ma jikkonformawx mar-rekwiżiti stabbiliti fl-Anness I u fl-Anness II, l-Istati Membri għandhom, għal raġunijiet marbuta mas-sistemi ta' protezzjoni ta' quddiem:

(a) iqisu li ċertifikati ta' konformità li jakkumpanjaw vetturi ġodda skond id-Direttiva 70/156/KEE ma jkunux aktar validi għall-finijiet ta' l-Artikolu 7(1) ta' dik id-Direttiva;

(b) jipprojbixxu r-reġistrazzjoni, il-bejgħ jew il-bidu ta' l-użu ta' vetturi ġodda li ma jkunux akkumpanjati minn ċertifikat ta' konformità skond id-Direttiva 70/156/KEE.

5. B' effett mill-25 ta' Mejju 2007, ir-rekwiżiti ta' l-Anness I u l-Anness II dwar sistemi ta' protezzjoni ta' quddiem provduti bħala partijiet tekniċi separati għandhom japplikaw għall-finijiet ta' l-Artikolu 7(2) tad-Direttiva 70/156/KEE.

Artikolu 4

Il-Miżuri ta' Implimentazzjoni u Emendi

1. Rekwiżiti tekniċi dettaljati għad-Dispożizzjonijiet tat-test stabbiliti fil-paragrafu 3 ta' l-Anness I għandhom jiġu adottati mill-Kummissjoni skond il-proċedura msemmija fl-Artikolu 13(3) tad-Direttiva 70/156/KEE.

2. L-emendi meħtieġa għall-adozzjoni ta' din id-Direttiva għandhom jiġu adottati mill-Kummissjoni, skond il-proċedura msemmija fl-Artikolu 13 (3) tad-Direttiva 70/156/KEE.

Artikolu 5

Ir-Reviżjoni

Mhux aktar tard mill-25 ta' Awwissu 2010, fid-dawl tal-progress tekniku u l-esperjenza, il-Kummissjoni għandha tirrevedi d-Dispożizzjonijiet tekniċi ta' din id-Direttiva u, b'mod partikulari, il-kundizzjonijiet biex jiġi mitlub it-test tal-forma tan-naħa ta' fuq tar-riġel mas-Sistema ta' Protezzjoni ta' quddiem, l-inkluzjoni ta' test tal-forma tar-ras ta' adult mas-Sistema ta' Protezzjoni ta' quddiem u l-ispeċifikazzjoni ta' test tal-forma tar-ras ta' tifel mas-Sistema ta' Protezzjoni ta' quddiem. Ir-riżultati ta' din ir-reviżjoni jkunu l-oġġett ta' rapport mill-Kummissjoni lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill.

Jekk, bħala riżultat ta' din ir-reviżjoni, jitqies xieraq li jiġu adattati d-dispożizzjonijiet tekniċi ta' din id-Direttiva, dan it-tip ta' adattament jista' jitwettaq skond il-proċedura mniżżla fl-Artikolu 13(3) tad-Direttiva 70/156/KEE.

Artikolu 6

Emendi għad-Direttiva 70/156/KEE

L-Annessi I, III, IV u XI tad-Direttiva 70/156/KEE huma hawn emendati skond l-Anness III ta' din id-Direttiva.

Artikolu 7

Traspożizzjoni

1. L-Istati Membri għandhom jadottaw u jippubblikaw, sa mhux aktar tard minn 25 ta' Awwissu 2006, il-liġijiet, ir-regolamenti u d-Dispożizzjonijiet amministrattivi meħtieġa biex jissodisfaw din id-Direttiva. Huma għandhom jinfurmaw b'dawn lill-Kummissjoni minnufih.

Huma għandhom japplikaw dawk id-Dispożizzjonijiet mill-25 ta' Awwissu 2006.

Meta Stati Membri jadottaw dawk id-Dispożizzjonijiet, dawn għandhom jinkludu referenza għal din id-Direttiva jew ikunu akkumpanjati b'tali referenza meta jiġu pubblikati uffiċjalment. L-Istati Membri għandhom jiddeterminaw kif għandha ssir din ir-referenza.

2. L-Istati Membri għandhom jikkomunikaw lill-Kummissjoni t-test tad-Dispożizzjonijiet ewlenin tal-liġijiet nazzjonali li huma jadottaw fil-qasam kopert minn din id-direttiva.

Artikolu 8

L-Unitajiet Tekniċi Separati

Din id-Direttiva ma taffettwax il-kompetenza ta' l-Istati Membri li jipprojbixxu jew li jirrestrinġu l-użu ta' sistemi ta' protezzjoni ta' quddiem imqiegħda fis-suq bħala unitajiet tekniċi separati qabel id-dħul fis-seħħ ta' din id-Direttiva.

Artikolu 9

Id-Dħul fis-seħħ

Din id-Direttiva għandha tidħol fis-seħħ fl-għoxrin jum wara l-pubblikazzjoni tagħha fil-*Ġurnal Uffiċjali ta' l-Unjoni Ewropea*.

Artikolu 10

Id-Destinatarji

Din id-Direttiva hi indirizzata lill-Istati Membri.

Magħmula fi Strasburgu, nhar is-26 ta' Ottubru 2005.

Għall-Parlament Ewropew	*Għall-Kunsill*
Il-President	*Il-President*
J. BORRELL FONTELLES	D. ALEXANDER

LISTA TA' ANNESSI

ANNESS I	Dispożizzjonijiet tekniċi	
ANNESS II	Dispożizzjonijiet amministrattivi għall-approvazzjoni tat-tip:	
	Appendiċi 1:	Dokument ta' informazzjoni (vettura)
	Appendiċi 2:	Document ta' informazzjoni (parti teknika separata)
	Appendiċi 3:	Ċertifikat għall-approvazzjoni tat-tip tal-KE (vettura)
	Appendiċi 4:	Ċertifikat għall-approvazzjoni tat-tip tal-KE (parti teknika separata)
	Appendiċi 5:	Eżempju ta' marka għall-approvazzjoni tat-tip tal-KE
ANNESS III	Emendi għad-Direttiva 70/156/KEE	

ANNESS I

DISPOŻIZZJONIJIET TEKNIĊI

1. ID-DEFINIZZJONIJIET

Għall-finijiet ta' din id-Direttiva japplikaw dawn id-definizzjonijiet:

1.1. "Tip ta' vettura" tfisser kategorija ta' vettura bil-mutur li, fil-parti 'l quddiem mill-*A-pillars*, ma tvarjax f'aspetti essenzjali bħal:

a) l-istruttura,

b) il-qisien ewlenin,

ċ) il-materjali tal-qoxra ta' barra tal-vettura,

d) l-arranġament tal-komponenti (esterni jew interni),

e) il-metodu ta' twaħħil ta' sistema ta' protezzjoni ta' quddiem,

sakemm jistgħu jiġu kkunsidrati li għandhom effett fuq il-validità tar-riżultati tat-testijiet ta' impatt kif preskritti f'din id-Direttiva.

Għall-iskopijiet ta' l-approvazzjoni tat-tip ta' sistemi ta' protezzjoni ta' quddiem bħala unitajiet tekniċi separati, kull riferenza għal vettura tista' tiġi nterpretata li tirreferi għall-qafas li fuqu s-sistema hija mmuntata biex tiġi ttestjata u li hija maħsuba biex tirrappreżenta il-qisien ta' barra tat-tarf ta' quddiem tat-tip ta' vettura partikulari li għaliha s-sistema qed tiġi approvata bħala tip.

1.2. "Attitudni ta' rikba normali" tfisser l-attitudni tal-vettura li taħdem, imqiegħda poġġuta fuq l-art, bir-roti minfuħa skond il-pressjoni rakkomandata u r-roti ta' quddiem fil-pożizzjoni dritti 'l quddiem, mimlija sal-kapaċità massima bil-likwidi kollha meħtieġa għall-ħdim tal-vettura, bit-tagħmir standard kollu kif ipprovdut mill-manifattur tal-vettura, b'massa ta' 75 kg imqiegħda fuq is-sedil tas-sewwieq u b'massa ta' 75 kg imqiegħda fuq is-sedil ta' quddiem tal-passiġġier, u bis-sospensjoni rranġata għal veloċità ta' 40 km fis-siegħa jew 35 km fis-siegħa f'kundizzjonijiet normali ta' sewqan speċifikati mill-manifattur (speċjalment għal vetturi b'sospensjoni attiva jew xi strument ta' livellar awtomatiku).

1.3. "Wiċċ ta' barra" tfisser n-naħa ta' barra tal-karozza, 'il quddiem mill-*A-pillars*, inkluż il-*bonnet*, il-ġnub, l-istrumenti tad-dawl u ta' sinjali tad-dawl u l-komponenti ta' tisħiħ viżibbli.

1.4. "Raġġ tal-kurvatura" tfisser ir-raġġ ta' l-ark ta' ċirku li joqrob l-aktar lejn forma ttundjata tal-komponent li qed jiġi kkunsidrat.

1.5. "Ix-xifer ta' barra nett" tal-vettura ifisser, fir-rigward tal-ġnub tal-vettura, il-pjan li huwa parallel mal-pjan medju lonġitudinali tal-vettura li jikkoinċidi max-xifer laterali ta' barra, u, fir-rigward tat-truf ta' quddiem u ta' wara, il-pjan trażversali perpendikulari tal-vettura li jikkoinċidi mat-truf esterni ta' wara u ta' quddiem, mingħajr ma titqies il-parti li tisporġi:

a) tat-tajers ħdejn il-punt ta' kuntatt tagħhom ma' l-art, u ta' konnessjonijiet għal *gauges* għall-pressjoni tat-tajers;

b) ta' kwalunkwe strument għal kontra ż-żlieq li jista' jkun mgħammar fuq r-roti;

ċ) tal-mirja biex wieħed jara wara;

d) tal-fanali tal-ġnub għall-indikazzjoni ta' direzzjoni, tal-fanali li jindikaw il-forma tat-tarf, tal-fanali ta' pożizzjoni tal-ġnub ta' quddiem u ta' wara, u tal-fanali għall-ipparkjar;

e) għat-truf ta' quddiem u ta' wara, ta' partijiet armati fuq il-bampers, ta' tagħmir għat-*towing*, u ta' pajpijiet ta' l-*exhaust*.

1.6. "Bamper" tfisser l-istruttura fuq barra tal-vettura, fuq quddiem in-naħa t'isfel, kif approvat bħala tip. Dan jinkludi l-istrutturi kollha tal-vettura li huma maħsuba li jagħtu protezzjoni lill-vettura meta nvoluta f'ħabta minn quddiem b'veloċità baxxa ma' vettura oħra u kif ukoll kwalunkwe affarijiet oħra, bħal ma huma pjanċi tat-twaħħil tar-reġistrazzjoni, mwaħħla ma' din l-istruttura. Dan ma jinkludix apparat imwaħħal mal-vettura wara l-approvazzjoni tat-tip u maħsub biex jipprovdi protezzjoni ta' quddiem akbar għall-vettura.

1.7. "Sistema ta' protezzjoni ta' quddiem" tfisser struttura jew strutturi separati, bħal bull bar, jew bamper supplementari li huwa maħsub biex jipproteġi l-wiċċ ta' barra tal-vettura, 'il fuq u/jew l-isfel mill-bamper bħala apparat oriġinali, minn ħsara fil-każ ta' ħabta ma' xi oġġett. Strutturi, bl-għola massa ta' inqas minn 0,5 kg, maħsuba biex jipproteġu d-dwal biss, huma esklużi minn din id-definizzjoni.

1.8. "Il-linja ta' riferenza tax-xifer ewlieni tal-*Bonnet*" tfisser is-sinjal ġeometriku tal-punti ta' kuntatt bejn xifer dritt twil 1 000 mm u l-wiċċ ta' quddiem tal-*bonnet*, meta x-xifer dritt, miżmum b'mod parallel mal-pjan vertikali lonġitudinali tal-karozza u nklinat lura b'50° u bit-tarf t'isfel 600 mm 'il fuq mill-art, huwa maqsum minn naħa għall-oħra u f'kuntatt max-xifer ta' quddiem tal-*bonnet*. Għal vetturi li għandhom il-wiċċ ta' fuq tal-*bonnet* inklinat għal essenzjalment 50°, hekk li x-xifer dritt jagħmel kuntatt kontinwu jew kuntatti diversi u mhux kuntatt f'punt wieħed, il-linja ta' riferenza hija determinata max-xifer dritt inklinat lura b'angolu ta' 40°. Għal vetturi ta' għamla tali li t-tarf ta' taħt tax-xifer dritt jagħmel l-ewwel kuntatt, allura dak il-kuntatt jittieħed bħala l-linja ta' riferenza tax-xifer ta' quddiem tal-*bonnet*, f'dik il-pożizzjoni laterali. Għal dawk il-vetturi ta' għamla tali li t-tarf ta' fuq tax-xifer dritt jagħmel l-ewwel kuntatt, allura s-sinjal ġeometriku ta' 1 000 mm madwar id-distanza kif definit fil-paragrafu 1.13, jiġi wżat bħala il-linja ta' riferenza tax-xifer ta' quddiem tal-*bonnet* f'dik il-pożizzjoni laterali. Ix-xifer ta' fuq tal-bamper għandu wkoll jitqies bħala x-xifer ta' quddiem tal-*bonnet* għall-iskopijiet ta' din id-Direttiva, jekk ikun mimsus mix-xifer dritt waqt din il-proċedura.

1.9. "Il-Linja ta' Riferenza tas-Sistema ta' Protezzjoni ta' quddiem ta' fuq" tfisser l-għola limitu ta' punti ta' kuntatt sinjifikativi ta' min ikun miexi mas-sistema ta' protezzjoni ta' quddiem jew mal-vettura. Hija s-sinjal ġeometriku ta' l-għola punti ta' kuntatt bejn xifer dritt twil 700 mm u s-sistema ta' protezzjoni ta' quddiem jew il-quddiem tal-vettura (liema minnhom ikun mimsus), meta x-xifer dritt, miżmum b'mod parallel mal-pjan wieqaf lonġitudinali tal-vettura u nklinat lura b'20°, huwa maqsum minn naħa għall-oħra tal-quddiem tal-vettura, filwaqt li jżomm kuntatt ma' l-art u mal-wiċċ tas-sistema ta' protezzjoni ta' quddiem jew tal-vettura.

1.10. "Il-Linja ta' riferenza tas-Sistema ta' protezzjoni ta' quddiem t'isfel" tfisser l-inqas limitu ta' punti ta' kuntatt sinifikattivi ta' min ikun miexi mas-sistema ta' protezzjoni ta' quddiem jew mal-vettura. Hija definita bħala s-sinjal ġeometriku tal-punti ta' kuntatt bejn xifer dritt twil 700 mm u s-sistema ta' protezzjoni ta' quddiem, meta x-xifer dritt, miżmum parallelament mal-pjan wieqaf lonġitudinali tal-vettura u nklinat 'il quddiem b'25°, huwa maqsum minn naħa għall-oħra tal-quddiem tal-vettura, waqt li jżomm kuntatt ma' l-art u mal-wiċċ tas-sistema ta' protezzjoni ta' quddiem jew tal-vettura.

1.11. "L-għoli tas-Sistema ta' Protezzjoni ta' quddiem ta' fuq" hija d-distanza vertikali bejn l-art u l-Linja ta' Riferenza tas-Sistema ta' Protezzjoni ta' quddiem ta' fuq, definita fil-paragrafu 1.9 bil-vettura mqiegħda fil-posizzjoni tagħha ta' rikba normali.

1.12. "L-Għoli tas-Sistema ta' Protezzjoni ta' quddiem t'isfel" hija d-distanza vertikali bejn l-art u l-Linja ta' Riferenza tas-Sistema ta' Protezzjoni ta' quddiem t'isfel, definita fil-paragrafu 1.10 bil-vettura mqiegħda fil-pożizzjoni tagħha ta' rikba normali.

1.13. "distanza mdawra ta' 1 000 mm" tfisser s-sinjal ġeometriku deskritt fuq il-wiċċ ta' quddiem ta' fuq minn naħa waħda ta' strixxa flessibbli twila 1 000 mm, meta miżmuma fuq pjan vertikali b'mod parallel ma' l-assi tal-karozza u maqsuma minn naħa għall-oħra tul il-naħa ta' quddiem tal-bamper tal-*bonnet* u s-sistema ta' protezzjoni ta' quddiem. L-istrixxa tinżamm stirata matul l-operazzjoni b'tarf minnha miżmum f'kuntatt ma' l-art, vertikalment taħt il-wiċċ ta' quddiem tal-bamper u t-tarf l-ieħor miżmum f'kuntatt mal-wiċċ ta' quddiem ta' fuq. Il-vettura titqiegħed fl-attitudni ta' rikba normali.

1.14. "Il-linja ta' riferenza tax-xifer ewlieni tas-sistema ta' protezzjoni ta' quddiem" tfisser il-linja ġeometika tal-punti ta' kuntatt bejn xifer dritt twil 1 000 mm u l-wiċċ ta' quddiem tas-sistema ta' protezzjoni ta' quddiem, meta x-xifer id-dritt, miżmum b'mod parallel mal-pjan vertikali lonġitudinali tal-karozza u nklinat lura b'50° huwa maqsum minn naħa għall-oħra u f'kuntatt max-xifer ewlieni tas-sistema ta' protezzjoni ta' quddiem. Għal vetturi li għandhom il-wiċċ tas-sistema ta' protezzjoni ta' quddiem inklinat għal essenzjalment 50°, hekk li x-xifer dritt jagħmel kuntatt kontinwu jew diversi kuntatti u mhux kuntatt f'punt wieħed, il-linja ta' riferenza hija determinata max-xifer dritt inklinat lura f'angolu ta' 40°.

1.15. "Il-kriterju ta' l-imġieba tar-ras (HPC)" għandu jiġi kkalkulat permezz ta' l-espressjoni:

$$HPC = (t_2 - t_1)\left[\frac{1}{t_2 - t_1}\int_{t_1}^{t_2} a\,dt\right]^{2.5}$$

fejn "a" hi l-aċċelerazzjoni li tirriżulta fiċ-ċentru tal-gravità tar-ras (m/s^2 bħala numru li jimmultiplika b'"g" irrekordjat kontra l-ħin u ffilterjat fi klassi ta' frekwenza ta' kanal 1 000Hz; t_1 u t_2 huma żewġ ħinijiet li jiddefinixxu l-bidu u t-tmiem tal-perjodi ta' l-irrekordjar relevanti li għalih il-valur ta' HPC huwa massimu li jaħbat bejn l-ewwel u l-aħħar każi ta' kuntatt. Valuri ta' HPC li għalihom l-intervall tal-ħin (t_1 - t_2) ikun aktar minn 15 ms jiġu injorati għall-finijiet ta' l-ikkalkular tal-valur massimu.

2. DISPOŻIZZJONIJIET GĦALL-BINI U GĦALL-INSTALLAZZJONI

2.1. Sistemi ta' protezzjoni ta' quddiem

Ir-rekwiżiti li ġejjin japplikaw bl-istess mod għal sistemi ta' protezzjoni ta' quddiem forniti mgħammra fuq vetturi ġodda u għal sistemi ta' protezzjoni ta' quddiem forniti bħala unitajiet tekniċi separati biex jitwaħħlu fuq vetturi speċifiċi.

Madankollu, bi qbil ma' l-awtorità ta' approvazzjoni kompetenti, ir-rekwiżiti fil-paragrafu 3 jistgħu jiġu kkunsidrati bħala li ġew imħarsa kompletament jew in parti permezz ta' testijiet ekwivalenti magħmula fuq is-sistema ta' protezzjoni ta' quddiem skond direttiva oħra ta' approvazzjoni tat-tip.

2.1.1. Il-komponenti tas-sistema ta' protezzjoni ta' quddiem għandhom ikunu mfassla b'mod tali li kull wiċċ iebes li jista' jiġi f'kuntatt minn sfera ta' 100mm, għandu dijametru minimu ta' liwja ta' 5mm.

2.1.2. Il-massa totali tas-sistema ta' protezzjoni ta' quddiem, inklużi l-*brackets* u l-armar, m'għandhiex taqbeż il-1,2 % tal-massa tal-vettura li għaliha ġiet iddisinjata, u m'għandhiex tkun iktar minn 18 kg.

2.1.3. L-għoli tas-sistema ta' protezzjoni ta' quddiem, meta mwaħħla fuq vettura, f'kull punt m'għandux ikun ta' aktar minn 50 mm għola mill-linja ta' riferenza tax-xifer ewlieni tal-*bonnet*, kif definit fil-paragrafu 1.8, imkejjel fuq pjan vertikali lonġitudinali tul il-vettura f'dak il-punt.

2.1.4. Is-sistema ta' protezzjoni ta' quddiem m'għandiex tkabbar il-wiesgħa tal-vettura li fuqha hija mwaħħla. Jekk il-wiesgħa totali tas-sistema ta' protezzjoni ta' quddiem hija aktar minn 75 % tal-wiesgħa tal-vettura, it-truf tas-sistema għandhom jiġu mdawra l-ġewwa lejn il-wiċċ ta' barra biex inaqqsu kemm jista' jkun ir-riskju ta' ħbit. Dan ir-rekwiżit jiġi kkunsidrat bħala osservat kemm jekk is-sistema ta' protezzjoni ta' quddiem hija mdaħħla l-ġewwa jew integrata fil-karrozzerija kif ukoll jekk it-tarf tas-sistema ikun mdawwar b'mod li ma jistax jintmiss fi sfera ta' 100 mm u l-vojt bejn is-sistema u l-karrozzerija ta' madwarha ma jkunx aktar minn 20 mm.

2.1.5. Bla ħsara għall-paragrafu 2.1.4, l-ispazju bejn il-komponenti tas-sistema ta' protezzjoni ta' quddiem u l-wiċċ ta' barra ta' taħtha m'għandux ikun iktar minn 80mm. Għandhom jiġu injorati nuqqasijiet ta' kontinwità lokali fil-profil ġenerali tal-karrozzerija ta' taħt (bħal m'huma fetħiet fix-xbiek, fetħiet għall-arja, eċċ).

2.1.6. F'kull posizzjoni laterali minn naħa għall-oħra tal-vettura, biex jiġu kkonservati l-benefiċji tal-bamper tal-vettura, id-distanza lonġitudinali bejn l-aktar parti 'l quddiem tal-bamper u l-aktar parti 'l quddiem tas-sistema ta' protezzjoni ta' quddiem ma tkunx aktar minn 50 mm.

2.1.7. Is-sistema ta' protezzjoni ta' quddiem m'għandhiex tnaqqas b'mod sinifikanti l-effettività tal-bamper. Dan ir-rekwiżit għandu jitqies bħala sodisfatt jekk ma jkunx hemm iktar minn żewġ komponenti vertikali u l-ebda komponent orizzontali tas-sistema ta' protezzjoni ta' quddiem li jgħattu l-bamper.

2.1.8. Is-sistema ta' protezzjoni ta' quddiem m'għandiex tkun inklinata l-quddiem mill-vertikali. Il-partijiet ta' fuq tas-sistema ta' protezzjoni ta' quddiem ma jistgħux jestendu 'l fuq jew lura (lejn il-paraventu) b'aktar minn 50 mm mill-linja ta' riferenza tax-xifer ta' quddiem tal-*bonnet* tal-vettura, kif definit fil-Punt 1.8, bis-sistema ta' protezzjoni ta' quddiem mneħħija. Kull punt ta' kejl huwa magħmul fuq pjan lonġitudinali vertikali tul il-vettura tul dak il-punt.

2.1.9. Il-konformità mar-rekwiżiti ta' Direttivi oħra ta' approvazzjoni tat-tip m'għandiex tiġi kompromessa mit-twaħħil ta' sistema ta' protezzjoni ta' quddiem.

2.2. Sistemi ta' protezzjoni ta' quddiem bħala unitajiet tekniċi separati ma jistgħux jiġu mqassma, offruti għal bejgħ jew mibjugħa jekk mhux akkumpanjati minn lista ta' tipi ta' vetturi li għalihom is-sistema ta' protezzjoni ta' quddiem hija approvata bħala tip u istruzzjonijiet ċari għall-immuntar. L-istruzzjonijiet għall-immuntar għandu jkollhom struzzjonijiet speċifiċi għall-istallazzjoni inklużi modi tat-twaħħil għall-vetturi li għalihom l-unità ġiet approvata u li tippermetti li l-komponenti approvati jiġu mwaħħla fuq dik il-vettura b'mod li jkun konformi mad-Dispożizzjonijiet rilevanti tal-paragrafu 2.1.

3. DISPOŻIZZJONIJIET DWAR IT-TESTIJIET

3.1. Sabiex jiġu approvati, sistemi ta' protezzjoni ta' quddiem għandhom jgħaddu mit-testijiet li ġejjin:

3.1.1. Il-forma tan-naħa t'isfel tar-riġel mas-sistema ta' protezzjoni ta' quddiem: It-test isir b'veloċità ta' impatt ta' 40 km fis-siegħa. L-għola angolu dinamiku tal-liwja ta' l-irkoppa m'għandux ikun aktar minn 21,0°, l-għola ċaqliq dinamiku taħt pressjoni ta' l-irkoppa m'għandux ikun aktar minn 6,0 mm, u l-aċċelerazzjoni mkejla fuq it-tarf ta' fuq tat-tibja m'għandhiex tkun aktar minn 200 g.

3.1.1.1. Madankollu, għal dak li għandu x'jaqsam ma' Sistemi ta' Protezzjoni ta' quddiem approvati bħala Unitajiet Tekniċi Separati għall-użu biss fuq vetturi speċifikati ta' massa totali permissibbli li ma tiżboqx iż-2,5 tunellati li kienu approvati bħala tip qabel l-1 t'Ottubru 2005, jew vetturi li l-massa totali permessibbli tiżboq iż-2,5 tunellati, id-Dispożizzjonijiet tal-paragrafu 3.1.1 jistgħu jiġu mibdula mid-Dispożizzjonijiet tal-paragrafu 3.1.1.1.1 jew 3.1.1.1.2.

3.1.1.1.1. It-test huwa magħmul b'velocità ta' impatt ta' 40 km fis-siegħa. L-għola angolu dinamiku tal-liwja ta' l-irkobba m'għandux ikun aktar minn 26,0°, l-għola ċaqliq dinamiku taħt pressjoni ta' l-irkoppa m'għandux ikun aktar minn 7,5 mm, u l-aċċelerazzjoni mkejla fuq in-naħa ta' fuq tat-tibja m'għandiex tkun aktar minn 250 g.

3.1.1.1.2. It-testijiet jitwettqu fuq il-vettura bis-sistema ta' protezzjoni ta' quddiem mwaħħla u mingħajr is-sistema ta' protezzjoni ta' quddiem imwaħħla b'velocità ta' impatt ta' 40 km fis-siegħa. Iż-żewġ testijiet għandhom jitwettqu fl-istess postijiet kif ġie miftiehem ma' l-awtorità rileventi tat-test. Il-valuri għall-għola angolu dinamiku tal-liwja ta' l-irkobba, l-għola ċaqliq dinamiku taħt pressjoni ta' l-irkoppa u l-aċċelerazzjoni mkejla fuq in-naħa ta' fuq tat-tibja għandhom jiġu rreġistrati. F'kull każ il-valur irreġistrat għall-vettura li għandha s-sistema ta' protezzjoni ta' quddiem mwaħħla m'għandux ikun aktar minn 90 % tal-valur irreġistrat għall-vettura li m'għandiex is-sistema ta' protezzjoni ta' quddiem imwaħħla.

3.1.1.2. Jekk l-għoli ta' taħt tas-sistema ta' protezzjoni ta' quddiem ikun aktar minn 500 mm dan it-test irid jiġi mibdul mit-test tal-Forma tan-Naħa ta' Fuq tar-Riġel mas-Sistema ta' Protezzjoni ta' quddiem, kif speċifikat fil-paragrafu 3.1.2.

3.1.2. Il-Forma tan-Naħa ta' Fuq tar-Riġel mas-Sistema ta' Protezzjoni Ta' quddiem: It-test isir b'velocità ta' impatt ta' 40 km fis-siegħa. Is-somma immedjata tal-forzi ta' l-impatt fir-rigward tal-ħin m'għandhiex tkun aktar minn 7,5 kN u l-mument ta' liwja fuq it-*test impactor* m'għandux ikun aktar minn 510 Nm.

It-test tal-Forma tan-Naħa ta' Fuq tar-Riġel mas-Sistema ta' Protezzjoni ta' Quddiem għandu jitwettaq jekk l-għoli l-aktar baxx tas-sistema ta' protezzjoni ta' quddiem fil-pożizzjoni tat-test hija iżjed minn 500 mm.

3.1.2.1. Madankollu, għal dak li għandu x'jaqsam ma' sistemi ta' protezzjoni ta' quddiem approvati bħala unitajiet tekniċi separati għall-użu biss fuq vetturi speċifikati ta' massa totali permissibbli li ma tisboqx iż-2,5 tunellati li ġew approvati bħala tip qabel l-1 ta' Ottubru 2005, jew vetturi ta' massa totali permissibbli li tisboq iż-2,5 tunellati, id-dispożizzjonijiet tal-paragrafu 3.1.2 jistgħu ikunu mibdula bid-dispożizzjonijiet tal-paragrafu 3.1.2.1.1 jew 3.1.2.1.2.

3.1.2.1.1. It-test jsir b'veloċità ta' impatt ta' 40 km fis-siegħa. Is-somma istantanja tal-forzi tal-impatt fir-rigward tal-ħin ma għandux jeċċedi 9,4 kN u il-mument ta' liwi fuq it-*test impactor* użat għat-test ma għandux jeċċedi 640 Nm.

3.1.2.1.2. Testijiet isiru fuq vetturi bis-sistema ta' protezzjoni ta' quddiem imwaħħla u mingħajr is-sistema ta' protezzjoni ta' quddiem imwaħħla b'veloċità ta' impatt ta' 40 km fis-siegħa. Iż-żewġ testijiet għandhom isiru f'postijiet ekwivalenti kif miftiehem ma' l-awtorità tat-test rilevanti. Il-valuri għas-somma istantanea tal-forzi ta' impatt u l-mument ta' liwi fuq it-*test impactor* jiġu rreġistrati. F'kull każ il-valur irreġistrat ta' kull vettura li għandha sistema ta' protezzjoni ta' quddiem imwaħħla m' għandux ikun aktar minn 90 % tal-valur irreġistrat fil-vettura mingħajr sistema ta' protezzjoni ta' quddiem imwaħħla.

3.1.2.2. Jekk l-għoli ta' taħt tas-sistema ta' protezzjoni ta' quddiem tkun inqas minn 500 mm dan it-test mhux meħtieġ.

3.1.3. Il-Forma tan-Naħa ta' Fuq tar-Riġel max-Xifer ta' Quddiem tas-Sistema ta' Protezzjoni ta' Quddiem. Dan it-test jitwettaq b'veloċità ta' impatt sa 40 km fis-siegħa. Is-somma instantanja tal-forzi ta' impatt fir-rigward tal-ħin, man-naħat ta' fuq u ta' isfel ta' l-*impactor* m'għandhiex tkun aktar minn objettiv possibbli ta' 5,0 kN u l-mument ta' liwi fuq l-*impactor* m'għandux ikun iktar minn objettiv possibbli ta' 300 Nm. Iż-żewġ riżultati għandhom jiġu reġistrati għal skopijiet ta' monitoraġġ biss.

3.1.4. Il-Forma tar-Ras ta' Tifel/Adult Żgħir mas-Sistema ta' Protezzjoni ta' Quddiem. Dan it-test jitwettaq b'veloċità ta' impatt ta' 35 km fis-siegħa waqt li jintuża *impactor* għat-test ta' forma tar-ras ta' 3,5 kg għat-tifel/adult żgħir. Il-kriterju ta' l-imġieba tal-forma tar-ras (HPC) ikkalkulat mir-riżultati tas-serje temporali ta' l-aċċelerometru, skond il-paragrafu 1.15, m'għandux jisboq l-1 000 fil-każijiet kollha.

ANNESS II

ID-DISPOŻIZZJONIJIET AMMINISTRATTIVI GĦALL-APPROVAZZJONI TAT-TIP

1. APPLIKAZZJONI GĦALL-APPROVAZZJONI TAT-TIP TAL-KE

1.1. Applikazzjoni għall-approvazzjoni tat-tip tal-KE ta' vettura b'riferiment għal armar tagħha b'sistema ta' protezzjoni ta' quddiem

1.1.1. Fl-Appendiċi 1 qed jingħata mudell tad-dokument ta' informazzjoni meħtieġ, skond l-Artikolu 3(1) tad-Direttiva 70/156/KEE.

1.1.2. Vettura rappreżentattiva tat-tip tal-vettura, armata b'sistema ta' protezzjoni ta' quddiem, li għaliha meħtieġa l-approvazzjoni, għandha tiġi ppreżentata lis-servizz tekniku responsabbli għall-approvazzjoni tat-tip. Fuq talba tas-servizz tekniku, komponenti speċifiċi jew kampjuni tal-materjali użati għandhom jiġu ppreżentati bl-istess mod.

1.2. Applikazzjoni għall-approvazzjoni tat-tip tal-KE b'riferiment għal sistemi ta' protezzjoni ta' quddiem meqjusa bħala unitajiet tekniċi separati.

1.2.1. Fl-Appendiċi 2 qed jingħata mudell tad-dokument ta' informazzjoni meħtieġ, skond l-Artikolu 3(4) tad-Direttiva 70/156/KEE.

1.2.2. Kampjun wieħed tat-tip tas-sistema ta' protezzjoni ta' quddiem li għad trid tiġi approvata għandu jiġi ppreżentat lis-servizz tekniku responsabbli mit-testijiet għall-approvazzjoni tat-tip. Jekk is-servizz jidhirlu li jkun hemm il-bżonn, jista' jitlob kampjuni oħra. Il-kampjuni għandhom jiġu mmarkati b'mod ċar u li ma jitħassarx bl-isem jew il-marka kummerċjali ta' l-applikant u l-indikazzjoni tat-tip. Għandha ssir dispożizzjoni għall-wiri obbligatorju sussegwenti tal-marka ta' l-approvazzjoni tat-tip tal-KE.

2. GĦOTI TA' L-APPROVAZZJONI TAT-TIP TAL-KE

2.1. Mudelli taċ-ċertifikati għall-approvazzjoni tat-tip tal-KE, skond l-Artikolu 4(3) u, jekk japplika, l-Artikolu 4(4) tad-Direttiva 70/156/KEE, jinsabu:

a) fl-Appendiċi 3 għall-applikazzjonijiet imsemmija f'paragrafu 1.1,

b) fl-Appendiċi 4 għall-applikazzjonijiet imsemmija f'paragrafu 1.2.

3. MARKA TA' L-APPROVAZZJONI TAT-TIP TAL-KE

3.1. Kull sistema ta' protezzjoni ta' quddiem li tikkonforma mat-tip approvat skond din id-Direttiva għandu jkollha marka ta' l-approvazzjoni tat-tip tal-KE.

3.2. Il-marka għandha tikkonsisti minn:

3.2.1. L-ittra "e" mdawra b'rettangolu, segwita min-numru jew mill-ittri distintivi ta' l-Istat Membru li ta l-approvazzjoni tat-tip:

1 għall-Ġermanja

2 għal Franza

3 għall-Italja

4 għall-Olanda

5 għall-Iżvezja

6 għall-Belġju

9 għal Spanja

11 għar-Renju Unit

12 għall-Awstrija

13 għal-Lussemburgu

17 għall-Finlandja

18 għad-Danimarka

21 għall-Portugal

23 għall-Greċja

IRL għall-Irlanda

49 għal Ċipru

8 għar-Repubblika Ċeka

29 għall-Estonja

7 għall-Ungerija

32 għal-Latvja

36 għal-Litwanja

50 għal Malta

20 għall-Polonja

27 għar-Repubblika Slovakka

26 għas-Slovenja

3.2.2. Qrib ir-rettangolu għandu jkun hemm "in-numru ta' l-approvazzjoni bażi" li jinsab fit-taqsima 4 tan-numerazzjoni ta' l-approvazzjoni tat-tip imsemmija fl-Anness VII tad-Direttiva 70/156/KEE, preċedut miż-żewġ figuri li jindikaw in-numru progressiv assenjat lill-aħħar emenda teknika sinifikattiva għal din id-Direttiva fid-data meta ngħatat l-approvazzjoni tat-tip tal-KE. F'din id-Direttiva in-numru progressiv huwa 01.

Asterisk imdaħħal wara n-numru ta' sekwenza jindika li s-sistema ta' protezzjoni ta' quddiem kienet approvata taħt il-konsiderazzjoni, għall-*impactor test* tal-forma tar-riġel, permessa mill-paragrafu 3.1.1.1 jew 3.1.2.1 ta' Anness I. Jekk din il-kunsiderazzjoni ma tingħatax mill-awtorità li trid tapprova, l-asterisk jiġi mibdul bi spazju.

3.3. Il-marka ta' l-approvazzjoni tat-tip tal-KE għandha titwaħħal mas-sistema ta' protezzjoni ta' quddiem b'mod li ma jitħassarx u li jkun jista' jinqara bla tbatija anke meta s-sistema tkun armata fuq vettura.

3.4. Eżempju tal-marka ta' l-approvazzjoni tat-tip tal-KE jinsab fl-Appendiċi 5.

Appendiċi 1

DOKUMENT TA' INFORMAZZJONI Nru […]

skond l-anness 1 tad-direttiva tal-kunsill 70/156/kee dwar l-approvazzjoni tat-tip tal-ke ta' vetturi fir-rigward tal-forniment ta' sistemi ta' protezzjoni ta' quddiem

L-informazzjoni li ġejja, jekk tapplika, għandha tiġi pprovduta fi tliet kopji u tinkludi lista tal-kontenut. Kwalunkwe disinn għandu jiġi pprovdut fl-iskala xierqa u f'dettall biżżejjed fuq daqs A4 jew f'fajl ta' daqs A4. Jekk ikun hemm ritratti, iridu juru dettall biżżejjed.

Jekk is-sistemi, komponenti jew partijiet tekniċi separati jużaw materjali speċjali, għandha tiġi pprovduta informazzjoni dwar ir-rendiment tagħhom.

0. ĠENERALI

0.1. Marka (l-isem tal-kummerċ tal-produttur):

0.2. Tip u deskrizzjoni(jiet) kummerċjali ġenerali:

0.3. Mezzi ta' identifikazzjoni tat-tip, jekk immarkati fuq il-vettura:

0.3.1. Pożizzjoni ta' din il-marka:

0.4. Kategorija tal-vettura:

0.5. Isem u indirizz tal-produttur:

0.8. Indirizz(i) ta' l-impjant(i) ta' kostruzzjoni:

1. KARATTERISTIĊI ĠENERALI TAL-KOSTRUZZJONI TAL-VETTURA

1.1. Ritratti u/jew disinji ta' vettura rappreżentattiva:

2. MASSA U DIMENSJONIJIET (f'kg u f'mm)
(fejn japplika, irreferi għad-disinji)

2.8. L-ogħla massa meta mgħobbija teknikament permissibbli kif iddikkjarata mill-produttur (mass. u min.):

2.8.1. Distribuzzjoni ta' din il-massa fuq il-fusijiet (mass. u min.):

9. KARROZZERIJA

9.1. Tip ta' karrozzerija:

9.[11]. Sistemi ta' protezzjoni ta' quddiem

9.[11].1. Skema ġenerali (disinji u ritratti) li tindika l-pożizzjoni tas-sistema ta' protezzjoni ta' quddiem u kif inhi mqabbda:

9.[11].2. Disinji u/jew ritratti, fejn hu relevanti, ta' xbieki għad-dħul ta' l-arja, ix-xibka tar-redjejter, dekorazzjonijiet, *badges*, emblemi u daħliet u kull parti oħra li tisporġi 'l barra u kull parti tal-wiċċ ta' barra li tista' titqies bħala essenzjali (eż. tagħmir għad-dawl). Jekk il-partijiet imniżżla fis-sentenza ta' qabel m'humiex essenzjali, għal skopijiet ta' dokumentazzjoni jistgħu jiġu sostitwiti minn ritratti, u jekk hemm bżonn, akkumpanjati b'dettalji dwar id-dimensjonijiet u/jew test:

9.[11].3. Dettalji kompleti ta' l-elementi meħtieġa għall-armar u istruzzjonijiet kompleti, inklużi ir-rekwiżiti tat-*torque*, għall-armar:

9.[11].4. Disinn tal-bampers:

9.[11].5. Disinn tal-linja bażi fit-tarf ta' quddiem tal-vettura:

Data:

Appendiċi 2

DOKUMENT TA' INFORMAZZJONI Nru …

dwar l-approvazzjoni tat-tip tal-ke ta' sistemi ta' protezzjoni ta' quddiem bħala unitajiet tekniċi separati (2005/66/KE)

L-informazzjoni li ġejja, jekk tapplika, għandha tiġi pprovduta fi tliet kopji u tinkludi lista tal-kontenut. Kwalunkwe disinn għandu jiġi pprovdut fl-iskala xierqa u f'dettall biżżejjed fuq daqs A4 jew f'fajl ta' daqs A4. Jekk ikun hemm ritratti, irid juru dettall biżżejjed.

Jekk is-sistemi, komponenti jew partijiet tekniċi separati jużaw materjali speċjali, għandha tiġi pprovduta informazzjoni dwar ir-rendiment tagħhom.

0. ĠENERALI

0.1. Marka (l-isem tal-kummerċ tal-produttur):

0.2. Tip u deskrizzjoni(jiet) kummerċjali ġenerali:

0.5. Isem u indirizz tal-produttur:

0.7. Pożizzjoni u metodu ta' kif għandha titwaħħal il-marka ta' l-approvazzjoni tat-tip tal-KE:

1. DESKRIZZJONI TAS-SISTEMA

1.1. Deskrizzjoni teknika dettaljata (inklużi ritratti jew disinji):

1.2. Istruzzjonijiet għall-immuntar u għall-armar, inklużi it-*torques* meħtieġa:

1.3. Lista tat-tipi ta' vettura li tista' tiġi armata fuqhom:

1.4. Kull restrizzjoni ta' l-użu u l-kundizzjonijiet għall-armar:

Appendiċi 3

(MUDELL)

(format massimu: A4 (210 x 297mm))

ĊERTIFIKAT GĦALL-APPROVAZZJONI TAT-TIP TAL-KE

TIMBRU TA' L-AMMINISTRAZZJONI

Komunikazzjoni dwar

— l-approvazzjoni tat-tip

— l-estensjoni ta' l-approvazzjoni tat-tip

— ir-rifjut ta' l-approvazzjoni tat-tip

— ir-revoka ta' l-approvazzjoni tat-tip

tat-tip ta' vettura armata b'sistema ta' protezzjoni ta' quddiem skond id-Direttiva 2005/66/KE.

Numru ta' l-approvazzjoni tat-tip:

Raġuni għall-estensjoni:

TAQSIMA I

0.1. Marka (l-isem tal-kummerċ tal-produttur):

0.2. Tip u deskrizzjoni(jiet) kummerċjali ġenerali:

0.3. Mezzi ta' identifikazzjoni tat-tip, jekk immarkati fuq il-vettura:

0.3.1. Pożizzjoni ta' din il-marka:

0.4. Kategorija tal-vettura:

0.5. Isem u indirizz tal-produttur:

0.7. Fil-każ tas-sistema ta' protezzjoni ta' quddiem, il-pożizzjoni tal-marka ta' l-approvazzjoni tat-tip tal-KE u l-metodu ta' kif għandha titwaħħal:

0.8. Indirizz(i) ta' l-impjant(i) ta' kostruzzjoni:

TAQSIMA II

1. Informazzjoni oħra (fejn tapplika): Ara l-Addendum
2. Servizz tekniku responsabbli għat-twettiq tat-testijiet:
3. Data tar-rapport tat-test:
4. Numru tar-rapport tat-test:
5. Rimarki (li jista' jkun hemm): Ara l-Addendum
6. Post:
7. Data:
8. Firma:
9. Qed jiġi mehmuż l-indiċi tal-pakkett ta' informazzjoni depożitat ma' l-awtorità għall-approvazzjoni, li tista' tintalab kopja tiegħu.

Addendum

għaċ-ċertifikat għall-approvazzjoni tat-tip tal-KE Nru [...]

dwar l-approvazzjoni tat-tip ta' vettura fir-rigward ta' l-armar ta' sistema ta' protezzjoni ta' quddiem

1. Informazzjoni oħra, jekk hemm:
2. Rimarki:
3. Anness I, paragrafu 3, riżultati tat-testijiet

Test	Valuri reġistrati		Għadda/Wehel
Forma tan-naħa t'isfel tar-riġel mas-sistema ta' protezzjoni ta' quddiem - 3 pożizzjonijiet tat-test (fejn saru)	Angolu ta' liwi	.... Gradi	
	Ċaqliq taħt pressjoni	.... mm	
	Aċċelerazzjoni fuq it-tibja	.... g	
Forma tan-naħa ta' fuq tar-riġel mas-sistema ta' protezzjoni ta' quddiem - 3 pożizzjonijiet tat-test (fejn saru)	Somma tal-forzi ta' l-impatt	.... kN	
	Mument ta' liwi	.... Nm	
Forma tan-naħa ta' fuq tar-riġel max-xifer ta' quddiem tas-sistema ta' protezzjoni ta' quddiem - 3 pożizzjonijiet tat-test (monitoraġġ biss)	Somma tal-forzi ta' l-impatt	.... kN	
	Mument ta' liwi	.... Nm	
Forma tar-ras ta' Tifel/Adult Żgħir (3,5 kg) mas-Sistema ta' Protezzjoni ta' quddiem	Valuri ta' l-HPC (ta' l-anqas 3 valuri)	....	

Appendiċi 4

(MUDELL)

(format massimu: A4 (210 x 297mm))

ĊERTIFIKAT GĦALL-APPROVAZZJONI TAT-TIP TAL-KE

TIMBRU TA' L-AMMINISTRAZZJONI

Komunikazzjoni dwar:

— l-approvazzjoni tat-tip

— l-estensjoni ta' l-approvazzjoni tat-tip

— ir-rifjut ta' l-approvazzjoni tat-tip

— ir-revoka ta' l-approvazzjoni tat-tip

ta' tip ta' sistema ta' protezzjoni ta' quddiem bħala unità teknika separata skond id-Direttiva 2005/66/KE.

Numru ta' l-approvazzjoni tat-tip:

Raġuni għall-estensjoni:

TAQSIMA I

0.1. Marka (l-isem kummurċjali tal-produttur):

0.2. Tip u deskrizzjoni(jiet) kummerċjali ġenerali:

0.3. Mezzi ta' identifikazzjoni tat-tip, jekk immarkati fuq is-sistema ta' protezzjoni ta' quddiem:

0.3.1. Pożizzjoni ta' din il-marka:

0.5. Isem u indirizz tal-produttur:

0.7. Pożizzjoni u metodu ta' kif għandha titwaħħal il-marka ta' l-approvazzjoni tat-tip tal-KE:

0.8. Indirizz(i) ta' l-impjant ta' assemblaġġ:

TAQSIMA II

1. Informazzjoni addizzjonali: Ara l-Addendum
2. Servizz tekniku responsabbli għat-twettiq tat-testijiet:
3. Data tar-rapport tat-test:
4. Numru tar-rapport tat-test:
5. Rimarki (li jista' jkun hemm): Ara l-Addendum
6. Post:
7. Data:
8. Firma:
9. Qed jiġi mehmuż l-indiċi tal-pakkett ta' informazzjoni ddepożitat ma' l-awtorità għall-approvazzjoni, li tista' tintalab kopja tiegħu.

Addendum

għaċ-ċertifikat għall-approvazzjoni tat-tip tal-KE Nru …

dwar l-approvazzjoni tat-tip ta' sistema ta' protezzjoni ta' quddiem fir-rigward tad-Direttiva 2005/66/KE

1. Informazzjoni oħra:

1.1. Metodu ta' tqabbid:

1.2. Istruzzjonijiet għall-immuntar u għall-armar:

1.3. Lista ta' vetturi li fuqhom tista' titqiegħed sistema ta' protezzjoni ta' quddiem, kwalunkwe restrizzjoni fl-użu u kundizzjonijiet neċessarji għat-tqegħid:

2. Rimarki:

3. Anness I paragrafu 3, riżultati tat-test

Test	Valuri reġistrati		Għadda/Weħel
Forma tan-naħa t'isfel tar-riġel mas-sistema ta' protezzjoni ta' quddiem - 3 pożizzjonijiet tat-test (fejn saru)	Angolu ta' liwi	…… …… Gradi ……	
	Ċaqliq taħt pressjoni	…… …… mm ……	
	Aċċelerazzjoni fuq it-tibja	…… …… g ……	
Forma tan-naħa ta' fuq tar-riġel mas-sistema ta' protezzjoni ta' quddiem - 3 pożizzjonijiet tat-test (fejn saru)	Somma tal-forzi ta' l-impatt	…… …… kN ……	
	Mument ta' liwi	…… …… Nm ……	
Forma tan-naħa ta' fuq tar-riġel max-xifer ta' quddiem tas-sistema ta' protezzjoni ta' quddiem - 3 pożizzjonijiet tat-test (monitoraġġ biss)	Somma tal-forzi ta' l-impatt	…… …… kN ……	
	Mument ta' liwi	…… …… Nm ……	
Forma tar-ras ta' Tifel/Adult Żgħir (3,5 kg) mas-Sistema ta' Protezzjoni Ta' quddiem	Valuri ta' l-HPC (ta' l-anqas 3 valuri)	…… …… ……	

Appendiċi 5

Eżempju tal-Marka ta' l-Approvazzjoni tat-Tip tal-KE



(a ≥ 12 mm)

L-istrument li għandu fuqu l-marka ta' l-approvazzjoni tat-tip tal-KE hawn fuq murija huwa għal sistema ta' protezzjoni ta' quddiem approvata bħala tip fil-Ġermanja (e1) skond din id-Direttiva (01) taħt in-numru ta' l-approvazzjoni bażi 1471.

L-asterisk jindika li s-sistema ta' protezzjoni ta' quddiem kienet approvata taħt il-kunsiderazzjoni, għall-*impactor test* tal-forma tar-riġel, permessa mill-paragrafu 3.1.1.1 jew 3.1.2.1 ta' l-Anness I. Jekk din il-kunsiderazzjoni mhix garantita mill-awtorità ta' l-approvazzjoni l-asterisk jinbidel bi spazju.

ANNESS III

EMENDI GĦAD-DIRETTIVA 70/156/KEE

L-Annessi tad-Direttiva 70/156/KEE għandhom jiġu emendati kif ġej:

1. Fl-Anness I, għandhom jiddaħħlu l-punti li ġejjin:

9.[24] "Sistemi ta' protezzjoni ta' quddiem

9.[24].1 Għandha tiġi pprovduta deskrizzjoni dettaljata, inklużi ritratti u/jew disinji, tal-vettura f'dak li għandu x'jaqsam ma' l-istruttura, mad-dimensjonijiet, mal-linji ta' referenza relevanti u mal-materjali kostitwenti tas-sistema ta' protezzjoni ta' quddiem u tan-naħa ta' quddiem tal-vettura.

9.[24].2 Għandha tiġi pprovduta deskrizzjoni dettaljata, inklużi ritratti u/jew disinji, tal-metodu kif is-sistema ta' protezzjoni ta' quddiem għandha tiġi armata fuq il-vettura. Din id-deskrizzjoni għandha tinkludi d-dimensjonijiet kollha tal-boltijiet u t-*torques* meħtieġa."

2. Fl-Anness III, Parti I, Taqsima A, għandhom jiddaħħlu l-punti li ġejjin:

9.[24]

"9.[24].1 Għandha tiġi provduta deskrizzjoni dettaljata, inklużi ritratti u/jew disinji, tal-vettura f'dak li għandu x'jaqsam ma' l-istruttura, mad-dimensjonijiet, mal-linji ta' referenza relevanti u mal-materjali kostitwenti tas-sistema ta' protezzjoni ta' quddiem u tan-naħa ta' quddiem tal-vettura.

9.[24].2 Għandha tiġi provduta deskrizzjoni dettaljata, inklużi ritratti u/jew disinji, tal-metodu kif is-sistema ta' protezzjoni ta' quddiem għandha tiġi armata fuq il-vettura. Din id-deskrizzjoni għandha tinkludi d-dimensjonijiet kollha tal-boltijiet u t-*torques* meħtieġa."

3. Fl-Anness IV, Parti I, għandu jiżdied il-punt li ġej:

Suġġett	Numru tad-Direttiva	Riferenza tal-ġurnal uffiċjali	Applikabilità									
			M_1	M_2	M_3	N_1	N_2	N_3	O_1	O_2	O_3	O_4
"[60] Sistema ta' protezzjoni ta' quddiem	2005/66/KE	L 309, 25.11.2005, p. 37	X (*)	-	-	X	-	-				

(*) b'massa totali permissibbli ta' mhux aktar minn 3,5 tunnellati"

4. L-Anness XI għandu jiġi emendat kif ġej:

(a) Fl-Appendiċi 1, għandu jiżdied il-punt li ġej:

Punt	Suġġett	Numru tad-Direttiva	$M_1 \leq 2\,500$ (1) kg	$M_1 > 2\,500$ (1) kg	M_2	M_3
"[60]	Sistema ta' protezzjoni ta' quddiem	2005/66/KE	X	X (*)	-	-

(*) b'massa totali permissibbli ta' mhux aktar minn 3,5 tunnellati."

(b) Fl-Appendiċi 2, għandu jiżdied il-punt li ġej:

Punt	Suġġett	Numru tad-Direttiva	M_1	M_2	M_3	N_1	N_2	N_3	O_1	O_2	O_3	O_4
"[60]	Sistema ta' protezzjoni ta' quddiem	2005/66/KE	-	-	-	-	-	-	-	-	-	-"

(ċ) Fl-Appendiċi 3, għandu jiżdied il-punt li ġej:

Punt	Suġġett	Numru tad-Direttiva	M_2	M_3	N_1	N_2	N_3	O_1	O_2	O_3	O_4
"[60]	Sistema ta' protezzjoni ta' quddiem	2005/66/KE	-	-	-	-	-	-	-	-	-"